



Dokument ta' sessjoni

A9-0196/2020

20.10.2020

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa - għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa")

(COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Cristian-Silviu Buşoi

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jiħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

	Paġna
ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	104
POŻIZZJONI FIL-FORMA TA' EMENDI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN- NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI	144
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	178
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	179

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa")
(COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0405),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 168(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0152/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' ...¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' ...²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits u l-l-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0196/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C ... / Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² ĠU C ... / Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fl-attivitajiet kollha tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u b'hekk tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneru.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) F'konformità **mal-Artikolu 9 u mal-Artikolu 168** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), irid jiġi żgurat li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet kollha tal-Unjoni.

(2) F'konformità **mal-Artikoli 9, 114, 168 u 191** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), irid jiġi żgurat li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet kollha tal-Unjoni.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) L-Artikolu 168 tat-TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha tikkomplementa u tappoġġa l-politiki nazzjonali dwar is-saħħa, tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tippromwovi l-koordinazzjoni bejn il-programmi tagħhom, "filwaqt li tħares bis-sħiħ ir-

(3) L-Artikolu 168 tat-TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha tikkomplementa u tappoġġa l-politiki nazzjonali dwar is-saħħa, tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, **b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera**, u tippromwovi l-koordinazzjoni bejn il-programmi

responsabbiltajiet *tal-Istati Membri rigward id-definizzjoni tal-politiki* tas-saħħa tagħhom u *l-organizzazzjoni u t-twassil tas-servizzi* tas-saħħa u tal-kura medika.

tagħhom, filwaqt li tħares bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet *ta' kull Stat Membru biex jiddefinixxu l-politiki* tas-saħħa tagħhom u *biex jorganizzaw, iwasslu u jiġġestixxu s-servizzi* tas-saħħa u tal-kura medika.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat *it-tifqigħa tal-coronavirus* il-ġdid (*COVID-19*) bħala pandemija globali. *Din* il-pandemija *kkawżat* kriżi tas-saħħa dinjija bla preċedent b'konsegwenzi soċjoekonomiċi severi u tbatija kbira għall-bniedem.

Emenda

(5) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), *minħabba żieda esponenzjali ta' każijiet*, iddikjarat *il-COVID-19 (il-marda li tirriżulta mill-coronavirus* il-ġdid *SARS-CoV-2)*, u *t-tifqigħa tal-marda respiratorji assoċjata*, bħala pandemija globali. Il-pandemija *tal-COVID-19 u b'mod aktar speċifiku l-każijiet moderati sa severi tal-marda li jeħtieġu kura medika intermedja u intensiva wasslu diversi sistemi tas-saħħa biex jikkrollaw fi ħdan u barra l-Unjoni*, *ikkawżat* kriżi tas-saħħa dinjija bla preċedent b'konsegwenzi soċjoekonomiċi severi u tbatija kbira għall-bniedem, *b'mod partikolari affettwat nies b'kundizzjonijiet kroniċi, ikkawżat kemm imwiet prematuri u kundizzjonijiet kroniċi, u l-aktar li affettwat kien lill-vulnerabbli, lill-pazjenti, lin-nisa, lit-tfal, lill-persuni li jindukraw u lill-anzjani. Is-severità tal-kriżi turi wkoll l-importanza tal-azzjoni tal-Unjoni u ta' rispons adegwat għat-theddid li jirriżulta minn mard infettiv, u b'mod ġenerali tat-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-Unjoni biex jikkomplementaw il-politiki nazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika.*

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

(5a) *Il-parti l-kbira tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, li kienu essenzjali matul il-kriżi tal-COVID-19, huma nisa, u dawn ġew esposti għal riskji tas-saħħa akbar matul il-kriżi.*

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 5b (ġdida)

(5b) *Fid-dawl tal-fatt li l-effetti tal-mard jistgħu jvarjaw bejn l-irġiel u n-nisa, kif jidher ċar fil-każ tal-COVID-19, li għandha rata ogħla ta' mortalità fl-irġiel, il-Programm jenħtieġ li janalizza l-kawżi tal-imġiba tal-mard sabiex isiru avvanzi fir-rigward tal-patoloġija, it-trattament u l-kuri.*

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 6

(6) Filwaqt li l-Istati Membru huma responsabbli għall-politika tas-saħħa tagħhom, huma mistennija jiproteġu s-saħħa pubblika fi spirtu ta' solidarjetà Ewropea⁸. L-esperjenza mill-kriżi li għaddejja bħalissa tal-COVID-19 uriet li hemm ħtieġa għal iktar azzjoni b'saħħitha fil-livell tal-Unjoni sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri, **biex ittejjeb** il-prevenzjoni u l-kontroll tal-firxa tal-mard sever fil-bniedem lil hinn mill-fruntieri, biex tiġġieled it-theddid transfruntier serju għas-saħħa u biex tissalvagwardja **s-saħħa** u l-

(6) Filwaqt li l-Istati Membru huma responsabbli għall-politika tas-saħħa tagħhom, huma mistennija jiproteġu s-saħħa pubblika fi spirtu ta' solidarjetà Ewropea⁸. L-esperjenza mill-kriżi li għaddejja bħalissa tal-COVID-19 uriet li hemm ħtieġa għal iktar azzjoni b'saħħitha fil-livell tal-Unjoni sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri, **b'mod partikolari bejn ir-reġjuni tal-fruntiera ġirien, kif ukoll bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li ttejjeb it-tħejjija**, il-prevenzjoni u l-kontroll tal-firxa tal-mard **u infezzjonijiet severi** fil-

benessri tan-nies fl-Unjoni.

bniedem lil hinn mill-fruntieri, **biex jiġu żviluppati u jsiru disponibbli prodotti għall-prevenzjoni u t-trattament tal-mard**, biex tiġġieled it-theddid transfruntier serju għas-saħħa, u biex tissalvagwardja **u ttejjeb is-saħħa** u l-benessri tan-nies **kollha** fl-Unjoni. **It-tnejnija hija l-fattur ewlieni biex tittejjeb ir-reżiljenza għat-theddid futur, filwaqt li l-Istati Membri, fid-dawl tar-responsabbiltà tagħhom għall-ġoti tal-kura tas-saħħa, jenħtieġ li jwettqu testijiet tal-istress fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom biex jidentifikaw dgħufijiet u jivverifikaw li huma ppreparati għal kwalunkwe kriżi tas-saħħa li jista' jkun hemm fil-futur.**

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Grupp tal-Euro dwar rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19, COM(2020)112 final tat-13.03.2020.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Grupp tal-Euro dwar rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19, COM(2020)112 final tat-13.03.2020.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Filwaqt li l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa hija limitata, l-Unjoni jenħtieġ li ssegwi strateġija koerenti tas-saħħa pubblika sabiex tirrispondi għall-epidemiji eżistenti billi tqis l-ispeċifiċitajiet reġjonali u nazzjonali u jkollha l-kapaċità li tiffaċċja realtajiet u theddid għas-saħħa futuri inkwetanti, bħal pandemiji u theddid transfruntier, inklużi r-reżistenza għall-antimikrobiċi, is-saħħa ambjentali u l-impatti fuq is-saħħa li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa u fil-kisba ta' kopertura tas-saħħa

universali, inkluż il-forniment ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, l-indirizzar ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, l-indirizzar tal-isfidi relatati ma' gruppi vulnerabbli, bħat-tfal, il-kura tat-trabi u dik materna, it-tixjijiet tal-popolazzjoni, il-mard kroniku, u l-prevenzjoni tal-mard, fil-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa, is-servizzi ta' prevenzjoni u t-tnejn tas-sistemi tas-saħħa tagħhom għal teknoloġiji emerġenti sabiex jibbenefikaw bis-sħiħ mir-rivoluzzjoni diġitali filwaqt li jfittxu sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni bħal Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, il-programm Nikkollegaw l-Ewropa jew il-Programm Spazjali tal-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit Programm ġdid għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa, imsejjaħ il-Programm l-UE għas-Saħħa ("il-Programm") għall-perjodu 2021-2027. F'konformità mal-għanijiet tal-azzjoni tal-Unjoni u mal-kompetenzi tagħha fil-qasam tas-saħħa pubblika, jenħtieġ li l-Programm jagħmel enfasi fuq l-azzjonijiet li għandhom vantaġġi u gwadanji fl-effiċjenza marbuta magħhom mill-kollaborazzjoni **u l-kooperazzjoni** fil-livell **tal-Unjoni** u fuq l-azzjonijiet li għandhom impatt fuq is-suq intern.

Emenda

(7) Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit Programm ġdid għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa **pubblika**, imsejjaħ il-Programm l-UE għas-Saħħa ("il-Programm") għall-perjodu 2021-2027. F'konformità mal-għanijiet tal-azzjoni tal-Unjoni u mal-kompetenzi tagħha fil-qasam tas-saħħa pubblika, jenħtieġ li l-Programm jagħmel enfasi fuq l-azzjonijiet li għandhom vantaġġi u gwadanji fl-effiċjenza marbuta magħhom mill-kollaborazzjoni **fil-livell tal-Unjoni kif ukoll kooperazzjoni transfruntiera** fil-livell **reġjonali** u fuq l-azzjonijiet li għandhom impatt fuq is-suq intern. **Huwa meħtieġ approċċ olistiku biex jittejbu l-eżiti tas-saħħa, u dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE jenħtieġ li jiżguraw li l-prinċipju tas-"saħħa fil-politiki kollha" jiġi applikat fit-tfassil kollu tal-politika.**

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Minħabba n-natura serja tat-theddid transfruntier għas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri tas-saħħa pubblika kkoordinati fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw aspetti differenti tat-tali theddid. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tħejji **għall-kriżijiet** tas-saħħa, li tirrispondi għalihom u li timmaniġġjahom, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mekkaniżmi u strutturi rilevanti oħra stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-ħżin strateġiku ta' provvisti mediċi essenzjali jew il-bini ta' kapaċità fir-rispons għall-kriżi, miżuri preventivi relatati mat-tilqim u l-immunizzazzjoni, u programmi ta' sorveljanza msaħħa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm, fl-Unjoni kollha u fost is-setturi kollha, irawwem prevenzjoni għall-kriżijiet, it-tħejjija, sorveljanza, ġestjoni u kapaċità għar-rispons fl-atturi tal-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż ippjanar ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' tħejjija, filwaqt li jimplementaw **l-approċċ "Saħħa Waħda"**. Jenħtieġ li dan jiffaċilita t-twaqqif ta' qafas integrat u trażversali għall-komunikazzjoni tar-riskju fil-fażijiet kollha ta' kriżi tas-saħħa — il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid

Emenda

(10) Minħabba n-natura serja tat-theddid transfruntier għas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri tas-saħħa pubblika kkoordinati fil-livell tal-Unjoni, **kif ukoll bejn ir-reġjuni ġirien**, biex jindirizzaw aspetti differenti tat-tali theddid. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tħejji **għal kwalunkwe kriżi** tas-saħħa **futura**, li tirrispondi għalihom u li timmaniġġjahom, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mekkaniżmi u strutturi rilevanti oħra stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-ħżin strateġiku ta' provvisti mediċi essenzjali jew il-bini ta' kapaċità fir-rispons għall-kriżi, miżuri preventivi relatati mat-tilqim u l-immunizzazzjoni, u programmi ta' sorveljanza msaħħa, **informazzjoni dwar is-saħħa, u pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki**. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm, fl-Unjoni kollha u fost is-setturi kollha, irawwem prevenzjoni għall-kriżijiet, it-tħejjija, sorveljanza, ġestjoni u kapaċità għar-rispons fl-atturi tal-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż ippjanar ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' tħejjija, filwaqt li jimplementaw **l-approċċi "Saħħa Waħda" u "Saħħa fil-politiki kollha"**. Jenħtieġ li dan jiffaċilita t-twaqqif ta' qafas integrat u trażversali għall-komunikazzjoni tar-riskju fil-fażijiet kollha ta' kriżi tas-saħħa – il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid

transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) **Billi fi żmien emerġenza ta' kriżi tas-saħħa l-valutazzjoni** tat-teknoloġija tas-saħħa **kif ukoll il-provi** kliniċi jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp rapidu ta' kontromiżuri mediċi, **jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ biex jiffaċilita t-tali azzjonijiet.** Il-Kummissjoni adottat proposta¹¹ dwar il-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (HTA) sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni.

¹¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE, COM(2018) 51 final ta' 31.01.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Bil-ħsieb li jipproteġu lil dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż dawk li jbatu minn mard mentali u mard kroniku, jenħtieġ li l-Programm jippromwovi wkoll azzjonijiet li jindirizzaw l-impatti kollaterali tal-kriżi tas-saħħa fuq in-nies li jiffurmaw parti minn dawn il-gruppi

Emenda

(11) **Fil-kuntest tal-kriżijiet tas-saħħa pubblika, il-valutazzjoni** tat-teknoloġija tas-saħħa **(HTA) u l-provi** kliniċi jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp rapidu, **l-identifikazzjoni u d-disponibbiltà** ta' kontromiżuri mediċi. Il-Kummissjoni adottat proposta¹¹ dwar il-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (HTA) sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni. **Il-programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ biex jiffaċilita tali azzjonijiet.**

¹¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE, COM(2018) 51 final ta' 31.01.

vulnerabbli.

*disfunzjonijiet newroloġiċi, jenħtieġ li l-Programm jippromwovi wkoll azzjonijiet li jindirizzaw l-impatti kollaterali tal-kriżi tas-saħħa fuq in-nies li jiffurmaw parti minn dawn il-gruppi vulnerabbli. **Bil-għan li jiġu ggarantiti standards għolja kontinwi ta' servizzi tal-kura tas-saħħa essenzjali, inkluża l-prevenzjoni, jenħtieġ li l-Programm, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi u pandemiji, iħeġġeġ tranżizzjoni lejn telemediċina aċċessibbli u affordabbli, amministrazzjoni mid-dar tal-medikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet preventivi u ta' awtokura, fejn ikun possibbli u xieraq, filwaqt li jiġi żgurat li l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u dawk ta' prevenzjoni jingħata lill-pazjenti b'mard kroniku u lill-pazjenti f'riskju.***

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Bil-kriżi tal-COVID-19 feġġew ħafna sfidi fl-iżgurar tal-provvista tal-mediċini, tal-apparat mediku kif ukoll tat-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġa fl-Unjoni matul il-pandemiji. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li **jrawmu l-produzzjoni**, l-akkwist u l-ġestjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżi u li dan jiżgura l-komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni.

Emenda

(13) Bil-kriżi tal-COVID-19 feġġew ħafna sfidi, **inkluża d-dipendenza tal-Unjoni fuq pajjiżi terzi** fl-iżgurar tal-provvista **tal-materja prima kimika u l-materjali tal-bidu, tal-ingredjenti farmaċewtiċi attivi**, tal-mediċini, tal-apparat mediku kif ukoll tat-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġa fl-Unjoni matul il-pandemiji. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li **jżidu s-sigurtà tal-produzzjoni, l-akkwist, il-ġestjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi fl-Unjoni u jnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi terzi billi jinkoraġġixxi d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista, irawwem il-produzzjoni**, l-akkwist u l-ġestjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżi u li dan jiżgura l-komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni, **biex inaqqas ir-riskju ta'**

nuqqasijiet, speċjalment f'perjodi ta' kriżijiet tas-saħħa.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi għas-saħħa pubblika tat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, jenħtieġ li jkun possibbli li l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm ikunu jkopru l-koordinazzjoni tal-attivitajiet li jsaħħu l-interoperabbiltà u l-koerenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri permezz tal-valutazzjoni komparattiva, tal-kooperazzjoni u tal-iskambju tal-aħjar prattiki u li dawn ikunu jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jirrispondu għal emerġenzi tas-saħħa, li tinkludi l-ippjanar ta' kontinġenza, l-eżerċizzji ta' tħejjija u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ effiċjenti u għad-distribuzzjoni jew għall-allokazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa fi żmien kriżi ġestiti skont il-bżonn.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi għas-saħħa pubblika tat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, jenħtieġ li jkun possibbli li l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm ikunu jkopru l-koordinazzjoni tal-attivitajiet li jsaħħu l-interoperabbiltà u l-koerenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri permezz tal-valutazzjoni komparattiva, tal-kooperazzjoni u tal-iskambju tal-aħjar prattiki ***anke permezz ta' żieda fin-numru ta' Azzjonijiet Konġunti*** u li dawn ikunu jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jirrispondu għal emerġenzi tas-saħħa, li tinkludi l-ippjanar ta' kontinġenza, l-eżerċizzji ta' tħejjija u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ effiċjenti u għad-distribuzzjoni jew għall-allokazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa fi żmien kriżi ġestiti skont il-bżonn, ***li se jkunu partikolarment ta' benefiċċju f'kuntast transfruntier.***

*liċ-ċittadini Ewropej u tiġġieled kontra d-diżinformazzjoni. Dan jista' jinkludi firxa wiesgħa ta' informazzjoni, kampanji ta' prevenzjoni u programmi għall-
edukazzjoni taż-żgħażaġh. Dan il-portal jista' jintuża wkoll biex, f'kooperazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ("ECDC"), jippromwovi kopertura komprensiva ta' immunizzazzjoni fil-livell Ewropew.*

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-esperjenza mill-kriżi tal-COVID-19 indikat li hemm bżonn ġenerali ta' appoġġ għat-trasformazzjoni strutturali tas-sistemi tas-saħħa madwar l-Unjoni u għar-riformi sistemiċi tagħhom biex jittejjbu l-effettività, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tagħhom. Fil-kuntest tat-tali trasformazzjoni u tat-tali riformi, jenħtieġ li b'sinerġija mal-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm jippromwovi azzjonijiet li jmexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa u li jżidu l-interoperabbiltà tagħhom, li jikkontribwixxu biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika li jrawmu l-prevenzjoni tal-mard u li jippromwovu s-saħħa, li jipprovdu mudelli ġodda tal-kura u li joffru servizzi integrati, mill-kura komunitarja u l-kura tas-saħħa primarja sas-servizzi speċjalizzati ħafna, abbażi tal-ħtiġijiet tan-nies, u li jiżguraw ħaddiema **tas-saħħapubblika** effikaċi li jkollhom il-ħiliet tajbin, fosthom dawk diġitali. L-iżvilupp ta' spazju Ewropew tad-data tas-saħħa għandu jipprovdi lis-sistemi tal-kura tas-saħħa, lir-riċerkaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi bil-mezzi li jtejjbu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-kura tas-saħħa. Meta wieħed iqis id-dritt fundamentali għall-aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u għat-

Emenda

(15) L-esperjenza mill-kriżi tal-COVID-19 indikat li hemm bżonn ġenerali ta' appoġġ għat-trasformazzjoni strutturali tas-sistemi tas-saħħa madwar l-Unjoni u għar-riformi sistemiċi tagħhom biex jittejjbu l-effettività, l-aċċessibbiltà, **is-sostenibbiltà** u r-reżiljenza tagħhom. Fil-kuntest tat-tali trasformazzjoni u tat-tali riformi, jenħtieġ li b'sinerġija mal-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm jippromwovi azzjonijiet li jmexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa u li jżidu l-interoperabbiltà tagħhom, li jikkontribwixxu biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika li jrawmu l-prevenzjoni tal-mard **primordjali, primarju, sekondarju, terzjarju u kwaternarju** u li jippromwovu s-saħħa, li jipprovdu mudelli ġodda tal-kura **bbażati fuq is-saħħa** u li joffru servizzi integrati, mill-kura komunitarja u l-kura tas-saħħa primarja sas-servizzi speċjalizzati ħafna, abbażi tal-ħtiġijiet tan-nies **b'tali mod li jtejjbu l-livelli taċ-ċittadini fir-rigward tal-litteriżmu fis-saħħa u litteriżmu diġitali fis-saħħa**, u li jiżguraw ħaddiema **tas-saħħa pubblika** effikaċi li jkollhom il-ħiliet tajbin, fosthom dawk diġitali, **aġġornati b'mod regolari fid-dawl tal-progress xjentifiku u teknoloġiku, kif**

trattament mediku kif minqux fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u quddiem il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2006, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li jiżguraw l-universalità u l-inklużività tal-kura tas-saħħa, li jfisser li ħadd ma jista' jiġi rrifjutat milli jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa, u jappoġġa wkoll dawk l-azzjonijiet li jiżguraw li d-drittijiet tal-pazjenti, inkluż dawk dwar il-privatezza tad-data tagħhom, jiġu protetti kif xieraq.

previst fid-Direttiva 2005/36 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. Is-sinerġija bejn il-Programm Ewropew tas-Saħħa u l-Programm Ewropa Diġitali jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-espansjoni tas-saħħa elettronika, filwaqt li tnaqqas l-ivvjaġġar bla bżonn u l-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux issodisfati. L-iżvilupp ta' spazju Ewropew tad-data tas-saħħa u ta' rekord elettroniku tas-saħħa Ewropew għandu jipprovdi lis-sistemi tal-kura tas-saħħa, lir-riċerkaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi bil-mezzi li jtejbu l-aċċessibilità, l-affordabilità, id-disponibilità u l-kwalità tal-kura tas-saħħa, b'tali mod li jiżdied l-ammont ta' data disponibbli għall-pazjenti u l-ħaddiema tas-saħħa, u b'hekk titjeb il-kwalità tal-kura tas-saħħa u l-libertà ta' moviment tal-pazjenti madwar l-Unjoni. Meta wieħed iqis id-dritt fundamentali għall-aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u għat-trattament mediku kif minqux fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u quddiem il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2006, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li jiżguraw l-universalità u l-inklużività tal-kura tas-saħħa, li jfisser li ħadd ma jista' jiġi rrifjutat milli jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa, u jappoġġa wkoll dawk l-azzjonijiet li jiżguraw li d-drittijiet tal-pazjenti, inkluż dawk dwar il-privatezza tad-data tagħhom, jiġu protetti kif xieraq. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-aċċess għad-data personali dwar is-saħħa u l-kondiviżjoni tagħha mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-GDPR u ż-żieda fil-ħiliet diġitali tal-pazjenti.

¹² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1).

¹² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1).

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Is-sensittività u l-għarfien fir-rigward tal-ġeneri u tas-sessi jeħtieġ li jittejbu fl-edukazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, ir-riċerka, id-dijanjożi, it-trattament u l-impatt tal-mediċini u tat-terapewtika biex iż-żewġ sessi jiġu mifhuma u kkurati aħjar.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15b) Skont l-Artikolu 153 tat-TFUE, l-Unjoni għandha tappoġġa u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri dwar it-titjib tal-ambjent tax-xogħol, u l-protezzjoni tas-saħħa, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema. Huwa importanti li jitqies l-ammont kbir ta' ħin li l-ħaddiema jqattgħu fil-postijiet tax-xogħol tagħhom u r-riskju ta' saħħa potenzjali li jistgħu jkunu esposti għalih, bħal sustanzi ta' periklu għas-saħħa u karċinoġeni u movimenti ripetuti, li jwasslu għal piż kbir fir-rigward tal-inkapaċità u l-ġhadd ta' ġranet ta' xogħol mitlufin, li b'riżultat ta' dan ikun hemm konsegwenzi għall-individwu, il-familja u s-soċjetà. Jenħtieġ li l-Programm jirrifletti wkoll l-importanza tas-saħħa okkupazzjonali u l-impatt tagħha fuq il-ħaddiema tas-saħħa u s-soċjetajiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tinholq leġiżlazzjoni ġdida li ttejjeb il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-ħaddiema,

ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, tippromwovi l-benessri u saħħa mentali aħjar u tipprevjeni rtirar kmieni minħabba problemi tas-saħħa u ġestjoni ħażina tas-saħħa.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 15c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15c) Jenħtieġ li l-Programm jiffaċilita r-reviżjoni tal-mandat tal-EU-OSHA biex jippromwovi postijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri madwar l-Unjoni u biex jappoġġa l-attivitajiet u l-analiżi tal-Aġenzija rigward is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi qafas strateġiku tal-Unjoni ġdid dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027 u tkompli taġġorna d-direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-karċinoġeni jew il-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll azzjonijiet li jiffaċilitaw ir-ritorn tal-persuni għall-post tax-xogħol wara liv fit-tul minħabba mard jew li jinkludu aħjar fil-forza tax-xogħol il-persuni li għandhom mard kroniku jew diżabbiltà.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) Jekk in-nies jinżammu f'saħħithom u attivi aktar fit-tul u jitħeġġu biex jieħdu rwol attiv fit-tmexxija ta' saħħithom, dan iħalli effetti pożittivi fuq is-saħħa, l-

(16) *Is-saħħa hija investment u jenħtieġ li l-Programm ikollu dan il-kunċett fil-qalba tiegħu.* Jekk in-nies jinżammu f'saħħithom u attivi aktar fit-tul

inugwaljanzi fis-saħħa, il-kwalità tal-ħajja, il-produttività, il-kompetittività u l-inklużività, filwaqt li tonqos il-persjoni fuq il-baġits nazzjonali. Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tgħin lill-Istati Membri jilhq u l-miri ta' żvilupp sostenibbli stabbiliti fl-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU", b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età".¹³ Għalhekk jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-azzjonijiet meħuda biex jintlaħqu *dawn* l-għanijiet.

u jitħeġġu biex jieħdu rwol attiv fit-tmexxija ta' saħħithom, *billi jtejbu l-litteriżmu fis-saħħa tagħhom*, dan iħalli effetti pożittivi fuq is-saħħa, l-inugwaljanzi fis-saħħa, *id-diskrepanzi fis-saħħa*, il-kwalità tal-ħajja, il-produttività, il-kompetittività u l-inklużività, filwaqt li tonqos il-persjoni fuq il-baġits *u s-sistemi tas-saħħa* nazzjonali. *Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa wkoll l-azzjoni biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-provvista tal-kura tas-saħħa f'żoni rurali u remoti, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, għall-fini li jinkiseb tkabbir inklużiv.* Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tgħin lill-Istati Membri jilhq u l-miri ta' żvilupp sostenibbli stabbiliti fl-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU", b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età".¹³ Għalhekk jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-azzjonijiet meħuda biex jintlaħqu l-għanijiet *tal-SDGs, u konsegwentement jittejbu d-determinanti soċjali tas-saħħa u titjeb is-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni.*

¹³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli. Azzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà (COM(2016) 739 final, 22.11.2016).

¹³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli. Azzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà (COM(2016) 739 final, 22.11.2016).

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-mard li ma jitteħidx ġej minn taħlita ta' *fatturi* ġenetiċi, fiżjoloġiċi, ambjentali *u ta' mġiba*. Dan il-mard li ma jitteħidx, bħall-mard kardjovaskulari, il-

Emenda

(17) Il-mard li ma jitteħidx ġej minn taħlita ta' *determinanti* ġenetiċi *u tas-saħħa* (fiżjoloġiċi, *ta' mġiba u* ambjentali). Dan il-mard li ma jitteħidx,

kanċer, il-mard respiratorju kroniku, **u d-dijabete**, jirrappreżenta l-kawżi ewlenin tad-diżabbiltà, tal-problemi ta' saħħa, tal-irtirar marbut mas-saħħa, u tal-imwiet prematuri fl-Unjoni, li jirriżulta f'impatti soċjali u ekonomiċi konsiderevoli. Sabiex jitnaqqas l-impatt tal-mard li ma jitteħidx fuq l-individwi u fuq is-soċjetà fl-Unjoni u tintlaħaq il-Mira 3.4 tal-għan 3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiġifieri li titnaqqas il-mortalità prematura mill-mard li ma jitteħidx b'terz sal-2030, huwa essenzjali li jkun hemm rispons integrat li jiffoka fuq **il-prevenzjoni** fis-setturi **u fl-oqsma ta' politika kollha**, flimkien ma' sforzi biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa.

bħall-mard kardjovaskulari, il-kanċer, **l-obeżità**, il-mard respiratorju kroniku, **id-dijabete**, **il-mard dwar is-saħħa mentali u d-dizfunzjonijiet newroloġiċi** jirrappreżenta l-kawżi ewlenin tad-diżabbiltà, tal-problemi ta' saħħa, tal-irtirar marbut mas-saħħa, u tal-imwiet prematuri fl-Unjoni, **filwaqt li l-mard li ma jitteħidx kien responsabbli għal 87 % tas-Snin ta' Ħajja Aġġustati minħabba Diżabbiltà (DALYs) fl-Unjoni fl-2017**, li jirriżulta f'impatti **emozzjonali**, soċjali u ekonomiċi konsiderevoli. Sabiex jitnaqqas l-impatt tal-mard li ma jitteħidx fuq l-individwi u fuq is-soċjetà fl-Unjoni u tintlaħaq **b'mod partikolari iżda mhux esklussivament** il-Mira 3.4 tal-għan 3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiġifieri li titnaqqas il-mortalità prematura mill-mard li ma jitteħidx b'terz sal-2030, huwa essenzjali li jkun hemm rispons integrat li jiffoka fuq **il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni** fis-setturi, **fl-ispeċjalitajiet u l-oqsma ta' politika**, **b'kunsiderazzjoni tan-natura interrelatata ta' ħafna mill-mard li ma jitteħidx**, flimkien ma' sforzi biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa **u l-provvista ta' mediċini xierqa, dwar it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk huwa kruċjali biex jinkiseb tnaqqis effettiv u sostenibbli fil-mard li ma jitteħidx evitabbli. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet immirati lejn l-integrazzjoni tas-saħħa mentali fl-oqsma kollha, inkluż fl-ispazju tax-xogħol u fl-iskejjel, u jipromwovi azzjonijiet għall-ġlieda kontra d-dipressjoni u s-suwieċidju u għall-implimentazzjoni ta' kura tas-saħħa mentali integrattiva.**

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 18

(18) Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja ta' individwu u għall-promozzjoni tas-saħħa billi jindirizza l-fatturi ta' riskju għas-saħħa, bħall-użu tat-tabakk u l-prodotti relatati miegħu u l-esponiment għall-emissjonijiet tagħhom, l-użu dannuż tal-alkoħol, u l-konsum ta' drogi *illeċiti*. Jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis fil-ħsara tas-saħħa relatata mad-drogi, mal-vizzji fid-dieta ta' ħsara għas-saħħa u l-inattività fiżika, u l-esponiment għat-tnaqqis ambjentali, u jrawwem ambjenti ta' appoġġ għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa sabiex jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma. Għaldaqstant, jenħtieġ **ukoll** li l-programm jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità.

(18) ***Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tas-saħħa huma ħafna aktar kosteffiċjenti mit-trattament, kemm f'termini ta' flus kif ukoll ta' snin ta' ħajja aġġustati għall-kwalità, għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja ta' individwu u għall-promozzjoni tas-saħħa billi jindirizza d-determinanti tas-saħħa, bħall-użu ta' tabakk u prodotti relatati u l-esponiment tal-emissjonijiet tagħhom, l-użu dannuż tal-alkoħol, ambjent tal-ikel mhux sustanzjuż, u l-konsum ta' drogi illeċiti u sustanzi psikoattivi. Sabiex jinkiseb l-aħjar stat tas-saħħa possibbli, jenħtieġ li l-Programm jindirizza d-determinanti tas-saħħa kollha. Il-promozzjoni tas-saħħa, il-protezzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard miġjuba tul il-ħajja ta' individwu jenħtieġ li jkun fil-qalba tal-programm billi jindirizza l-fatturi ta' riskju għas-saħħa u mentali, bħall-użu tat-tabakk u l-prodotti relatati miegħu u l-esponiment għall-emissjonijiet tagħhom, l-użu dannuż tal-alkoħol, u l-konsum ta' drogi u mġiba oħra ta' dipendenza. Jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis fil-ħsara tas-saħħa relatata mad-drogi, mal-obeżità u mal-vizzji fid-dieta ta' ħsara għas-saħħa, l-inattività fiżika, u l-esponiment għat-tnaqqis ambjentali, u jrawwem ambjenti ta' appoġġ għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa sabiex jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-programm jikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni u prevenzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tul il-ħajja kollha ta' individwu, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' attività fiżika, kura nutrizzjonali u promozzjoni tal-edukazzjoni tas-saħħa. Il-Programm jenħtieġ ukoll isaħħaħ u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatata mas-saħħa, inkluż fil-***

qasam tas-saħħa ambjentali, u jrawwem l-approçè "Saħħa fil-Politiki Kollha". Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiçi għas-Sostenibbiltà.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Jenħtieġ li l-Programm ikompli jappoġġa azzjonijiet fil-qasam tat-tnaqqis u l-prevenzjoni tal-ħsara relatata mal-alkoħol fil-perspettiva ta' strateġija tal-Unjoni riveduta dwar l-alkoħol. Il-protezzjoni tat-tfal minn komunikazzjoni kummerċjali dwar l-alkoħol kif ukoll it-tqegħid tal-prodott u l-isponsorizzazzjoni ta' ditti tal-alkoħol, speċjalment fl-ambjent online, jenħtieġ li tkun waħda mill-prijoritajiet tal-Programm.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18b) Il-piż ta' mard kroniku għadu sinifikanti fl-Unjoni. Il-mard kroniku jiżviluppa bil-mod, idum ħafna u sikwit ma jkunx hemm fejqan għalih. F'ħafna każijiet, il-mard kroniku jkun assoċjat ma' aktar minn komorbidità waħda, u dan jagħmlu iżjed diffiċli biex jiġi kkurat u mmaniġġjat. Dan il-mard ikkawża ħafna tbatija għall-bnedmin u poġġa wkoll piż enormi fuq is-sistemi tas-saħħa. Madankollu, il-mard kroniku, bħall-mard kardjovaskulari u d-dijabete tat-tip 2,

jistgħu jiġu evitati b'għażliet ta' stil ta' ħajja tajbin għas-saħħa, filwaqt li mard ieħor, pereżempju l-mard newroloġiku, jista' jiġi ġestit biex jittawwal iż-żmien qabel il-bidu tiegħu jekk jiġi identifikat kmieni, jew biex il-pazjenti jiġu megħjuna jħossuhom fl-aħjar tagħhom u jibqgħu attivi għal perjodu itwal ta' żmien. Għalhekk, l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu ħafna l-piż tal-Istati Membri billi jaħdmu flimkien sabiex tinkiseb ġestjoni aħjar u aktar effettiva tal-mard, u l-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet f'dan il-qasam. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-iżvilupp ta' linji gwida Ewropej speċifiċi dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard fil-qasam kemm tal-mard li jittieħed kif ukoll ta' dak li ma jitteħidx, bħall-mard kardjovaskulari, il-mard newrodeġenerattiv, il-mard respiratorju u d-dijabete.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Wara l-mard kardjovaskulari, il-kanċer jiġi fit-tieni post bħala l-kawża ewlenija tal-imwiet fl-Istati Membri. Il-kanċer huwa marda li tiffirma parti mill-mard li ma jitteħidx li jikkondividi fatturi ta' riskju komuni u li l-prevenzjoni u l-kontroll tiegħu jkun ta' benefiċċju għall-maġġoranza taċ-ċittadini. Fl-2020, il-Kummissjoni ħabbret "il-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer" li jkopri **ċ-ċiklu sħiħ** tal-marda, **li jibda mill-prevenzjoni u d-dijanjożi bikrija sal-kura u l-kwalità** tal-ħajja tal-pazjenti **u tas-superstiti**. Jenħtieġ li l-miżuri jibbenefikaw mill-Programm u mill-Missjoni tal-programm Orizzont Ewropa dwar il-Kanċer.

Emenda

(19) Wara l-mard kardjovaskulari, il-kanċer jiġi fit-tieni post bħala l-kawża ewlenija tal-imwiet fl-Istati Membri. **Il-kanċer huwa kkawżat minn bosta fatturi u għalhekk jirrikjedi paradigma ġdida ta' prevenzjoni li tindirizza d-determinanti tas-saħħa individwali (il-ġenetika, l-istil ta' ħajja) u determinanti usa' (popolazzjonijiet) relatati ma' fatturi okkupazzjonali, ambjentali u ta' esponent soċjali.** Il-kanċer huwa marda li tiffirma parti mill-mard li ma jitteħidx li jikkondividi fatturi ta' riskju komuni **ma' oħrajn** u li l-prevenzjoni u l-kontroll tiegħu jkun ta' benefiċċju għall-maġġoranza taċ-ċittadini. **Nutrizzjoni fqira, l-inattività fiżika, l-obeżità, it-tabakk u l-alkoħol huma fatturi ta' riskju komuni għal mard**

*kroniku ieħor, bħall-mard kardjovaskulari, u għalhekk il-programmi ta' prevenzjoni tal-kanċer jenħtieġ li jiġu implimentati fil-kuntest ta' programm integrat ta' prevenzjoni tal-mard kroniku. Fl-2020, il-Kummissjoni ħabbret "il-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer" li jkopri **kull stadju ewlieni tal-marda: il-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament, il-ħajja bħala superstitu tal-kanċer, l-inseriment mill-ġdid u l-kura palljattiva u l-ġestjoni tal-uġigħ. Jenħtieġ li l-Programm jipromwovi azzjonijiet li jikkomplementaw il-Pjan Ewropew tal-Ġlieda kontra l-Kanċer u b'hekk itejjeb il-kwalita' tal-ħajja tal-pazjenti tal-kanċer. Jenħtieġ li l-miżuri jibbenefikaw mill-Programm u mill-Missjoni tal-programm Orizzont Ewropa dwar il-Kanċer **b'mod partikolari b'inizjattivi li jappoġġaw il-miri fit-terminu twil u medju tal-Pjan, u jindirizzaw il-fatturi ta' riskju komuni tal-kanċer u sinerġiji ma' mard ewlieni ieħor li ma jittexidx.*****

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Il-Programm l-UE għas-Saħħa se jaħdem f'sinerġija u kumplimentarjeta' ma' politiki u fondi oħra tal-UE, bħall-azzjonijiet implimentati bil-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropea, ir-riżerva rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, il-Fond Soċjali Ewropew + (ESF+, inkluż fir-rigward tas-sinerġiji dwar il-protezzjoni mtejba tas-saħħa u s-sigurtà ta' miljuni ta' ħaddiema fl-UE), inkluż il-Fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-fond InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

Emenda

(20) Il-Programm se jaħdem f'sinerġija u komplimentarjeta' ma' politiki, programmi u fondi oħra tal-UE, bħall-azzjonijiet implimentati bil-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropea, ir-riżerva rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, il-Fond Soċjali Ewropew + (ESF+, inkluż fir-rigward tas-sinerġiji dwar il-protezzjoni mtejba tas-saħħa u s-sigurtà ta' miljuni ta' ħaddiema fl-UE), inkluż il-Fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-fond InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

Reġjonali (FEŻR), il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi, l-Erasmus, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), u l-istrumenti ta' azzjoni esterni tal-UE, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III. Fejn xieraq, se jiġu stabbiliti regoli komuni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-fondi, filwaqt li jiġi żgurat li l-ispeċifitàjiet ta' dawn il-politiki jiġu rispettati, u bil-ħsieb li jiġu allinjati r-rekwiżiti strateġiċi ta' dawn il-politiki, il-programmi u l-fondi, bħall-kundizzjonijiet abilitanti tal-FEŻR u tal-ESF+.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) F'konformità mal-Artikolu 114 tat-TFUE, jenħtieġ li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa fil-leġiżlazzjoni adottata mill-Unjoni għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE u tal-Artikolu 168(4)(c) tat-TFUE, ġie żviluppat korp konsiderevoli tal-acquis tal-Unjoni li jiggarantixxi l-istandards għoljin ta' kwalità u sikurezza għall-prodotti mediċinali u għall-apparat mediku. Minħabba ż-żieda fid-domanda għall-kura tas-saħħa, is-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri qed jiffaċċjaw sfidi fid-disponibbiltà u fl-affordabbiltà tal-mediċini u tal-apparati mediċi. Biex tiġi żgurata protezzjoni aħjar tas-saħħa pubblika kif ukoll is-sikurezza u l-għoti tas-setgħa lill-pazjenti fl-Unjoni, huwa essenzjali li l-pazjenti u s-sistemi *tas-*

(FEŻR), **inkluż l-Interreg**, il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi, l-Erasmus, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), u l-istrumenti ta' azzjoni esterni tal-UE, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III. Fejn xieraq, se jiġu stabbiliti regoli komuni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-fondi, **jiġi evitat kwalunkwe trikkib jew duplikazzjoni ta' finanzjament**, filwaqt li jiġi żgurat li l-ispeċifitàjiet ta' dawn il-politiki jiġu rispettati, u bil-ħsieb li jiġu allinjati r-rekwiżiti strateġiċi ta' dawn il-politiki, il-programmi u l-fondi, bħall-kundizzjonijiet abilitanti tal-FEŻR u tal-ESF+.

Emenda

(21) F'konformità mal-Artikolu 114 tat-TFUE, jenħtieġ li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa fil-leġiżlazzjoni adottata mill-Unjoni għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE u tal-Artikolu 168(4)(c) tat-TFUE, ġie żviluppat korp konsiderevoli tal-acquis tal-Unjoni li jiggarantixxi l-istandards għoljin ta' kwalità u sikurezza għall-prodotti mediċinali u għall-apparat mediku. Minħabba ż-żieda fid-domanda għall-kura tas-saħħa, is-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri qed jiffaċċjaw sfidi fid-disponibbiltà u fl-affordabbiltà tal-mediċini u tal-apparati mediċi. Biex tiġi żgurata protezzjoni aħjar tas-saħħa pubblika kif ukoll is-sikurezza u l-għoti tas-setgħa lill-pazjenti fl-Unjoni, huwa essenzjali li l-pazjenti u s-sistemi *tas-*

sahhajkollhom aċċess għal prodotti tal-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja u jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minnhom.

saħħa jkollhom aċċess għal prodotti *sostenibbli, effiċjenti, ekwitabbli, affordabbli u* tal-kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, *inkluż f'kuntest transfruntier* u jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minnhom, *abbażi ta' informazzjoni medika trasparenti, konsistenti u orjentata lejn il-pazjent.*

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) *Għaldaqstant*, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa *azzjonijiet biex jimmonitorja n-nuqqas* ta' mediċini, ta' apparat mediku u ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa u biex *jiżgura* aktar disponibbiltà u affordabbiltà ta' dawk il-prodotti filwaqt li *jillimita* d-dipendenza tal-ktajjen tal-provvista tagħhom fuq pajjiżi terzi. B'mod partikolari, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ għall-provi kliniċi sabiex jitħaffu l-iżvilupp ta' mediċini innovattivi u effettivi, l-awtorizzazzjoni tagħhom u l-aċċess għalihom, sabiex jiġu promossi inċentivi *għall-iżvilupp ta' prodotti mediċinali bħall-antimikrobiċi* u *sabiex* titrawwem it-trasformazzjoni diġitali tal-prodotti tal-kura tas-saħħa u *jitrawmu* pjattaformi għall-monitoraġġ u l-għbir tal-informazzjoni dwar il-mediċini.

Emenda

(22) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa *l-iżvilupp ta' sistema Ewropea ta' monitoraġġ, rapportar u notifika għal nuqqas* ta' mediċini, ta' apparat mediku, *vaċċini, għodod tad-dijanostika*, u ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa, *li tevita l-frammentazzjoni tas-suq uniku u tiżgura* aktar disponibbiltà u affordabbiltà ta' dawk il-prodotti filwaqt li *tillimita* d-dipendenza tal-ktajjen tal-provvista tagħhom fuq pajjiżi terzi. *Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jinkoraġġixxi l-produzzjoni ta' prodotti mediċinali u apparat mediku fi ħdan l-Unjoni.* B'mod partikolari, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ *għall-ġenerazzjoni ta' evidenza klinika u reali biex jiġi permess* l-iżvilupp ta' mediċini innovattivi u effettivi, l-awtorizzazzjoni tagħhom, *l-evalwazzjoni tagħhom* u l-aċċess għalihom, *inklużi prodotti ġeneriċi u bijosimili, apparat mediku, u trattament, il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti mediċinali ġodda, b'attenzjoni partikolari tingħata lill-antimikrobiċi u l-vaċċini biex jindirizzaw l-AMR u l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim*, sabiex jiġu promossi inċentivi *għall-spinta tal-kapaċità tal-produzzjoni għall-antimikrobiċi, it-trattament personalizzat u t-tilqim* u titrawwem it-trasformazzjoni diġitali tal-

prodotti tal-kura tas-saħħa u pjattaformi għall-monitoraġġ u l-għbir tal-informazzjoni dwar il-mediċini. **Jenħtieġ li l-Programm isaħħaħ ukoll it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-mediċini billi jippermetti aċċess għad-data dwar il-kura tas-saħħa tad-dinja reali kif ukoll l-analiżi tagħha mir-regolaturi u mill-korpi ta' valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa ("HTA"). Jenħtieġ li l-Programm jgħin ukoll jiżgura l-aħjar użu tar-riżultati tar-riċerka u jiffaċilita l-adozzjoni, it-titjib u l-użu tal-innovazzjoni tas-saħħa fis-sistemi tal-kura tas-saħħa u fil-prassi klinika.**

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Jenħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni armonizzata fil-livell ta' Unjoni għat-termini "nuqqas", "tensjoni", "tfixkil fil-provvista", "stokkjar" u "stokkjar żejjed". Jenħtieġ li l-Kummissjoni taħdem biex tiżviluppa tali definizzjonijiet armonizzati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni, b'mod partikolari ssaħħaħ id-definizzjoni ta' "nuqqas" proposta mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u t-Task Force konġunt tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-Mediċini (HMA) fl-2019;

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 23

(23) Billi l-użu ottimu tal-mediċini u tal-antimikrobiċi b'mod partikolari huwa ta' benefiċċju għall-individwi u għas-sistemi tas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jippromwovi l-użu prudenti u effiċjenti tagħhom. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi¹⁴, adottat f'Ġunju 2017 fuq talba ta' Stati Membri, u **mill-esperjenza mal-infezzjonijiet batteriċi sekondarji marbuta mal-COVID-19**, huwa essenzjali li l-Programm jappoġġa azzjonijiet immirati lejn l-użu prudenti ta' sustanzi antimikrobiċi fil-bniedem, l-annimali, u l-għelejjel, fil-qafas ta' politika integrata dwar is-sikurezza tal-pazjent u l-prevenzjoni ta' żbalji mediċi.

(23) Billi l-użu ottimu tal-mediċini u tal-antimikrobiċi b'mod partikolari huwa ta' benefiċċju għall-individwi u għas-sistemi tas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jippromwovi l-użu prudenti u effiċjenti tagħhom. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi¹⁴, adottat f'Ġunju 2017 fuq talba ta' Stati Membri, u **billi l-infezzjonijiet u s-sepsis ikkważati mill-batterji reżistenti għall-antibijotiċi huma responsabbli għal numru għoli ta' mwiet fl-Unjoni**, huwa essenzjali li l-Programm jappoġġa azzjonijiet immirati lejn l-użu prudenti ta' sustanzi antimikrobiċi fil-bniedem, l-annimali, u l-għelejjel, **u azzjonijiet inkluż l-użu ta' trattamenti integrattivi mhux antibijotiċi**, fil-qafas ta' politika integrata dwar is-sikurezza tal-pazjent u l-prevenzjoni ta' żbalji mediċi. **Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-programmi ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza dwar l-użu tal-antimikrobiċi u l-AMR, u jappoġġa l-implimentazzjoni ta' pjanijiet lokali, reġjonali u nazzjonali għall-ġlieda kontra l-AMR, appoġġati minn strateġiji bbażati fuq l-evidenza u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin fl-Unjoni.**

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (AMR)", **Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika**", COM(2017)339 final tad-29.6.2017.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (AMR)", COM(2017)339 final tad-29.6.2017.

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 24

(24) Peress li t-tniġġis **ambjentali ikkawżat** mis-sustanzi farmaċewtiċi umani u veterinarji huwa problema ambjentali ġdida li tista' tħalli impatt fuq is-saħħa pubblika, jenħtieġ li l-Programm irawwem miżuri li jsaħħu l-valutazzjoni u l-ġestjoni xierqa tar-riskji ambjentali assoċjati mal-produzzjoni, l-użu u r-rimi tal-prodotti mediċinali, f'konformità mal-Approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent¹⁵.

(24) Peress li t-tniġġis **ikkawżat** mis-sustanzi farmaċewtiċi umani u veterinarji huwa problema ambjentali ġdida li tista' tħalli impatt fuq is-saħħa pubblika, jenħtieġ li l-Programm irawwem miżuri li jsaħħu l-valutazzjoni u l-ġestjoni xierqa tar-riskji ambjentali assoċjati mal-produzzjoni, l-użu u r-rimi tal-prodotti mediċinali, f'konformità mal-Approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent¹⁵.

¹⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat "Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent", COM(2019)128 final tal-11.03.2019.

¹⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat "Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent", COM(2019)128 final tal-11.03.2019.

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 25

(25) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa tħalli impatt immedjat fuq is-saħħa pubblika, ħajjet iċ-ċittadini, l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-qafas regolatorju għall-prodotti u t-teknoloġiji mediċi (il-prodotti mediċinali, it-tagħmir mediku u s-sustanzi ta' orġini umana), kif ukoll għal-leġiżlazzjoni dwar it-tabakk, id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera u t-theddid transfruntier serju għas-saħħa huwa essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa fl-Unjoni. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa **u** jipprovdi data ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli biex jirfed it-

(25) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa tħalli impatt immedjat fuq is-saħħa **u s-sikurezza** pubblika, ħajjet iċ-ċittadini, l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-qafas regolatorju għall-prodotti u t-teknoloġiji mediċi (il-prodotti mediċinali, it-tagħmir mediku u s-sustanzi ta' orġini umana), kif ukoll għal-leġiżlazzjoni dwar it-tabakk, id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera u t-theddid transfruntier serju għas-saħħa huwa essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa fl-Unjoni. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa, **u flimkien ma' sħab ewlenin bħall-EMA u l-ECDC**, jipprovdi data ta' kwalità għolja,

tfassil tal-politiki u l-monitoraġġ.

mhux diskriminatorja, komparabbli u affidabbli, *inkluża data tal-kura tas-saħħa f'sitwazzjonijiet reali miġbura lokalment madwar l-Ewropa, permezz ta' metodoloġija omoġena definita sew*, biex jirfed it-tfassil tal-politiki u l-monitoraġġ, *jistabbilixxi miri u jiżviluppa għodod biex jitkejjel il-progress.*

Emenda 33

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Il-kooperazzjoni transfruntiera fl-għoti tal-kura tas-saħħa lill-pazjenti li jiċċaqalqu minn Stat Membru għall-ieħor, il-kollaborazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa (HTA), u n-Networks ta' Referenza Ewropej (NRE) huma eżempji ta' oqsma fejn ix-xogħol integrat fost l-Istati Membri wera li għandu valur miżjud b'saħħtu u potenzjal kbir biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa u b'hekk is-saħħa b'mod ġenerali. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li **jappoġġa attivitajiet** li **jiippermettu** t-tali ħidma integrata u kkoordinata, **li sservi wkoll** biex trawwem l-implimentazzjoni ta' Prattiki b'impatt qawwi li għandhom l-għan li jqassmu ir-riżorsi disponibbli **lill-popolazzjoni** u lill-oqsma **kkonċernati** bl-aktar mod effettiv sabiex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom.

Emenda

(26) Il-kooperazzjoni transfruntiera fl-għoti tal-kura tas-saħħa lill-pazjenti li jiċċaqalqu minn Stat Membru għall-ieħor **jew li jgħixu fir-reġjuni tal-fruntiera**, il-kollaborazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa (HTA), u n-Networks ta' Referenza Ewropej (NRE) huma eżempji ta' oqsma fejn ix-xogħol integrat fost l-Istati Membri wera li għandu valur miżjud b'saħħtu u potenzjal kbir biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa u b'hekk is-saħħa b'mod ġenerali. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li **jkun immirat** li **jiżgura li** t-tali ħidma integrata u kkoordinata **tiġi żviluppata u implimentata sal-potenzjal sħiħ tagħha f'oqsma bħall-HTA u n-NRE. Din il-ħidma għandha sservi** biex trawwem l-implimentazzjoni ta' Prattiki b'impatt qawwi li għandhom l-għan li jqassmu ir-riżorsi disponibbli **lill-gruppi rilevanti tal-popolazzjoni** u lill-oqsma bl-aktar mod effettiv sabiex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom.

Emenda 34

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

(26a) Is-solidarjetà u l-għaqda huma prinċipji tal-Unjoni u l-Programm għandu jiżgura li l-Unjoni jkollha approċċ koerenti fil-ġlieda kontra t-theddid transfruntier għas-saħħa, sabiex jirrispondi għat-theddid għas-saħħa pubblika, il-Programm għandu, skont l-Artikolu 168 tat-TFUE, jappoġġa l-ħolqien ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Rispons għas-Saħħa, ikkoordinat mill-ECDC u mmexxi mill-Kummissarju għas-Saħħa u l-Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, artikolat bis-sħiħ mal-aġenziji tas-saħħa l-oħra tal-UE. Dan il-Mekkaniżmu bir-riżorsi mediċi tiegħu stess taħt Mekkaniżmu msaħħaħ tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni jenħtieġ li jitħejja bi pjan ta' emerġenza f'każ ta' pandemija, sabiex ikun hemm rispons ikkoordinat u l-kapaċità li jittejjeb b'mod rapidu r-rispons għal kriżijiet tas-saħħa futuri, abbażi ta' informazzjoni standardizzata.

Emenda 35

Proposta għal regolament Premessa 27

(27) **L-NRE**, stabbiliti skont id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ huma networks virtwali li jinvolve lill-fornituri tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa kollha. L-għan tagħhom hu li jiffaċilitaw id-diskussjoni dwar il-mard rari jew kumpless u l-kundizzjonijiet li jeħtieġu kura speċjalizzata ħafna u konċentrazzjoni ta' għarfien u ta' riżorsi. Billi n-Networks jistgħu jtejbju l-aċċess għad-dijanjożi u l-provvista ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għall-pazjenti b'kundizzjonijiet rari u jistgħu jkunu punti fokali għat-taħriġ

(27) **In-NRE**, stabbiliti skont id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ huma networks virtwali li jinvolve lill-fornituri tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa kollha. L-għan tagħhom hu li jiffaċilitaw id-diskussjoni dwar il-mard rari jew kumpless u l-kundizzjonijiet li jeħtieġu kura speċjalizzata ħafna u konċentrazzjoni ta' għarfien u ta' riżorsi. **In-NRE huma pjattaforma rivoluzzjonarja li tirrappreżenta opportunità unika u li, abbażi tal-użu innovattiv u l-kondiviżjoni tal-għarfien u tad-data tas-saħħa bejn il-**

mediku u r-riċerka u t-tixrid tal-informazzjoni, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi biex jiżdied in-networking permezz tan-Networks ta' Referenza Ewropej u ta' networks transnazzjonali oħra. Jenħtieġ li dan jikkunsidra *l-estensjoni tan-Networks Referenza Ewropej ta' lil hinn mill-mard rari* għall-mard li jittieħed u għall-mard li ma jittieħidx *bħall-kanċer*.

pajjiżi, għandha l-għan li ttejjeb id-dijanjożi u l-kura għall-persuni li jkunu qed jgħixu b'mard rari jew kumpless. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi finanzjament adegwat biex jappoġġa l-koordinazzjoni u l-attivitajiet kollaborattivi ta' NRE kemm eżistenti kif ukoll futuri permezz ta' għotjiet jew strumenti oħra li huma adattati għall-iskop tagħhom. Jenħtieġ li jżid l-iskala tal-finanzjament attwali biex jiżgura li n-NRE jissodisfaw l-objettivi stabbiliti fil-missjoni tagħhom. Billi n-Networks jistgħu jtejjbu l-aċċess għad-dijanjożi u l-provvista ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għall-pazjenti b'kundizzjonijiet rari u jistgħu jkunu punti fokali għat-taħriġ mediku u r-riċerka u t-tixrid tal-informazzjoni, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi *wkoll* biex jiżdied in-networking permezz tan-Networks ta' Referenza Ewropej u ta' networks transnazzjonali oħra. Jenħtieġ li dan jikkunsidra *t-tisħiħ tan-NRE, l-appoġġ għall-ħolqien ta' NRE ġodda li jkopru mard li jittieħed, tqaliet kumplessi u mard tas-saħħa mentali rari u kumpless. It-tisħiħ tan-NRE jista' jkollu rwol essenzjali fl-appoġġ għall-adozzjoni ta' qafas ta' skrining komuni żvilupp mill-ġdid fil-livell tal-Unjoni, li jibda mill-kriterji u l-mekkaniżmi għall-għażla tal-marda, bl-għan li jingħelbu inugwaljanzi eżistenti f'termini tal-kopertura tal-iskrining madwar l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Programm jikkunsidra l-iżvilupp tan-networks ta' eċċellenza* għall-mard li jittieħed u għall-mard li ma jittieħidx, *inkluż il-kanċer u l-kanċer pedjatriku, il-mard kardjovaskulari, il-mard kroniku respiratorju, id-dijabete, il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali, il-mard newrodeġenerattiv u mard kroniku ewlieni ieħor, u fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa.*

¹⁶ Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-

¹⁶ Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-

9 ta' Marzu 2011, dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

9 ta' Marzu 2011, dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

Emenda 36

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) In-NRE jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jiżguraw li dawn ikunu sostenibbli finanzjarjament u jkunu jistgħu joperaw b'mod effettiv fi ħdan is-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali u bejniethom, kif enfasizzat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-"Rapport speċjali nru 07/2019: azzjonijiet tal-UE għall-kura tas-saħħa transkonfinali" tagħha. Azzjonijiet tal-UE għall-kura tas-saħħa transkonfinali"³.

Emenda 37

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30) Sabiex isir użu ***ottimu*** mill-valur miżjud u mill-impatt tal-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li jitfittxu sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u programmi oħra tal-Unjoni, inklużi dawk b'ġestjoni kondiviża. Sabiex dawk is-sinerġiji jiġu massimizzati, jenħtieġ li jiġu żgurati mekkaniżmi abilitanti ewlenin, inkluż il-finanzjament kumulattiv ta' azzjoni mill-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u minn programm ieħor tal-Unjoni,

(30) Sabiex isir użu ***ottimali*** mill-valur miżjud u mill-impatt tal-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li jitfittxu sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u programmi oħra tal-Unjoni, inklużi dawk b'ġestjoni kondiviża, ***b'mod partikolari l-programm Interreg li diġà jindirizza l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tas-saħħa u jgħin biex jiffaċilita l-mobilità transfruntiera tal-pazjenti u l-professjonisti tas-saħħa, u biex jiżviluppa aċċess għal kura tas-saħħa***

³ ĠU C 192, 7.6.2019, p. 5.

sakemm it-tali finanzjament kumulattiv ma jkunx jaqbeż l-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli xierqa, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà li tiġi ddikjarata l-istess spiża jew nefqa fuq bażi prorata għall-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u għal programm ieħor tal-Unjoni.

ta' kwalità għolja bl-użu ta' tagħmir komuni, servizzi kondiviżi u faċilitajiet konġunti f'oqsma transfruntiera. Sabiex dawk is-sinerġiji jiġu massimizzati, ***u jiġu evitati duplikazzjonijiet,*** jenħtieġ li jiġu żgurati mekkaniżmi abilitanti ewlenin, inkluż il-finanzjament kumulattiv ta' azzjoni mill-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u minn programm ieħor tal-Unjoni, sakemm it-tali finanzjament kumulattiv ma jkunx jaqbeż l-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli xierqa, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà li tiġi ddikjarata l-istess spiża jew nefqa fuq bażi prorata għall-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u għal programm ieħor tal-Unjoni, ***li jiggarrantixxi rapportar dettaljat u trasparenti.***

Emenda 38

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Minħabba n-natura speċifika tal-oġġettivi u tal-azzjonijiet koperti mill-Programm, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati Membri f'xi każijiet huma fl-aħjar pożizzjoni biex jimplimentaw l-attivitajiet relatati. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet, maħtura mill-Istati Membri nfushom, jitqiesu bħala benefiċjarji identifikati għall-finijiet tal-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju u li l-għotjiet jingħataw lil dawn l-awtoritajiet mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tas-sejthiet għall-proposti.

Emenda

(31) Minħabba n-natura speċifika tal-oġġettivi u tal-azzjonijiet koperti mill-Programm, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati Membri f'xi każijiet huma fl-aħjar pożizzjoni biex jimplimentaw l-attivitajiet relatati. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet, maħtura mill-Istati Membri nfushom, jitqiesu bħala benefiċjarji identifikati għall-finijiet tal-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju u li l-għotjiet jingħataw lil dawn l-awtoritajiet mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tas-sejthiet għall-proposti. ***L-investimenti mill-Programm jenħtieġ li jiġu implimentati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri speċjalment f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenzi nazzjonali.***

Emenda 39

Proposta għal regolament Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31a) Sabiex jiġi żgurat li kull wieħed minn dawn l-objettivi jiġi implimentat fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżid il-baġit u tissottometti proposta biex jissaħħu l-mandati tal-ECDC u tal-EMA, li diġà qed isegwu wħud mill-objettivi tal-Programm l-UE għas-Saħħa fil-livell tagħhom u jenħtieġ li jkollhom r-rwol akbar fl-implimentazzjoni tal-Programm.

Emenda 40

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33) Meta wieħed iquis il-valuri komuni maqbula ta' solidarjetà lejn kopertura universali u ekwa tas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità bħala bażi għall-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u li l-unjoni għandha rwol ċentrali x'taqdi fit-tħaffif tal-progress tal-isfidi globali tas-saħħa¹⁹, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi internazzjonali u globali tas-saħħa bil-mira li titjeb is-saħħa, jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u tiżdied il-protezzjoni kontra t-theddid globali għas-saħħa.

(33) Meta wieħed iquis il-valuri komuni maqbula ta' solidarjetà lejn kopertura **aċċessibbli**, universali u ekwa tas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità, **inkluż f'kuntest transfruntier**, bħala bażi għall-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u li l-unjoni għandha rwol ċentrali x'taqdi fit-tħaffif tal-progress tal-isfidi globali tas-saħħa¹⁹, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi internazzjonali u globali tas-saħħa bil-mira li titjeb is-saħħa, jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u tiżdied il-protezzjoni kontra t-theddid globali għas-saħħa.

¹⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fis-Saħħa Globali, adottati fit-3011-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-10 ta' Mejju 2010, fi Brussell.

¹⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fis-Saħħa Globali, adottati fit-3011-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-10 ta' Mejju 2010, fi Brussell.

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Premessa 34**

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Biex jiġu massimizzati l-effikaċja u l-effiċjenza tal-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali, jenħtieġ li tiġi żviluppata l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, b'mod partikolari mad-WHO, mal-Bank Dinji, kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa u mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), ħalli jiġi implimentat il-Programm. Skont l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE²⁰, il-persuni u l-entitajiet stabbiliti fil-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej (OCTs) huma eliġibbli għall-finanzjament soġġetti għar-regoli u l-oġettivi tal-Programm u l-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li l-OCT rilevanti huma marbuta miegħu.

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ("id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni extra-Ewropea") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

Emenda 42

**Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34) Biex jiġu massimizzati l-effikaċja u l-effiċjenza tal-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali, jenħtieġ li tiġi żviluppata l-kooperazzjoni **mal-Istati Membri u** mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, b'mod partikolari mad-WHO, mal-Bank Dinji, kif ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa u mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), ħalli jiġi implimentat il-Programm. Skont l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE²⁰, il-persuni u l-entitajiet stabbiliti fil-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej (OCTs) huma eliġibbli għall-finanzjament soġġetti għar-regoli u l-oġettivi tal-Programm u l-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li l-OCT rilevanti huma marbuta miegħu.

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ("id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni extra-Ewropea") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

(34a) Il-Programm jenħtieġ li jggarantixxi involviment b'saħħtu tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti, u l-akkademiċi, b'mod partikolari s-soċjetajiet tal-professjonisti fil-qasam tal-

kura tas-saħħa, biex jiġu żgurati rappreżentanza bbilanċjata u parteċipazzjoni fl-ilħuq tal-għanijiet tas-saħħa pubblika. L-organizzazzjonijiet Ewropej tas-saħħa jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programm.

Emenda 43

Proposta għal regolament Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34b) Sabiex tinkiseb implimentazzjoni koerenti tal-azzjonijiet inklużi fil-Programm, jenħtieġ li jiġi stabbilit Grupp ta' Tmexxija "l-UE għas-Saħħa".

Emenda 44

Proposta għal regolament Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(39a) Skont id-WHO, it-tibdil fil-klima jaffettwa d-determinanti soċjali u ambjentali tas-saħħa – bħal arja nadifa, ilma għax-xorb sikur, suffiċjenza alimentari u rifuġju sigur – u li bejn l-2030 u l-2050 huma previsti 250 000 mewta addizzjonali fis-sena kaġun ta' malnutrizzjoni, malarja, dijarea u stress mis-sħana, flimkien ma' temperaturi tal-arja estremament għoljin li jwasslu direttament għal imwiet, b'mod partikolari fost il-popolazzjoni anzjana u ċ-ċittadini vulnerabbli. Minħabba għargħar, mewġiet ta' sħana, nixfa u nirien, it-tibdil fil-klima għandu impatt konsiderevoli fuq is-saħħa tal-bniedem inkluż in-nuqqas ta' nutrizzjoni, il-mard kardjovaskulari u respiratorju, u l-infezzjonijiet li jinġarru minn vettur.

Emenda 45

Proposta għal regolament Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li **25 %** min-nefqa tal-baġit tal-UE tkun tappoġġa l-oġġettivi marbutin mal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm, u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tiegħu.

Emenda 46

Proposta għal regolament Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 47

Emenda

(40) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li **30 %** min-nefqa tal-baġit tal-UE tkun tappoġġa l-oġġettivi marbutin mal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm, u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tiegħu.

Emenda

(40a) Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li tinkiseb l-ugwaljanza tal-ġeneru, dan il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jintegra l-ugwaljanza tal-ġeneru b'mod sistematiku fil-politiki tal-Unjoni. Jenħtieġ li juża għodda tal-integrazzjoni sistematika tal-ġeneru u tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru biex jiżgura li r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa jsiru b'mod trasformattiv u sensittiv għall-ġeneru u li l-ħtiġijiet tas-saħħa speċifiċi tan-nisa u l-bniet jiġi indirizzati matul u wara kriżi tas-saħħa.

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Minħabba n-natura u l-iskala potenzjali tat-theddid transfruntier għas-saħħa tal-bniedem, l-oġettiv li n-nies fl-Unjoni jiġu protetti minn theddid bħal dan u li jiżdieđu l-prevenzjoni tal-kriżijiet u t-tnejjija għalihom ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. F'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni **tista'** tittieħed ukoll biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, sabiex titjieb id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċina, tal-apparat mediku u ta' prodotti oħra relevanti għall-kriżijiet fl-Unjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni u sabiex tiġi appoġġata l-ħidma u l-implimentazzjoni koordinata u integrata tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, u sabiex tindirizza l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-saħħa fl-UE kollha b'mod li johlqoq titjib fl-effiċjenza u impatt ta' valur miżjud meħuda fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenza u r-responsabbiltà tal-Istati Membri fl-oqsma koperti mill-Programm. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi.

Emenda

(43) Minħabba n-natura u l-iskala potenzjali tat-theddid transfruntier għas-saħħa tal-bniedem, l-oġettiv li n-nies fl-Unjoni jiġu protetti minn theddid bħal dan u li jiżdieđu l-prevenzjoni tal-kriżijiet u t-tnejjija għalihom ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. F'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni **jenħtieġ li** tittieħed ukoll biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, sabiex titjieb id-disponibbiltà, **is-sostenibbiltà, l-aċċettazzjoni, l-aċċessibbiltà, is-sikurezza** u l-affordabbiltà tal-mediċina, tal-apparat mediku u ta' prodotti **u servizzi** oħra relevanti għall-kriżijiet **tas-saħħa** fl-Unjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni u sabiex tiġi appoġġata l-ħidma u l-implimentazzjoni koordinata u integrata tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri **u fost ir-reġjuni tagħhom**, u sabiex tindirizza l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-saħħa fl-UE kollha b'mod li johlqoq titjib fl-effiċjenza u impatt ta' valur miżjud meħuda fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenza u r-responsabbiltà tal-Istati Membri fl-oqsma koperti mill-Programm. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) "approċċ "Saħħa Waħda"" tfisser approċċ li jirrikonoxxi **li s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali huma interkonnessi**, li l-mard jista' jiġi trażmess **mill-bniedem għall-annimali u bil-kontra** u li allura rridu nieħdu ħsiebu **fit-tnejn li huma, u li l-ambjent jorbot lill-bniedem mal-annimali**;

Emenda

(5) "approċċ "Saħħa Waħda"" tfisser approċċ li jirrikonoxxi **l-interkonnessjoni bejn il-bniedem, l-annimali u l-isferi ambjentali**, li l-mard jista' jiġi trażmess **minn pilastru wieħed għall-ieħor** u li allura rridu nieħdu ħsiebu **permezz ta' approċċ olistiku**;

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3) "kriżi tas-saħħa" tfisser kwalunkwe kriżi jew inċident serju li joriġina mill-bnedmin, mill-annimali, mill-pjanti, mill-ikel **jew mill-ambjent**, li **jkollha** dimensjoni tas-saħħa u li tkun tirrikjedi azzjoni urġenti mill-awtoritajiet;

Emenda

(3) "kriżi tas-saħħa" tfisser kwalunkwe kriżi jew inċident serju li joriġina mill-bnedmin, mill-annimali, mill-pjanti, mill-ikel, **kif ukoll minn oriġini kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari, ambjentali jew mhux magħrufa**, li **jkollhom** dimensjoni tas-saħħa u li tkun tirrikjedi azzjoni urġenti mill-awtoritajiet;

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) "prodotti rilevanti għall-kriżi" tfisser il-prodotti u s-sustanzi neċessarji, fil-kuntest ta' kriżi tas-saħħa, biex jipprevjenu marda u l-konsegwenzi tagħha, biex issir dijanjożi tagħhom jew biex dawn jiġu ttrattati, u **tinkludi** l-prodotti li ġejjin, iżda mhix limitata għalihom: il-prodotti mediċinali — **inkluż il-vaċċini** — u s-

Emenda

4) "prodotti rilevanti għall-kriżi" tfisser il-prodotti, **l-għodda** u s-sustanzi neċessarji, fil-kuntest ta' kriżi tas-saħħa, biex jipprevjenu marda u l-konsegwenzi tagħha, biex issir dijanjożi tagħhom jew biex dawn jiġu ttrattati, u **għall-monitoraġġ u s-sorveljanza epidemjoloġika tal-mard u l-infezzjonijiet**,

sustanzi intermedji tagħhom, l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi u l-materja prima; l-apparat mediku; it-tagħmir mediku u tal-isptarijiet (bħall-ventilaturi, l-ilbies u t-tagħmir protettiv, u l-materjali u l-għodod dijanjostiċi); it-tagħmir protettiv personali; id-diżinfettanti u l-prodotti intermedjarji tagħhom u l-materja prima neċessarja għall-produzzjoni tagħhom;

inklużi l-prodotti li ġejjin, iżda mhix limitata għalihom: il-prodotti mediċinali – **inklużi l-vaċċini** – u s-sustanzi intermedji tagħhom, l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi u l-materja prima; l-apparat mediku; it-tagħmir mediku u tal-isptarijiet (bħall-ventilaturi, l-ilbies u t-tagħmir protettiv, u l-materjali u l-għodod dijanjostiċi); it-tagħmir protettiv personali; id-diżinfettanti u l-prodotti intermedjarji tagħhom u l-materja prima neċessarja għall-produzzjoni tagħhom;

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) "thedd id transfruntier serju għas-saħħa" tfisser periklu ta' theddida għall-ħajja jew periklu serju għas-saħħa bi kwalunkwe mod ieħor ta' oriġini bijoloġika, kimika, ambjentali jew mhux magħrufa li jinfirx jew li jgħorr riskju sinifikanti li jinfirx lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri, u li jaf jitlob koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

Emenda

9) "thedd id transfruntier serju għas-saħħa" tfisser periklu ta' theddida għall-ħajja jew periklu serju għas-saħħa bi kwalunkwe mod ieħor ta' oriġini bijoloġika, kimika, **radjoloġika, nukleari**, ambjentali jew mhux magħrufa li jinfirx jew li jgħorr riskju sinifikanti li jinfirx lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri, u li jaf jitlob koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) "**saħħa fil-politiki kollha**" tfisser **approċċ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-politiki pubbliċi, irrISPettivament mis-settur, fejn jitqiesu l-implikazzjonijiet tad-deċiżjonijiet fuq is-saħħa, u li jfittex li jikseb sinerġiji, u li jevita li jiġu kkawżati impatti dannużi fuq**

is-saħħa minn politiki bħal dawn, sabiex tittiejeb is-saħħa tal-popolazzjoni u l-ekwità tas-saħħa;

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) "determinanti tas-saħħa" tfisser firxa ta' fatturi, bħal fatturi relatati mal-imġiba, bijoloġiċi, soċjoekonomiċi u ambjentali, li jinfluwenzaw l-istatus tas-saħħa ta' persuna;

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Programm għandu jilħaq l-oġġettivi ġenerali li ġejjin, f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda" *fejn rilevanti*:

Il-Programm għandu jilħaq l-oġġettivi ġenerali li ġejjin, f'konformità mal-approċċ "*Saħħa fil-Politiki Kollha*" *fejn applikabbli, u mal-approċċ "Saħħa Waħda"*:

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1) il-protezzjoni tan-nies fl-Unjoni minn theddid transfruntier serju għas-saħħa;

(1) it-titjib u t-trawwim tas-saħħa fl-Unjoni, bl-appoġġ tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa u l-iżgurar ta' aċċess ugwali u sħiħ għas-saħħa;

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) il-protezzjoni tan-nies fl-Unjoni minn theddid transfruntier serju għas-saħħa; appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' tħejija u koordinazzjoni aħjar fl-Istati Membri u bejniethom fir-rigward ta' emerġenzi tas-saħħa;

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) għandu **jtejjeb** id-disponibbiltà fl-Unjoni **ta' mediċini, apparat mediku u prodotti oħra li huma rilevanti għall-kriżijiet, jikkontribwixxi għall-affordabbiltà tagħhom** u jappoġġa l-innovazzjoni;

(2) għandu **jappoġġa l-leġiżlazzjoni u l-politiki eżistenti u futuri tal-Unjoni, sabiex, fost l-oħrajn, jirrestawra l-indipendenza farmaċewtika u jindirizza nuqqasijiet, itejjeb id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-kura u tas-servizzi tas-saħħa** fl-Unjoni, u jappoġġa **r-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll l-iżvilupp fis-saħħa u fil-kura tas-saħħa mingħajr duplikazzjoni tal-isforzi taħt programmi oħra, inkluż Orizzont Ewropa;**

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) għandu jsaħħaħ is-sistemi tas-saħħa u **l-forza** tax-xogħol tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz tat-trasformazzjoni diġitali u permezz ta' aktar ħidma integrata u koordinata fost l-Istati Membri **u ta' implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar Prattiki u tal-kondiviżjoni tad-data, biex** jizjed il-

(3) għandu jsaħħaħ is-sistemi tas-saħħa u **s-sostenibbiltà tagħhom, kif ukoll il-forza** tax-xogħol tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz tat-trasformazzjoni diġitali u permezz ta' aktar ħidma integrata u koordinata fost l-Istati Membri, **inkluż fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali,**

livell ġenerali tas-saħħa pubblika.

*permezz ta' implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki, u permezz tal-kondiviżjoni tad-data **komparabbli u interoperabbli, bl-għan li** jiżdied il-livell ġenerali tas-saħħa pubblika, **il-litteriżmu dwar is-saħħa u s-sistemi tas-saħħa jsiru aktar reżiljenti u responsivi.***

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jintlaħqu permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin, b'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda" **fejn rilevanti**:

Emenda

L-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jintlaħqu permezz tal-objettivi speċifiċi li ġejjin, b'konformità **mal-approċċ "Saħħa fil-politiki kollha" fejn applikabbli, u** mal-approċċ "Saħħa Waħda":

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) it-tishiĥ tal-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, u l-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa, inkluż permezz talkoordinazzjoni, l-provvediment u l-użu tal-kapaċità tal-kura tas-saħħa ta' emerġenza, il-ġbir tad-data u s-sorveljanza;

Emenda

(1) it-tishiĥ tal-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons **rapidu** għat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, u l-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa, inkluż permezz talkoordinazzjoni, l-provvediment u l-użu tal-kapaċità tal-kura tas-saħħa ta' emerġenza, il-ġbir tad-data u s-sorveljanza, **u l-koordinazzjoni tal-ittestjar tal-istress tas-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali**;

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) *l-iżgurar tad-disponibbiltà fl-Unjoni tar-riżervi jew tal-ħażniet tal-prodotti relevanti għall-kriżi, u ta' riżerva ta' persunal mediku, tal-qasam tal-kura tas-saħħa u ta' appoġġ li jista' jiġi mmobilizzat f'każ ta' kriżi;*

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) *l-għoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet li jiżguraw id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà xierqa tal-prodotti relevanti għall-kriżi u ta' provvisti oħra tas-saħħa neċessarji;*

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) *it-tisħiħ tal-effettività, tal-aċċessibbiltà, tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluż billi tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali, tal-użu tal-għodod u s-servizzi diġitali, tar-riformi sistemiċi, tal-implimentazzjoni ta' mudelli ġodda ta' kura u ta' kopertura universali tas-saħħa, u l-indirizzar tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa;*

Emenda

(2) *l-appoġġ ta' azzjonijiet li jippermettu lill-persunal mediku li jiġi mmobilizzat f'każ ta' kriżi, bħall-persunal tal-Korp Mediku Ewropew, inkluż billi jittejjeb it-taħriġ tal-professjonisti tas-saħħa u jiġi aġġornat it-tagħrif tagħhom;*

Emenda

(3) *it-tisħiħ tal-Suq Ewropew tal-Mediċini, biex jiġu żgurati b'mod sostenibbli d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-prodotti mediċinali, is-soluzzjonijiet tas-saħħa elettronika, l-apparati mediċi u ta' provvisti oħra relatati tas-saħħa neċessarji u prodotti mediċi rilevanti għall-kriżijiet;*

Emenda

(4) *it-tisħiħ tal-effettività, tal-aċċessibbiltà, tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluż billi tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali, inkluż il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' Spazju Ewropew tad-Data, riformi sistemiċi, implimentazzjoni ta' mudelli ġodda ta' kura, titjib tal-aċċess ugwali u f'waqtu għal kura tas-saħħa u għal servizzi tal-kura ta' saħħa sostenibbli, affordabbli, iċċentrati fuq il-persuna u bbażati fuq ir-riżultati u l-kisba ta' kopertura universali tas-saħħa, tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa;*

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) it-tisħiħ tal-innovazzjoni tal-Unjoni biex jissaħħu l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' mediċini, vaċċini u apparati mediċi sabiex jiġu indirizzati l-isfidi u l-aspettattivi tal-kura tas-saħħa dejjem jiżdiedu li jistgħu jfeġġu;

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) l-għoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet immirati biex isaħħu l-abbiltà tas-sistema tas-saħħa li trawwem il-prevenzjoni tal-mard u ***l-promozzjoni*** tas-saħħa, id-drittijiet tal-pazjenti u l-kura tas-saħħa transfruntiera, ***u l-promozzjoni tal-eċċellenza tal-professionisti fil-qasam mediku u tal-kura tas-saħħa;***

(5) l-għoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet immirati biex isaħħu l-abbiltà tas-sistema tas-saħħa li trawwem il-prevenzjoni, ***l-iskrinjar u d-dijanjożi bikrija*** tal-mard u, ***l-implimentazzjoni tal-promozzjoni*** tas-saħħa, ***l-indirizzar tad-determinanti tas-saħħa, it-titjib tal-litteriżmu dwar is-saħħa***, id-drittijiet ***u s-sikurezza*** tal-pazjenti u l-kura tas-saħħa transfruntiera;

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) it-tisħiħ tal-ġlieda tal-Unjoni kontra l-kanċer f'sinerġija mal-Pjan Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Kanċer, inkluż appoġġ għal azzjonijiet għas-sorveljanza, il-prevenzjoni, id-dijanjożi bikrija u t-trattament u l-kura tal-kanċer,

inkluż il-kanċer pedjatriku, u b'appoġġ għat-twaqqif tal-Istitut Ewropew tal-Kanċer;

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) it-tisħiħ tal-ġlieda kontra mard li jittieħed u theddid għas-saħħa;

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) l-indirizzar tal-eżitazzjoni għall-vaċċin, u appoġġ għall-azzjoni għall-eliminazzjoni ta' mard li jista' jiġi evitat bil-vaċċin, inkluż il-kanċer;

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) it-trawwim u l-għoti ta' appoġġ lill-użu prudenti u effiċjenti tal-mediċini, b'mod partikolari tas-sustanzi antimikrobiċi, u ***l-produzzjoni u r-rimi*** tal-mediċini u tal-apparat mediku b'mod li jkun jirrispetta iktar l-ambjent;

(7) it-trawwim u l-għoti ta' appoġġ lill-użu ***infurmat***, prudenti u effiċjenti tal-mediċini, b'mod partikolari tas-sustanzi antimikrobiċi, ***l-iżvilupp ta' mediċini li huma intrinsikament inqas ta' ħsara għall-ambjent, produzzjoni u rimi*** tal-mediċini, ***tal-prodotti mediċinali*** u tal-apparati mediku b'mod li jkun jirrispetta iktar l-ambjent;

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) I-għoti ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u l-provvista ta' data affidabbli, komparabbli u ta' kwalità għolja sabiex isservi ta' pedament għall-ħolqien tal-politiki u l-monitoraġġ tagħha, u l-promozzjoni tal-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa tal-politiki rilevanti;

Emenda

(8) I-għoti ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar **u, fejn meħtieġ, ir-reviżjoni**, tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa, u l-provvista ta' data affidabbli, komparabbli, u ta' kwalità għolja sabiex isservi ta' pedament għall-ħolqien tal-politiki u l-monitoraġġ tagħha, **tappoġġa t-twassil tal-kura u tirrispondi għall-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati** u l-promozzjoni tal-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa tal-politiki **tal-Unjoni** rilevanti **oħra**;

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) I-għoti ta' appoġġ lix-xogħol integrat fost l-Istati Membri, u b'mod partikolari lis-sistemi tas-saħħa tagħhom, inkluż l-implimentazzjoni tal-prattiki ta' prevenzjoni li jħallu impatt qawwi, u ż-żieda fl-użu tan-networking permezz **tan-Networks ta' Referenza Ewropej** u ta' networks oħra transnazzjonali;

Emenda

(9) I-għoti ta' appoġġ lix-xogħol integrat fost l-Istati Membri, u b'mod partikolari lis-sistemi tas-saħħa tagħhom, inkluż l-implimentazzjoni tal-prattiki ta' prevenzjoni li jħallu impatt qawwi, **l-għoti ta' appoġġ lill-identifikazzjoni ta' teknoloġiji tas-saħħa li huma meħtieġa li jkollhom valutazzjoni tal-Unjoni, u t-tisħiħ** u ż-żieda fl-użu tan-networking permezz **tan-NRE, jiżviluppaw u jimplimentaw networks ta' eċċellenza għal mard li jittieħed u li ma jittieħidx ta' prevalenza għolja u networks oħra transnazzjonali, b'sinerġija sħiħa ma' Orizzont Ewropa u l-Missjonijiet u s-Sħubijiet tagħha, u bl-għan li tiżdied il-kopertura tal-pazjenti u r-rispons għall-mard, u l-problemi tas-saħħa, f'numri akbar**;

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-għoti ta' appoġġ għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi ***dinjini*** u internazzjonali b'rabta mas-saħħa.

Emenda

(10) L-għoti ta' appoġġ għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi ***u għall-impenji dinjija*** u internazzjonali b'rabta mas-saħħa.

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-27 għandu jkun ta' EUR ***1 946 614 000*** fi prezzijiet kurrenti.

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-27 għandu jkun ta' EUR ***10 398 000 000*** fi prezzijiet kurrenti (***EUR 9 370 000 000 fi prezzijiet kostanti***).

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħall-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, inkluż is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.

Emenda

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża ***wkoll*** għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħall-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, inkluż is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi. ***L-ispejjeż amministrattivi relatati mal-azzjonijiet indiretti m'għandhomx jaqbu l-5 % tal-ammont totali taħt il-Programm.***

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 6

imħassar

Riżorsi mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament [l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru tal-Ekonomija] għandhom jiġu implimentati skont il-Programm permezz ta' ammont li ma jaqbiżx EUR 8 451 000 000 imsemmi fil-punt (iii) tal-Artikolu 3(2)(a) ta' dak ir-Regolament, suġġett għall-Artikolu 5(4) u (8) tiegħu.

Dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Emenda 76

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi assoċjati kollha għandhom jiġu inklużi fil-partijiet rilevanti tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament waqt il-proċedura baġitarja annwali l-baġit totali ta' kull parti tal-Programm, filwaqt li tidentifika kull wieheda mill-pajjiżi assoċjati, il-kontribuzzjonijiet individwali u l-bilanċ finanzjarju tagħhom.

Emenda 77

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Programm għandu jiġi

1. Il-Programm għandu jiġi

implimentat b'ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jew b'ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

implimentat b'ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jew b'ġestjoni indiretta mal-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, **sabiex jiġi żgurat li ma hemm l-ebda trikkib jew duplikazzjoni ma' programmi oħra ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni.**

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fil-forom kollha stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, b'mod partikolari l-għotjiet, il-premjijiet u l-akkwist pubbliku.

Emenda

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fil-forom kollha stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, b'mod partikolari l-għotjiet, il-premjijiet u l-akkwist pubbliku. ***Il-Kummissjoni għandha tfittex li tikseb kopertura ġeografika effettiva u bbilanċjata madwar l-Unjoni, fosthom billi tappoġġa lill-Istati Membri sabiex itejbu l-kwalità tal-proġetti permezz tal-bini tal-kapaċitajiet.***

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-implimentazzjoni konsistenti tal-Programm filwaqt li tfittex simplifikazzjoni amministrattiva massima. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn il-Programm u l-programmi u l-fondi l-oħra tal-Unjoni. Għal dak il-għan għandhom:

(a) jiżguraw li jkun hemm komplementarjetà, sinerġija, koerenza u konsistenza bejn strumenti differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni;

(b) jottimizzaw il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni biex jevitaw duplikazzjoni tal-isforz;

(c) jiżguraw li teżisti kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, dak reġjonali sabiex iwettqu azzjonijiet ta' sostenn koerenti u simplifikati skont l-istrument.

Emenda 80

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħhom, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), kif ukoll il-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) fl-implimentazzjoni tal-Programm, bil-għan li timmassimizza l-effikaċja u l-effiċjenza tal-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali.

Emenda 81

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4c. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli jew fi gruppi ta' esperti rilevanti oħrajn tal-Kummissjoni kif ukoll il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari korpi professjonali fis-settur tas-saħħa u NGOs attivi fil-qasam fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Programm.

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Kriterji tal-għoti

Il-kriterji tal-għoti għandhom jiġu ddefiniti fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 18 u fit-talbiet għall-proposti filwaqt li jitqiesu, sal-limitu applikabbli, l-elementi li ghejjin:

- (a) il-konsistenza mal-objettivi speċifiċi previsti fl-Artikolu 4;**
- (b) il-kontribut għall-aċċessibilità u l-affordabilità tas-sistema tas-saħħa;**
- (c) id-dimensjoni transfruntiera;**
- (d) il-kontribut għat-trasformazzjoni diġitali;**
- (e) l-impatt soċjali (benefiċċji u spejjeż);**
- (f) il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-Anness I;**
- (g) il-kontribut għall-prevenzjoni tal-mard u b'mod partikolari l-kanċer;**
- (h) il-kontribut għall-aċċess għall-mediċina;**
- (i) il-maturità tal-azzjoni fl-iżvilupp tal-**

proġett;

(j) kemm hu tajjeb il-pjan ta' implimentazzjoni propost.

Emenda 83

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandu jinħoloq mekkaniżmu affidabbli u effiċjenti sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' finanzjament u sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-programmi u l-politiki differenti tal-Unjoni li jkunu qed isegwu objettivi ta' saħħa. Id-data kollha dwar l-operazzjonijiet u l-azzjonijiet ta' finanzjament iffinanzjati taħt programmi u fondi tal-Unjoni differenti għandha tkun ċentralizzata skont dan il-mekkaniżmu. Din għandha ssegwi l-prinċipji ta' trasparenza u ta' obbligu ta' rendikont u għandha tippermetti monitoraġġ u evalwazzjoni aħjar tal-azzjonijiet li jkunu qed isegwu objettivi ta' saħħa.

Emenda 84

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali;

(b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali **rilevanti, bħall-awtoritajiet pubbliċi, il-korpi tas-settur pubbliku, l-istabbilimenti tas-saħħa, l-istituti tar-riċerka, l-universitajiet u l-istabbilimenti ta' edukazzjoni għolja, l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti;**

Emenda 85

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. **Jenħtieġ li** l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-Programm **fil-prinċipju jgħorru** l-ispiża tal-parteciċipazzjoni tagħhom.

Emenda

3. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-Programm **għandhom iġorru** l-ispiża tal-parteciċipazzjoni tagħhom.

Emenda 86

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. Bil-Programm, **l-għotjiet** diretti jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti biex jiffinanzjaw azzjonijiet **li għandhom** valur miżjud ċar għall-Unjoni u **li** jkunu kofinanzjati mill-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għas-saħħa fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-saħħa relevanti jew mill-korpi tas-settur pubbliku u mill-korpi nongovernattivi li jaġixxu individwalment jew bħala network fuq mandat ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

Emenda

5. Bil-Programm, **għotjiet** diretti jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti biex jiffinanzjaw azzjonijiet **jekk tali għotjiet ikunu debitament ġustifikati, ikollhom** valur miżjud ċar għall-Unjoni u jkunu kofinanzjati mill-awtoritajiet **lokali, reġjonali jew nazzjonali** kompetenti li huma responsabbli għas-saħħa fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-saħħa relevanti jew **mill-programmi Interreg**, mill-korpi tas-settur pubbliku u mill-korpi nongovernattivi li jaġixxu individwalment jew bħala network fuq mandat ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 87

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. Bil-Programm, l-għotjiet diretti **jistgħu** jingħataw **lin-Networks ta' Referenza Ewropej** mingħajr sejħa għall-proposti. L-għotjiet diretti jistgħu

Emenda

6. Bil-Programm, l-għotjiet diretti **għandhom** jingħataw **lin-NRE b'sistema ta' rapportar finanzjarja u teknika simplifikata** mingħajr sejħa għall-proposti.

jingħataw ukoll lil networks transnazzjonali oħra stabbiliti f'konformità *mar-regoli tal-UE*.

L-għotjiet diretti jistgħu jingħataw ukoll lil networks transnazzjonali oħra, *inklużi fil-programmi Interreg*, stabbiliti f'konformità *mad-dritt tal-Unjoni*.

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Għandu jiġi żgurat finanzjament adegwat li jikkonsolida u jespandi l-mudell NRE ta' kura tas-saħħa transfruntiera billi jiġi żgurat l-għoti ta' firxa ta' servizzi kliniċi permezz ta' mezzi differenti, inklużi opinjonijiet sekondarji online u parir speċjalistiku għall-pazjenti dwar it-trattament u l-immaniġġjar u kliniċi "online għall-pazjenti ta' barra".

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli dwar il-pjanijiet ta' ħidma stabbiliti għall-Programm u l-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet strateġiċi tiegħu u dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli dwar il-pjanijiet ta' ħidma **annwali** stabbiliti għall-Programm u l-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet strateġiċi tiegħu u dwar l-implimentazzjoni tiegħu **u dwar il-possibiltà ta' sinerġiji mar-riżorsi proprji tal-Istati Membri biex jiġu żgurati l-effikaċja u s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet fit-tul.**

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Grupp ta' Tmexxija "l-UE għas-Saħħa" dwar il-pjanijiet ta' ħidma annwali stabbiliti għall-Programm u dwar il-prijoritajiet, l-orjentazzjonijiet strateġiċi u l-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll dwar il-possibbiltà ta' sinerġiji ma' fondi Ewropej biex jiġu żgurati l-effikaċja u s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet fit-tul.

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll lill-aġenzji deċentralizzati u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-Unjoni, bħar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, dwar il-pjanijiet ta' ħidma annwali stabbiliti għall-Programm u l-prijoritajiet, l-orjentazzjonijiet strateġiċi u l-implimentazzjoni tiegħu.

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-pjanijiet ta' ħidma annwali permezz ta' atti delegati. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati f'konformità mal-

Emenda 93

**Proposta għal regolament
Artikolu 16a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 16a

***Twaqqif tal-Grupp ta' Tmexxija "l-UE
għas-Saħħa"***

- 1. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf Grupp ta' Tmexxija "l-UE għas-Saħħa" ("il-Grupp ta' Tmexxija").***
- 2. Il-Grupp ta' Tmexxija għandu:***
 - (i) jagħti input, fl-għamla ta' strateġija u tmexxija globali, u jikkontribwixxi għall-pjanijiet ta' ħidma annwali tal-Programm;***
 - (ii) ifassal pjan għat-tmexxija tal-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-Programm u Programmi oħra li fihom hemm integrata dimensjoni tas-saħħa;***
 - (iii) jipprovi azzjonijiet orjentati lejn il-valur fil-qasam tas-saħħa, sostenibbiltà, soluzzjonijiet ta' saħħa aħjar, irawwem l-aċċess għas-saħħa, inaqas l-inugwaljanzi fis-saħħa u jippromwovi l-involviment tal-pazjenti u tas-soċjetà.***
- 3. Il-Grupp ta' Tmexxija għandu jkun grupp ta' partijiet ikkonċernati indipendenti, magħmul minn atturi fil-qasam tas-saħħa pubblika, bħal rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, esperti tas-saħħa indipendenti u rappreżentanti tal-pazjenti.***
- 4. Il-Grupp ta' Tmexxija għandu jkun magħmul minn 20 individwu ta' livell għoli – b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-bilanċ ġeografiku u bejn is-sessi – meħuda minn diversi dixxiplini u attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 3.***

5. *Il-membri tal-Grupp ta' Tmexxija għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Parlament, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess.*

Il-membri għandhom jinħatru għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(2). Il-Kummissjoni għandha wkoll taħtar president minn fost il-membri tiegħu.

6. *Il-Grupp ta' Tmexxija għandu jiltaqa' mill-inqas tliet darbiet fis-sena, li jippermetti skambji ta' fehmiet regolari u trasparenti.*

Il-pjan ta' azzjoni għat-tmexxija tal-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u s-sinerġiji għandu jiffaċilita l-viżibbiltà u l-koordinazzjoni tal-mekkaniżmi finanzjarji eżistenti kollha rilevanti għas-saħħa, u għandu jgħin biex jitmexxew il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Grupp ta' Tmexxija dwar kwistjonijiet oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2.

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Emenda

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma **annwali** msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-programmi ta' ħidma għandhom ikunu msejsa fuq valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneru.

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress tal-Programm b'rabta mal-ilħuq tal-obiettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 huma stabbiliti fl-Anness II.

1. L-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress tal-Programm b'rabta mal-ilħuq tal-obiettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, ***inklużi indikaturi speċifiċi għall-programmi u l-azzjonijiet***, huma stabbiliti fl-Anness II.

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1 a. Il-Kummissjoni għandha twestaq monitoraġġ kontinwu tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza, id-data dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni, aġġornata kontinwament, għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod aċċessibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

B'mod partikolari, id-data għall-proġetti ffinanzjati għandha tiġi inkluża fl-istess bażi tad-data. Dik id-data għandha tinkludi:

(a) informazzjoni dwar it-tipi ta' finanzjament u t-tipi ta' benefiċjarji, li tippermetti traċċar trasparenti tal-allokazzjonijiet finanzjarji; deskrizzjoni dettaljata tas-sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni, inklużi l-attivitajiet

implimentati mill-aġenziji tal-Unjoni, li tippermetti analiżi xierqa tal-komplementarjetà bejn l-attivitajiet differenti li għandhom jitwettqu;

(b) il-livelli ta' nfiq diżaggregati fil-livell tal-proġetti sabiex tkun tista' ssir analiżi speċifika, inkluż għal kull qasam ta' intervent kif definit fl-Artikolu 13 u fl-Anness I.

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24 dwar l-emendi għall-Anness II sabiex temenda u tissupplimenta l-indikaturi meta dan ikun meqjus neċessarju.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 24 dwar l-emendi għall-Anness II sabiex temenda u tissupplimenta l-indikaturi, ***inklużi dawk speċifiċi għall-programmi u l-azzjonijiet***, meta dan ikun meqjus neċessarju.

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

2a. *Meta jkun rilevanti għandhom jinġabru indikaturi, diżaggregati skont il-ġeneru.*

Emenda

2a. ***Meta jkun rilevanti għandhom jinġabru indikaturi, diżaggregati skont il-ġeneru.***

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Is-sistema ta' rappurtar tal-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data

Emenda

3. Is-sistema ta' rappurtar tal-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data

għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-risultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni u, fejn rilevanti, fuq l-Istati Membri.

għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-risultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin ***mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji***. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni u, fejn rilevanti, fuq l-Istati Membri.

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha ***tibgħat il-konklużjonijiet*** tal-evalwazzjonijiet ***fliinkien mal-osservazzjonijiet*** tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha ***tippubblika, tikkomunika u tippreżenta l-konklużjonijiet*** tal-evalwazzjonijiet ***interim u finali, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet*** tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-sistema ta' awditi tal-Programm għandha tiżgura bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż amministrattivi u spejjeż oħra ġġenerati mill-kontrolli fil-livelli kollha, speċjalment għall-benefiċjarji. Ir-regoli dwar l-awditjar għandhom ikunu ċari, konsistenti u koerenti fil-Programm kollu.

Emenda 103

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-istrategġija tal-awditi tal-Programm għandha tkun ibbażata fuq l-awditu finanzjarju ta' kampjun rappreżentattiv tan-nefqa fil-Programm kollu kemm hu. Il-kampjun rappreżentattiv għandu jkun ikkomplementat b'għażla bbażata fuq valutazzjoni tar-riskji relatati man-nefqa. L-azzjonijiet li jirċievu finanzjament konġunt minn diversi programmi tal-Unjoni għandhom jiġu awditjati darba waħda biss, li tkun tkopri l-programmi kollha involuti u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.

Emenda 104

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament jistgħu joqogħdu fuq reviżjonijiet ikkombinati tas-sistemi fil-livell tal-benefiċjarju. Tali reviżjonijiet ikkombinati għandhom ikunu fakultattivi għal ċerti tipi ta' benefiċjarji u għandhom jikkonsistu f'awditu tas-sistemi u l-proċessi, ikkomplementat minn awditu tat-tranżazzjonijiet, imwettaq minn awditur indipendenti kompetenti kkwalfikat biex iwettaq awditi statutorji ta' dokumenti ta' kontabbiltà f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE^{1a}. Dawn għandhom jintużaw mill-Kummissjoni jew mill-korp ta' finanzjament għal finijiet ta' verifika ta' assigurazzjoni globali dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-infiq u għal kwalunkwe rikunsiderazzjoni tal-livell ta' awditi u ċertifikati ex post fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

1^a Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

Emenda 105

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awditi jistgħu jitwettqu sa sentejn wara l-ħlas tal-bilanċ.

Emenda 106

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida dwar l-awditjar, bil-għan li tiżgura li jkun hemm applikazzjoni u interpretazzjoni affidabbli u uniformi tal-proċeduri u r-regoli tal-awditjar tul il-programm kollu.

Emenda 107

**Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-setgħa *tal-adozzjoni* ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni *sal-31 ta' Diċembru 2028*.

2. Is-setgħa *ta' adozzjoni* ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni *għal perjodu ta' tliet snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-*

Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda 108

Proposta għal regolament Anness I – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) *f'infrastruttura tas-saħħa kritika* rilevanti għall-kuntest tal-kriżijiet tas-saħħa, *tal-għodod, tal-istrutturi, tal-proċessi, tal-produzzjoni u tal-kapaċità* tal-laboratorji, *inkluż l-għodod* għas-sorveljanza, għall-immudellar, għat-tbassir, għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tat-tifqigħat.

Emenda

(ii) *f'azzjoni koordinata* rilevanti għall-kuntest tal-kriżijiet tas-saħħa, *għodod, strutturi, proċessi, produzzjoni u kapaċità* tal-laboratorji, *inklużi għodod* għas-sorveljanza, għall-immudellar, għat-tbassir, għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tat-tifqigħat.

Emenda 109

Proposta għal regolament Anness I – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) It-trasferiment, l-adattament u l-introduzzjoni tal-aħjar Prattiki u ta' soluzzjonijiet innovattivi b'valur miżjud stabbilit fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri, u appoġġ imfassal apposta *skont il-pajjiż għall-pajjiżi* jew *għall-gruppi* ta' pajjiżi li l-iktar għandhom bżonn, permezz tal-finanzjament ta' proġetti speċifiċi inkluż il-ġemellaġġ, il-pariri mill-esperti u l-appoġġ bejn il-pari.

Emenda

(b) It-trasferiment, l-adattament u l-introduzzjoni tal-aħjar Prattiki u ta' soluzzjonijiet innovattivi b'valur miżjud stabbilit fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri *jew ir-reġjuni* u appoġġ imfassal apposta *għal kull reġjun, pajjiż jew grupp* ta' *reġjuni jew* pajjiżi li l-iktar għandhom bżonn, permezz tal-finanzjament ta' proġetti speċifiċi inkluż il-ġemellaġġ, il-pariri mill-esperti u l-appoġġ bejn il-pari.

Emenda 110

Proposta għal regolament Anness I – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-istħarriġ, l-istudji, il-ġbir ***tad-data*** u ***l-istatistika***, il-metodoloġiji, il-klassifikazzjonijiet, il-mikrosimulazzjonijiet, l-indikaturi, is-senserija tal-ġharfien u l-eżerċizzji tal-parametri referenzjarji;

Emenda

(i) l-istħarriġ, l-istudji, il-ġbir ***ta' data*** u ***statistika komparabbli, inkluża, jekk ikun rilevanti, data diżaggregata skont il-ġeneru u l-età***, il-metodoloġiji, il-klassifikazzjonijiet, il-mikrosimulazzjonijiet, ***l-istudji pilota***, l-indikaturi, is-senserija tal-ġharfien u l-eżerċizzji tal-parametri referenzjarji;

Emenda 111

Proposta għal regolament Anness I – punt c – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) il-gruppi ta' esperti u l-bordijiet li jipprovdu pariri, data u informazzjoni ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa;

Emenda

(iii) il-gruppi ta' esperti u l-bordijiet, ***inklużi r-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti meta jkun applikabbli***, li jipprovdu pariri, ***evalwazzjoni***, data u informazzjoni ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa, ***inklużi evalwazzjonijiet ta' segwitu tal-implimentazzjoni tal-politiki tas-saħħa***;

Emenda 112

Proposta għal regolament Anness I – punt c – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) l-istudji u l-analiżi, u l-pariri xjentifiċi ta' appoġġ għat-tfassil tal-politika, u ***ta'*** appoġġ lill-kumitati xjentifiċi dwar "is-Sikurezza tal-Konsumatur" u dwar "ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti".

Emenda

(iv) l-istudji u l-analiżi, ***il-valutazzjoni sistematika tal-impatt ta' azzjonijiet politiċi oħra tal-Unjoni fuq is-saħħa*** u l-pariri xjentifiċi ta' appoġġ għat-tfassil tal-politika ***bbażat fuq l-evidenza***, u appoġġ lill-kumitati xjentifiċi dwar "is-Sikurezza

tal-Konsumatur" u dwar "ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti", **kif ukoll il-grupp ta' esperti dwar "il-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa"**.

Emenda 113

Proposta għal regolament Anness I – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(d) L-iżvilupp **u** l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta mas-saħħa, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għal:

Emenda

(d) L-iżvilupp, l-implimentazzjoni **u l-*evalwazzjoni*** tal-leġiżlazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta mas-saħħa, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għal:

Emenda 114

Proposta għal regolament Anness I – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta mas-saħħa; u l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti legali;

Emenda

(i) l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta mas-saħħa, ***inkluża l-promozzjoni tas-saħħa***; u l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni ***sħiħa*** tar-rekwiżiti legali ***u operazzjonali fl-Istati Membri kollha***;

Emenda 115

Proposta għal regolament Anness I – punt d – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) l-iżvilupp ***u t-tħaddim*** ta' bażijiet tad-data u ta' għodod diġitali u l-interoperabbiltà tagħhom, ***inkluż*** fejn ikun xieraq ma' teknoloġiji oħrajn ta' rilevament, bħal dawk ibbażati fl-ispażju;

Emenda

(iv) l-iżvilupp, ***it-tħaddim u l-manutenzjoni*** ta' bażijiet tad-data u ta' għodod diġitali u l-interoperabbiltà tagħhom, ***inklużi proġetti stabbiliti***, fejn ikun xieraq ma' teknoloġiji oħrajn ta'

rilevament, bħal dawk ibbażati fl-ispazju **u l-intelliġenza artifiċjali**;

Emenda 116

Proposta għal regolament Anness I – punt d – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) ix-xogħol ta' awditjar **u ta'** valutazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

Emenda

(v) ix-xogħol ta' awditjar, valutazzjoni **u spezzjoni** f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

Emenda 117

Proposta għal regolament Anness I – punt d – punt x

Test propost mill-Kummissjoni

(x) il-punti ta' kuntatt nazzjonali li jipprovdu gwida, informazzjoni u assistenza relatati **mal-implimentazzjoni** tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u tal-Programm;

Emenda

(x) il-punti ta' kuntatt nazzjonali li jipprovdu gwida, informazzjoni u assistenza relatati **mal-promozzjoni u l-implimentazzjoni** tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u tal-Programm;

Emenda 118

Proposta għal regolament Anness I – punt d – punt xi

Test propost mill-Kummissjoni

(xi) il-partijiet ikkonċernati fid-dawl tal-kooperazzjoni transnazzjonali.

Emenda

(xi) il-partijiet ikkonċernati fid-dawl tal-kooperazzjoni transnazzjonali **u reġjonali**.

Emenda 119

Proposta għal regolament Anness I – punt e

(e) Il-ħażniet strutturali u t-tħejjija għall-kriżijiet:

imħassar

(i) it-twaqqif u l-appoġġ ta' mekkaniżmu għall-iżvilupp, għall-akkwist u għall-ġestjoni tal-prodotti rilevanti għall-kriżijiet;

(ii) it-twaqqif u l-ġestjoni ta' riżervi u ħażniet tal-UE ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet f'komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni;

(iii) it-twaqqif u l-appoġġ ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-allokazzjoni effiċjenti tal-faċilitajiet tal-kura disponibbli (bħas-sodod tal-isptar u l-postijiet fl-unitajiet tal-kura intensiva), għat-tqassim jew l-allokazzjoni tal-oġġetti u tas-servizzi meħtieġa fil-każ ta' kriżi tas-saħħa, u għall-iżgurar tal-provvista u tal-użu sikur tal-mediċini, tal-mediċini fil-fażi tal-investigazzjoni u tal-apparat mediku;

(iv) l-akkwist tal-oġġetti u tas-servizzi meħtieġa għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa u l-ażżjonijiet li jiżguraw l-aċċess għal daww l-oġġetti u s-servizzi essenzjali;

(v) it-twaqqif u t-tħaddim ta' riżerva tal-Unjoni ta' persunal u esperti mill-qasam mediku u tal-kura tas-saħħa u t-twaqqif u t-tħaddim ta' mekkaniżmu biex dan il-persunal u dawn l-esperti jiġu allokat i skont il-bżonn biex tiġi evitata kriżi tas-saħħa jew biex jingħata rispons għaliha fl-Unjoni kollha; it-twaqqif u t-tħaddim ta' tim ta' Emerġenza tas-Saħħa tal-Unjoni li jipprovd i pariri mill-esperti u assistenza teknika fuq talba tal-Kummissjoni fil-każ ta' kriżi tas-saħħa.

Emenda 120

**Proposta għal regolament
Anness I – punt f – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

(i) azzjonijiet biex, fl-Unjoni kollha u b'mod transsettorjali, titrawwem il-kapaċità għall-prevenzjoni, għat-tħejjija, għall-ġestjoni u għar-rispons għal kriżijiet tas-saħħa fost l-atturi kollha fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi l-ippjanar ta' kontinġenza u l-eżerċizzji ta' tħejjija u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal mill-qasam mediku, tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika;

Emenda

(i) azzjonijiet biex, fl-Unjoni kollha u b'mod transsettorjali, titrawwem il-kapaċità għall-prevenzjoni, għat-tħejjija, għall-ġestjoni u għar-rispons għal kriżijiet tas-saħħa fost l-atturi kollha fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi **testijiet tal-istress**, l-ippjanar ta' kontinġenza u l-eżerċizzji ta' tħejjija u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal mill-qasam mediku, tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika;

Emenda 121

**Proposta għal regolament
Anness I – punt f – punt ia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) it-twaqqif ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Reazzjoni fil-qasam tas-Saħħa (EHRM), koordinat mill-ECDC bl-għajnuna tal-aġenziji rilevanti, biex tingħata risposta għal kull tip ta' trattamenti u kriżijiet tas-saħħa u tissaħħaħ il-koordinazzjoni operazzjonali fil-livell Ewropew;

Emenda 122

**Proposta għal regolament
Anness I – punt f – punt iii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii) l-appoġġ u/jew l-akkwist tal-produzzjoni ta' emerġenza ta' kontromiżuri mediċi, inklużi s-sustanzi kimiċi u s-sustanzi attivi essenzjali, u l-finanzjament tal-kooperazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa ta' emerġenza u l-provi kliniċi;

imħassar

Emenda 123

Proposta għal regolament Anness I – punt f – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) azzjonijiet preventivi biex il-gruppi vulnerabbli jiġu protetti mit-theddid għas-saħħa u azzjonijiet biex ir-rispons għall-kriżijiet u l-ġestjoni tagħhom ikun adattat għall-ħtiġijiet ta' dawk il-gruppi vulnerabbli;

Emenda

(iv) azzjonijiet preventivi biex ***iċ-ċittadini kollha, partikolarment*** il-gruppi vulnerabbli, jiġu protetti mit-theddid għas-saħħa u azzjonijiet biex ir-rispons għall-kriżijiet u l-ġestjoni tagħhom ikun adattat għall-ħtiġijiet ta' dawk il-gruppi vulnerabbli, ***bħall-iżgurar ta' kura bażika għal pazjenti b'mard kroniku li jeħtieġu kura palljattiva u trattament għall-immaniġġjar tal-uġiġħ***;

Emenda 124

Proposta għal regolament Anness I – punt f – punt iva(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) ***azzjonijiet li jappoġġaw is-saħħa elettronika, bħat-tranżizzjoni għat-telemediċina, l-ġhoti ta' medikazzjoni fid-dar u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet preventivi / ta' kura personali, meta jkun possibbli u xieraq***;

Emenda 125

Proposta għal regolament Anness I – punt f – punt ivb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ivb) ***azzjonijiet li jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera biex jiġi żgurat aċċess għal trattament rapidu għall-pazjenti kollha fl-Unjoni, partikolarment għal dawk li jbatu minn mard rari***;

Emenda 126

Proposta għal regolament Anness I – punt f – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi kollaterali ta' kriżi tas-saħħa fuq is-saħħa, b'mod partikolari dawk fuq is-saħħa mentali, fuq il-pazjenti li jsofru minn mard kroniku u **fuq gruppi** vulnerabbli oħra;

Emenda

(v) azzjonijiet biex jiġu indirizzati **u mmaniġġjati** l-konsegwenzi kollaterali ta' kriżi tas-saħħa fuq is-saħħa, b'mod partikolari dawk fuq is-saħħa mentali, fuq il-pazjenti li jsofru minn mard kroniku u **sitwazzjonijiet** vulnerabbli oħra, **inklużi persuni li għandhom xi vizzju, persuni bl-HIV/AIDS jew persuni li jbatu bit-tuberkolożi**;

Emenda 127

Proposta għal regolament Anness I – punt f – punt viiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(viiia) appoġġ għall-azzjonijiet dwar is-sorveljanza epidemjoloġika, b'enfasi fuq l-entitajiet tas-saħħa nazzjonali, b'tali mod li jingħata kontribut għall-valutazzjoni ta' fatturi li jaffettwaw jew jiddeterminaw is-saħħa taċ-ċittadini;

Emenda 128

Proposta għal regolament Anness I – punt f – punt viiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(viiib) azzjonijiet li jiżguraw li l-aċċess għall-mediċini ma jiġix imfixkel, u li jkun hemm kontinwità fil-kura u t-trattament, partikolarment għal pazjenti li jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi;

Emenda 129

**Proposta għal regolament
Anness I – punt g – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

(g) It-tishih tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali:

Emenda

(g) It-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali, ***il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard:***

Emenda 130

**Proposta għal regolament
Anness I – punt g – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

(i) appoġġ lill-azzjonijiet għat-trasferiment tal-għarfien u għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex ikunu megħjuna l-proċessi ta' riforma nazzjonali bil-għan li jkun hemm effettività, aċċessibbiltà, sostenibbiltà u reżiljenza mtejbin, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati mis-Semestru Ewropew u tissaħħaħ il-kura primarja, biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-kura ***u biex*** ikun hemm kopertura universali tas-saħħa u aċċess ugwali ***għall-kura*** tas-saħħa;

Emenda

(i) appoġġ lill-azzjonijiet għat-trasferiment tal-għarfien u għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex ikunu megħjuna l-proċessi ta' riforma nazzjonali bil-għan li jkun hemm effettività, aċċessibbiltà, sostenibbiltà u reżiljenza mtejbin, ***filwaqt li jkun hemm rabta mal-finanzjament disponibbli min-naħa tal-Unjoni***, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati mis-Semestru Ewropew ***u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar is-saħħa***, u tissaħħaħ il-kura primarja, biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-kura, ikun hemm kopertura universali tas-saħħa u ***jintlaħaq*** aċċess ugwali ***għal kura*** tas-saħħa ***ta' kwalità***;

Emenda 131

**Proposta għal regolament
Anness I – punt g – punt ia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(ia) appoġġ għal politiki u azzjonijiet ta' implimentazzjoni biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa u fir-rigward tal-kura tas-saħħa;

Emenda

Emenda 132

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) programmi ta' taħriġ għall-persunal mediku u tal-kura tas-saħħa, u programmi għall-iskambji temporanji tal-persunal;

Emenda

(ii) ***appoġġ, f'sinerġija ma' Programmi oħra, għal programmi ta' taħriġ, edukazzjoni u mobilità għall-persunal mediku u tal-kura tas-saħħa, inklużi programmi online, u programmi għall-iskambji temporanji tal-persunal, partikolarment bil-għan li jittejbu l-kurrikuli u l-ħiliet diġitali tagħhom;***

Emenda 133

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) appoġġ biex titjeb id-distribuzzjoni ġeografika tal-forza tax-xogħol fil-kura tas-saħħa u ***biex*** jiġu evitati d-"deżerti mediċi";

Emenda

(iii) appoġġ, ***f'sinerġija ma' Programmi oħra***, biex titjeb id-distribuzzjoni ġeografika tal-forza tax-xogħol fil-kura tas-saħħa, ***filwaqt li jiġi żgurat li tali distribuzzjoni tal-forza tax-xogħol tkun proporzjonata wkoll mal-popolazzjoni taż-żona jew tar-reġjun inkwistjoni, u b'hekk jiġu evitati d-"deżerti mediċi" u jiġu promossi u implimentati politiki ta' żamma;***

Emenda 134

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) appoġġ għat-twaqqif ***u l-koordinazzjoni tal-Laboratorji u taċ-Ċentri*** ta' Referenza tal-Unjoni, ***u taċ-***

Emenda

(iv) appoġġ għat-twaqqif, ***il-koordinazzjoni u d-diffużjoni ta' Laboratorji u Ċentri*** ta' Referenza tal-Unjoni, ***Ċentri*** ta' eċċellenza ***u pjattaformi***

Ċentri ta' eċċellenza;

tal-UE speċifiċi għall-mard biex ikun hemm skambju, tqabbil u parametraġġ referenzjarju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri;

Emenda 135

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) awditjar tal-arranġamenti ta' tħejjija u ta' rispons tal-Istati Membri (bħall-ġestjoni tal-kriżijiet, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u t-tilqim);

Emenda

(v) awditjar tal-arranġamenti ta' tħejjija u ta' rispons tal-Istati Membri (bħall-ġestjoni tal-kriżijiet, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u t-tilqim) **u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji jew il-programmi tagħhom għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard;**

Emenda 136

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt viiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(viiia) appoġġ għal qafas tal-Unjoni u għall-għodod diġitali interoperabbli relatati biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fost l-Istati Membri u fin-networks, inklużi n-networks meħtieġa sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwasslu u jiskambjaw valutazzjonijiet kliniċi konġunti affidabbli u ta' kwalità għolja f'waqthom, u konsultazzjonijiet xjentifiċi konġunti u attivitajiet rilevanti oħra biex jingħata appoġġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-iskambju tal-eżiti ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-HTA;

Emenda 137

**Proposta għal regolament
Anness I – punt g – punt ix**

Test propost mill-Kummissjoni

(ix) appoġġ għall-istabbiliment u għall-implimentazzjoni ta' programmi li jassistu lill-Istati Membri u l-azzjonijiet tagħhom biex itejbu l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard (għall-mard li jittieħed u li ma jittieħidx);

Emenda

(ix) appoġġ għall-istabbiliment u għall-implimentazzjoni ta' programmi ***nazzjonali u Ewropej, inklużi programmi diġitali u bbażati fuq l-evidenza***, li jassistu lill-Istati Membri u l-azzjonijiet tagħhom biex itejbu l-promozzjoni tas-saħħa, ***l-għarfien dwar is-saħħa*** u l-prevenzjoni tal-mard (għall-mard li jittieħed u li ma jittieħidx) ***fl-unitajiet tas-saħħa u fil-komunitajiet, u mitigazzjoni tal-fatturi ta' riskju ewlenin tal-mard kroniku***;

Emenda 138

**Proposta għal regolament
Anness I – punt g – punt ixa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ixa) appoġġ għat-twaqqif u l-funzjonament ta' pjattaformi tal-Unjoni speċifiċi għall-mard għall-iskambju, it-tqabbil u l-parametraġġ referenzjarju tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri, fl-għamla ta' networks ta' eċċellenza fil-qasam tal-mard li jittieħed u li ma jittieħidx, b'mod partikolari fil-qasam tal-mard kroniku;

Emenda 139

**Proposta għal regolament
Anness I – punt g – punt ixb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ixb) appoġġ għall-iżvilupp ta' linji gwida għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-mard fil-qasam tal-mard li jittieħed u li ma jittieħidx;

Emenda 140

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt x

Test propost mill-Kummissjoni

(x) appoġġ għall-azzjonijiet tal-Istati Membri biex idaħħlu fis-seħħ ambjenti urbani, tax-xogħol u tal-iskola b'saħħithom u sikuri, **biex** jippermettu għażliet tal-ħajja tajbin għas-saħħa u **biex** jippromwovu dieti tajbin għas-saħħa filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet ***tal-gruppi vulnerabbli***;

Emenda

(x) appoġġ għall-azzjonijiet tal-Istati Membri biex idaħħlu fis-seħħ ambjenti urbani, tax-xogħol u tal-iskola b'saħħithom u sikuri, ***jippromwovu s-saħħa mentali, l-educazzjoni dwar is-saħħa***, jippermettu għażliet tal-ħajja tajbin għas-saħħa u jippromwovu ***attività fiżika regolari u*** dieti tajbin għas-saħħa filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet ***tal-persuni f'kull stadju ta' ħajjithom bil-għan li tiġi promossa s-saħħa tul il-ħajja***;

Emenda 141

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(xa) appoġġ għall-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jiġu indirizzati fatturi determinanti għas-saħħa, inkluż it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol u l-użu tat-tabakk;

Emenda

Emenda 142

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(xb) appoġġ għall-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jiġi żgurat aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u għall-prodotti mediċinali relatati, u appoġġ għal approċċi integrati u intersezzjonali għall-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament u l-kura;

Emenda

Emenda 143

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xc) azzjonijiet li jippromwovu l-kura u l-appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza sessista;

Emenda 144

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xd) azzjonijiet li jippromwovu aċċess ugwali għas-servizzi tas-saħħa u għal faċilitajiet u kura relatati għall-persuni b'diżabilità;

Emenda 145

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xia) appoġġ għall-Istati Membri fir-reviżjoni tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar il-mard rari biex jiddaħħlu fis-seħħ l-arranġamenti finanzjarji u organizzattivi meħtieġa biex is-sistema tan-Networks ta' Referenza Ewropej tiġi integrata b'mod effettiv fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali billi jingħata wkoll appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sett ta' politiki, regoli u proċeduri meħtieġa biex is-sistema tan-NRE tiġi ankrata fil-livell nazzjonali;

Emenda 146

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xib) appoġġ għall-implimentazzjoni tas-sistema tan-NRE għal valutazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u titjib fil-kwalità b'mod kontinwu;

Emenda 147

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xic) allokazżjoni ta' fondi biex jinħolqu mekkaniżmi effettivi u permanenti għall-kollaborazzjoni tan-NRE sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet multisistemiċi li jirriżultaw minn mard bi prevalenza baxxa u mard rari u jiġi ffaċilitat in-networking djagonali bejn speċjalitajiet u dixxiplini differenti;

Emenda 148

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xid (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xid) appoġġ għall-Istati Membri fit-tisħiħ taċ-ċentri ta' għarfien espert tagħhom għal mard rari biex jiżdedu l-kapaċitajiet tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali għad-dijanjożi, it-trattament u l-ġestjoni ta' tali mard, il-kooperazzjoni transnazzjonali dwar il-kodifikazzjoni, l-informazzjoni u l-għarfien fil-qasam tal-mard rari, b'mod partikolari l-bażi tad-data Orphanet;

Emenda 149

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xiia) appoġġ għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri għall-ħolqien ta' Network Ewropew għall-Eċċellenza tal-Isptarijiet, li jtejjeb it-trattament transfruntier għall-mard rari u jżid l-aċċess għat-trattament għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni;

Emenda 150

Proposta għal regolament Anness I – punt h – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) Azzjonijiet b'rabta mal-kanċer:

(h) Azzjonijiet b'rabta mal-kanċer, ***inkluż il-kanċer pedjatriku:***

Emenda 151

Proposta għal regolament Anness I – punt h – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) appoġġ lill-Istati Membri u lill-NGOs fil-promozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kodiċi Ewropew Kontra l-Kanċer;

(i) appoġġ lill-Istati Membri, ***lill-IARC*** u lill-NGOs fil-promozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kodiċi Ewropew Kontra l-Kanċer; ***appoġġ għar-reviżjoni u l-aġġornament kontinwu tal-edizzjoni attwali tal-Kodiċi Ewropew kontra l-Kanċer;***

Emenda 152

Proposta għal regolament Anness I – punt h – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) appoġġ għat-twaqqif ta' Istitut Ewropew għall-Kanċer (ECI) bħala pjattaforma għall-implimentazzjoni tan-Networks Ewropej ta' Referenza għall-Kanċer, il-ġbir ta' data klinika fost iċ-ċentri mill-pajjiżi parteċipanti kollha madwar l-Unjoni u l-għoti ta' prijorità lil programmi ta' riċerka akkademika u klinika ta' eċċellenza fil-qasam tal-kanċer, inkluż il-kanċer pedjatriku;

Emenda 153

**Proposta għal regolament
Anness I – punt h – punt iii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii) appoġġ għall-programmi ta' prevenzjoni dwar fatturi ta' riskju ewlenin għall-kanċer;

(iii) appoġġ għall-programmi ta' prevenzjoni dwar fatturi ta' riskju ewlenin għall-kanċer **li jkunu ta' effikaċja ppruvata u appoġġati minn evidenza stabbilita;**

Emenda 154

**Proposta għal regolament
Anness I – punt h – punt iva (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) azzjonijiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' reġistri tal-kanċer fl-Istati Membri kollha;

Emenda 155

**Proposta għal regolament
Anness I – punt h – punt v**

Test propost mill-Kummissjoni

(v) azzjonijiet li jappoġġaw ***l-aċċess*** għas-servizzi tal-kanċer u ***għall-mediċini*** innovattivi għal kontra ***kanċer***;

Emenda

(v) azzjonijiet li jappoġġaw ***l-implimentazzjoni ta' politiki, programmi nazzjonali u linji gwida, f'konformità mal-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer, sabiex jitnaqsu l-inugwaljanzi u jingħata aċċess*** għas-servizzi tal-kanċer, ***għal kura paljattiva u ta' appoġġ, u għal skrinjar, trattamenti u mediċini*** innovattivi, ***aċċessibbli u effettivi*** għal kontra ***l-kanċer fl-Istati Membri kollha, f'sinerġija sħiħa ma' Orizzont Ewropa u l-missjonijiet u s-sħubijiet tiegħu***;

Emenda 156

**Proposta għal regolament
Anness I – punt h – punt va (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(va) azzjonijiet li jappoġġaw ***aċċess ugwali u f'waqtu għal mediċini u terapiji ġodda u innovattivi, inkluż għall-kura paljattiva u ta' appoġġ, għal mard malinn pedjatriku, fl-Ewropa kollha, u jrawmu d-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' tali mediċini u trattamenti f'dożi u formulazzjonijiet adatti għat-tfal***;

Emenda 157

**Proposta għal regolament
Anness I – punt h – punt vb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(vb) azzjonijiet li jindirizzaw ***il-ħtiġijiet mhux issodisfati tat-tfal u l-adolexxenti bil-kanċer, u tas-superstitti tal-kanċer, permezz ta' programmi u pjanijiet li jabilitaw n-NRE, inklużi dawk dwar il-kanċer pedjatriku***;

Emenda 158

Proposta għal regolament Anness I – punt h – punt vii

Test propost mill-Kummissjoni

(vii) azzjonijiet li jappoġġaw il-kwalità fil-prevenzjoni u l-kura tal-kanċer, **inkluż id-dijanjożi** u t-trattament;

Emenda

(vii) azzjonijiet li jappoġġaw il-kwalità fil-prevenzjoni u l-kura tal-kanċer, **inkluż id-dijanjożi** u t-trattament, **is-segwitu u l-kura palljattiva u ta' appoġġ**;

Emenda 159

Proposta għal regolament Anness I – punt h – punt viii

Test propost mill-Kummissjoni

(viii) azzjonijiet li jappoġġaw il-kwalità tal-ħajja tas-superstiti tal-kanċer u ta' dawk li jieħdu ħsiebhom;

Emenda

(viii) azzjonijiet li jappoġġaw il-kwalità tal-ħajja tas-superstiti tal-kanċer u ta' dawk li jieħdu ħsiebhom, **inklużi l-għoti ta' appoġġ psikoloġiku, l-immaniġġjar tal-uġigħ u riintegrazzjoni professjonali**;

Emenda 160

Proposta għal regolament Anness I – punt h – punt ix

Test propost mill-Kummissjoni

(ix) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tabakk;

Emenda

(ix) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontroll tat-tabakk **u ta' leġiżlazzjoni relatata oħra fil-qasam tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, inkluż dik immirata lejn it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol**;

Emenda 161

Proposta għal regolament Anness I – punt h – punt x

Test propost mill-Kummissjoni

(x) it-twaqqif u l-appoġġ ta' mekkaniżmi għall-bini tal-kapaċità orizzontali fost l-ispeċjalizzazzjonijiet u għal edukazzjoni kontinwa fil-qasam tal-kura tal-kanċer.

Emenda

(x) it-twaqqif u l-appoġġ ta' mekkaniżmi għall-bini tal-kapaċità orizzontali fost l-ispeċjalizzazzjonijiet u għal edukazzjoni kontinwa ***tal-professionisti tal-kura tas-saħħa u l-indokraturi informali*** fil-qasam tal-kura tal-kanċer, ***l-iskrinjar u d-dijanjożi bikrija, partikolarment fil-qasam tal-kanċer pedjatriku, bil-għan li tüttejjeb il-kwalità tal-kura;***

Emenda 162

**Proposta għal regolament
Anness I – punt h – punt xa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xa) azzjonijiet li jappoġġaw approċċ integrattiv, koordinat, multidixxiplinari u ċċentrat fuq il-pazjent fir-rigward tal-pazjenti u s-superstiti tal-kanċer;

Emenda 163

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt ii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) appoġġ għall-azzjonijiet biex tiġi miġġielda l-eżitazzjoni għat-tilqim;

(ii) appoġġ għall-azzjonijiet biex tiġi miġġielda l-eżitazzjoni għat-tilqim ***u d-diżinformazzjoni, u l-promozzjoni tal-immunizzazzjoni tul l-istadji kollha tal-ħajja ta' persuna;***

Emenda 164

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt iia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) appoġġ għal għodod u pjattaformi biex tinġabar evidenza f'sitwazzjonijiet reali dwar il-kwalità, l-effikaċja u l-impatt tal-vaċċini wara li jintużaw, mingħajr preġudizzju għall-ġenerazzjoni ta' evidenza robusta fil-fażi ta' qabel l-approvazzjoni;

Emenda 165

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt iib (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iib) appoġġ għall-azzjoni għall-eliminazzjoni ta' mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim;

Emenda 166

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt iii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii) appoġġ għall-provi kliniċi biex jitħaffu l-iżvilupp, l-awtorizzazzjoni u l-aċċess għal mediċini u vaċċini innovattivi, sikuri u effettivi;

(iii) appoġġ għall-provi kliniċi **u l-użu ta' data f'sitwazzjonijiet reali, inklużi dawk li jinvolvu koordinazzjoni akbar fil-livell tal-Unjoni u mal-EMA**, biex jitħaffu l-iżvilupp, l-awtorizzazzjoni u l-aċċess għal mediċini u vaċċini innovattivi, sikuri u effettivi;

Emenda 167

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt iiia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiia) azzjonijiet ta' appoġġ immirati lejn

il-ħolqien u l-iżvilupp ta' mekkaniżmu diġitali Ewropew għal rappurtar, notifika u monitoraġġ aħjar ta' kwalunkwe nuqqas li jista' jkun hemm, fl-għamla ta' pjattaforma tal-Unjoni għal nuqqas ta' mediċini, filqim u apparat mediku, abbażi ta' mudell wieħed armonizzat u interoperabbli ta' ġbir ta' data u sistemi nazzjonali biex jiġi rappurtat kwalunkwe nuqqas, inkluża l-implimentazzjoni sħiħa ta' infrastruttura telematika effettiva tal-Unjoni li tgħaqqad id-data dwar il-mediċini mal-ktajjen tal-provvista;

Emenda 168

Proposta għal regolament Anness I – punt i – punt iiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiib) azzjonijiet ta' appoġġ li jstimulaw iż-żieda fil-produzzjoni ta' APIs u prodotti mediċinali essenzjali fl-Unjoni, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-produzzjoni ta' ingredjenti attivi u ġeneriċi fil-katina tal-provvista fl-Unjoni biex titnaqqas id-dipendenza tal-Istati Membri fuq ċerti pajjiżi terzi;

Emenda 169

Proposta għal regolament Anness I – punt i – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iv) appoġġ għall-azzjonijiet li jiżguraw disponibbiltà akbar ta' **mediċini** u apparat mediku fl-Unjoni u li jikkontribwixxu għall-affordabbiltà tagħhom għall-pazjenti u għas-sistemi tas-saħħa;

(iv) appoġġ għall-azzjonijiet li jiżguraw disponibbiltà akbar ta' **prodotti mediċinali** u apparat mediku fl-Unjoni u li jikkontribwixxu għall-affordabbiltà tagħhom għall-pazjenti u għas-sistemi tas-saħħa;

Emenda 170

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt v**

Test propost mill-Kummissjoni

(v) appoġġ għall-azzjonijiet li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' **prodotti** innovattivi **u ta' prodotti inqas interessanti kummerċjalment bħas-sustanzi antimikrobiċi**;

Emenda

(v) appoġġ għall-azzjonijiet li jinkoraġġixxu **l-iskoperta u** l-iżvilupp ta' **mediċini u vaċċini** innovattivi **biex jiġu indirizzati l-isfidi dejjem akbar għall-kura tas-saħħa u l-ħtiġijiet tal-pazjenti**;

Emenda 171

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt va (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(va) **appoġġ għal azzjonijiet biex titrawwem l-innovazzjoni fl-adattament għal skop differenti, ir-riformulazzjoni u l-kombinament ta' mediċini li tkun skaditilhom il-privattiva u li jiġġeneraw titjib rilevanti għall-pazjenti, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa u/jew is-sistemi tal-kura tas-saħħa**;

Emenda 172

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt vb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(vb) **azzjoni li tindirizza l-fallimenti tas-suq fir-rigward tal-antibijotiċi u tħeġġeġ investimenti sostenibbli għall-iskoperta u l-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda, mediċini għal mard rari u mediċini biex jiġi miġġieled il-mard li jittieħed, filwaqt li jiġi żgurat aċċess ekwu**;

Emenda 173

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt vi**

Test propost mill-Kummissjoni

(vi) appoġġ għall-azzjonijiet għall-monitoraġġ ***tan-nuqqasijiet tal-mediċini*** u ***tal-apparat*** mediku fl-isptarijiet u fl-ispiżeriji tal-komunità biex jiġu indirizzati nuqqasijiet bħal dawn u ***biex*** tiżdied is-sigurtà tal-provvisti;

Emenda

(vi) appoġġ għall-azzjonijiet għall-monitoraġġ, ***il-prevenzjoni, il-ġestjoni, ir-rappurtar u n-notifika ta' kwalunkwe nuqqas ta' mediċini*** u ***apparat*** mediku fl-isptarijiet u fl-ispiżeriji tal-komunità biex ***kwalunkwe nuqqas irrappurtat jinġabar f'bażi tad-data ċentralizzata u interoperabbli ma' bażijiet tad-data li jkun fihom data regolatorja dwar il-mediċini, b'tali mod li*** jiġu indirizzati nuqqasijiet bħal dawn u tiżdied is-sigurtà tal-provvisti;

Emenda 174

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt viii**

Test propost mill-Kummissjoni

(viii) azzjoni li ssaħħaħ il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-prodotti farmaċewtiċi;

Emenda

(viii) azzjoni li ssaħħaħ il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-prodotti farmaċewtiċi ***u l-apparat mediku***;

Emenda 175

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt ix**

Test propost mill-Kummissjoni

(ix) azzjoni biex jiġu promossi l-użu u r-rimi prudenti ***tas-sustanzi antimikrobiċi***;

Emenda

(ix) azzjoni biex jiġu promossi l-użu u r-rimi prudenti ***tal-mediċini, speċjalment l-antimikrobiċi, u biex jiġnaqqas l-użu ġenerali tal-mediċini; azzjoni b'appoġġ għas-sorveljanza tal-użu tal-antimikrobiċi u l-ġlieda kontra r-reżistenza antimikrobika (AMR)***;

Emenda 176

**Proposta għal regolament
Anness I – punt i – punt x**

Test propost mill-Kummissjoni

(x) appoġġ għall-azzjonijiet biex ***titrawwem konverġenza*** regolatorja internazzjonali ***dwar il-mediċini*** u l-apparat mediku.

Emenda

(x) appoġġ għall-azzjonijiet biex ***jitrawmu l-konverġenza*** regolatorja internazzjonali ***u l-fiduċja fil-prodotti mediċinali*** u l-apparat mediku, ***u biex titjieb is-sorveljanza regolatorja min-naħa tal-Unjoni.***

Emenda 177

**Proposta għal regolament
Anness I – punt j – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

(i) appoġġ għall-użu, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali interoperabbli maturi u ta' proċessi ta' assigurazzjoni tal-kwalità tad-data għall-iskambju, l-aċċess, l-użu u l-użu mill-ġdid tagħha; appoġġ għal networking transfruntier, inkluż permezz tal-użu ta' rekords tas-saħħa, reġistri u bażijiet tad-data oħra elettroniċi;

Emenda

(i) appoġġ għall-użu, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali interoperabbli maturi u ta' proċessi ta' assigurazzjoni ***tas-sigurtà u*** tal-kwalità tad-data għall-iskambju, l-aċċess, l-użu u l-użu mill-ġdid tagħha; appoġġ għal networking transfruntier, inkluż permezz ***tat-titjib u*** tal-użu ***aħjar*** ta' rekords tas-saħħa, reġistri u bażijiet tad-data oħra elettroniċi;

Emenda 178

**Proposta għal regolament
Anness I – punt j – punt ia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(ia) ħolqien tar-Rekord Elettroniku Ewropew tas-Saħħa u appoġġ għall-implimentazzjoni tiegħu fl-Istati Membri sabiex jiżdied l-użu tas-saħħa elettronika u jitjebu s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa;

Emenda

Emenda 179

**Proposta għal regolament
Anness I – punt j – punt ib (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ib) appoġġ għall-Istati Membri biex
itejbu u jkomplu jiżviluppaw u
jimplimentaw ir-reġistri tan-NRE;**

Emenda 180

**Proposta għal regolament
Anness I – punt j – punt ii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) appoġġ għat-trasformazzjoni
diġitali tal-kura tas-saħħa u tas-sistemi tas-
saħħa inkluż permezz tal-valutazzjonijiet
komparattivi u tal-bini tal-kapaċità biex
jibdeu jitħaddmu għodod u teknoloġiji
innovattivi; ***it-titjib*** tal-ħiliet diġitali tal-
professjonisti tal-qasam tal-kura tas-saħħa;

(ii) appoġġ għat-trasformazzjoni
diġitali tal-kura tas-saħħa u tas-sistemi tas-
saħħa inkluż permezz tal-valutazzjonijiet
komparattivi u tal-bini tal-kapaċità biex
jibdeu jitħaddmu għodod u teknoloġiji
innovattivi ***u t-tisħiħ tal-użu u l-użu mill-
ġdid sikur tad-data dwar is-saħħa,
f'konformità mal-GDPR; appoġġ u
implimentazzjoni tat-titjib*** tal-ħiliet diġitali
tal-professjonisti tal-qasam tal-kura tas-
saħħa ***u ċ-ċittadini, permezz ta' miżuri ta'
edukazzjoni, taħriġ u għarfien dwar is-
saħħa (diġitali) aktar b'saħħithom;***

Emenda 181

**Proposta għal regolament
Anness I – punt j – punt iii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii) appoġġ għall-użu u l-
interoperabbiltà tal-għodod u tal-
infrastrutturi diġitali fl-Istati Membri u
bejniethom u mal-Istituzzjonijiet u l-korpi
tal-Unjoni; l-iżvilupp ta' strutturi ta'
governanza xierqa u ta' sistemi ta'
informazzjoni tas-saħħa tal-Unjoni li jkunu
sostenibbli u interoperabbli, bħala parti

(iii) appoġġ għall-użu u l-
interoperabbiltà tal-għodod u tal-
infrastrutturi diġitali fl-Istati Membri u
bejniethom u mal-Istituzzjonijiet, ***l-aġenzji***
u l-korpi tal-Unjoni; l-iżvilupp ta' strutturi
ta' governanza xierqa u ta' sistemi ta'
informazzjoni tas-saħħa tal-Unjoni li jkunu
sostenibbli u interoperabbli, bħala parti

mill-Ispazju Ewropew ta' Data dwar is-Saħħa, ***u t-tisħiħ tal-aċċess*** taċ-ċittadini għad-data dwar saħħithom u ***tal-kontroll*** tagħhom ***tagħha***;

mill-Ispazju Ewropew ta' Data dwar is-Saħħa, ***bil-ħsieb li l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-kura tas-saħħa jsaħħa u jiffaċilita l-aċċess*** taċ-ċittadini għad-data dwar saħħithom u ***l-kontroll*** tagħhom ***fuqha; appoġġ għal użu u implimentazzjoni usa' ta' inizzjattivi u proġetti attwali ta' suċċess rigward data dwar is-saħħa diġitali u data dwar is-saħħa ċċentrati fuq il-persuna;***

Emenda 182

Proposta għal regolament Anness I – punt j – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) appoġġ ***għall-użu ottimu*** tat-telemediċina/tat-telesaħħa, inkluż permezz tal-komunikazzjoni bis-satellita għaż-żoni remoti, it-trawwim ta' innovazzjoni fl-organizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mmexxija mit-teknoloġija diġitali u l-promozzjoni ta' għodod diġitali li jappoġġaw l-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini u l-kura tas-saħħa ċċentrata fuq ***il-persuni***.

Emenda

(iv) appoġġ ***għall-aċċess u l-użu ottimali*** tat-telemediċina/tat-telesaħħa, inkluż permezz tal-komunikazzjoni bis-satellita għaż-żoni remoti, it-trawwim ta' innovazzjoni fl-organizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mmexxija mit-teknoloġija diġitali u l-promozzjoni ta' għodod diġitali li jappoġġaw l-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini u l-kura tas-saħħa ċċentrata fuq ***il-persuna; promozzjoni tal-involviment tal-pazjenti u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-kodisinn u l-kożvilupp ta' soluzzjonijiet ta' telemediċina/telesaħħa u soluzzjonijiet diġitali oħra li jkunu faċli biex jintużaw, aċċessibbli, siguri u effiċjenti.***

Emenda 183

Proposta għal regolament Anness I – punt k – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) il-komunikazzjoni biex jiġu promossi ***l-prevenzjoni tal-mard u*** l-istili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, f'kooperazzjoni mal-atturi kollha kkonċernati fil-livell

Emenda

(iii) il-komunikazzjoni biex jiġu promossi ***s-saħħa***, l-istili ta' ħajja tajbin għas-saħħa ***u l-prevenzjoni tal-mard***, f'kooperazzjoni mal-atturi kollha

internazzjonali, tal-Unjoni **u** nazzjonali.

kkonċernati fil-livell internazzjonali, tal-Unjoni, nazzjonali **u reġjonali**;

Emenda 184

**Proposta għal regolament
Anness I – punt k – punt iiiia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiiia) kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-popolazzjoni ġenerali kif ukoll għal gruppi fil-mira u proġetti mmexxija mill-partijiet ikkonċernati, li jinkludu l-prevenzjoni tad-diżinformazzjoni u l-ġlieda kontriha;

Emenda 185

**Proposta għal regolament
Anness I – punt k – punt iiib (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiib) attivitajiet ta' komunikazzjoni mmirati biex jiġġieldu l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, bħal aħbarijiet foloz, dwar il-mediċini, il-vaċċini, il-prodotti tas-saħħa, il-kawżi u t-trattamenti tal-mard;

Emenda 186

**Proposta għal regolament
Anness I – punt k – punt iiic (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiic) komunikazzjoni maċ-ċittadini dwar ir-riskji għas-saħħa u d-determinanti tas-saħħa;

Emenda 187

Proposta għal regolament
Anness I – punt k – punt iiii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiid) kampanji ta' komunikazzjoni, informazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar id-donazzjoni ta' komponenti tad-demem, organi, tessuti u ċelloli li jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-importanza ta' tali donazzjoni f'termini ta' solidarjetà, politika dwar is-saħħa u benefiċċji terapewtiċi.

Emenda 188

Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt I

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

I. il-kwalità u l-kompletezza tat-tnejjija u tal-ippjanar ta' rispons tal-UE u tal-Istati Membri għat-theddid transfruntier serju għas-saħħa;

I. il-kwalità u l-kompletezza tat-tnejjija u tal-ippjanar ta' rispons tal-UE u tal-Istati Membri għat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, **inklużi indikaturi tal-valutazzjoni tar-reżiljenza madwar l-Unjoni;**

Emenda 189

Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt II

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

II. l-aċċess għall-mediċini awtorizzati ċentralment għall-ħtiġijiet mhux issodisfati, eż. l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet orfni, il-Prodotti Mediċinali ta' Terapija Avanzata u l-Prodotti Mediċinali jew il-vaċċini għall-Użu Pedjatriku;

II. l-aċċess għall-mediċini **u l-apparat mediku** awtorizzati ċentralment għall-ħtiġijiet mhux issodisfati, eż. l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet orfni **eżistenti u ġodda**, il-Prodotti Mediċinali ta' Terapija Avanzata u l-Prodotti Mediċinali jew il-vaċċini għall-Użu Pedjatriku;

Emenda 190

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt III**

Test propost mill-Kummissjoni

III. l-għadd ta' azzjonijiet u l-aħjar prattiki li jikkontribwixxu direttament **għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 3.4** għal kull Stat Membru;

Emenda

III. l-għadd ta' azzjonijiet u l-aħjar prattiki li jikkontribwixxu direttament **biex ikun hemm kopertura universali tas-saħħa** għal kull Stat Membru;

Emenda 191

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt IV**

Test propost mill-Kummissjoni

IV. l-implimentazzjoni **tal-aħjar prattiki** mill-Istati Membri tal-UE.

Emenda

IV. l-implimentazzjoni **ta' programmi tas-saħħa** mill-Istati Membri tal-UE **li jippromwovu s-saħħa, jipprevjenu l-mard u jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa.**

Emenda 192

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt IVa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 193

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

IVa. l-implimentazzjoni tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa (EHDS).

Emenda

1a. l-għadd ta' proċeduri ġodda għal żvilupp u valutazzjoni aċċelerati ta' mediċini għall-esiġenzi prinċipali tas-saħħa pubblika, fejn rilevanti fid-dawl ta'

teknoloġiji ġodda;

Emenda 194

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**1b. l-ġhadd ta' Stati Membri b'livell
adegwat ta' infrastruttura;**

Emenda 195

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**1c. l-ġhadd ta' Stati Membri li jkunu
implimentaw ir-Rekord Elettroniku
Ewropew tas-Saħħa;**

Emenda 196

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**1d. il-proporzjon tal-popolazzjoni taç-
çittadini tal-Istat Membri li jkollhom
aċċess għad-data tagħhom fl-EHDS, għal
kull Stat Membru;**

Emenda 197

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**3. l-ġhadd ta' dożijiet ta' tilqim
imqassma;**

**3. l-ġhadd ta' dożijiet ta' tilqim
imqiegħda għad-dispożizzjoni, skont it-tip**

u skont l-Istat Membru;

Emenda 198

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**3a. *il-kopertura tat-tilqim, skont l-età
u skont il-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim***

Emenda 199

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. is-sopravivenza netta wara ħames snin standardizzata għall-età b'rabta mal-kanċer *ċervikali, tas-sider u kolorettali;*

6. is-sopravivenza netta wara ħames snin standardizzata għall-età b'rabta mal-kanċer, ***skont it-tip, l-età u l-Istat Membru;***

Emenda 200

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. *ir-rata ta' sopravivenza netta wara ħames snin standardizzata għall-età b'rabta mal-kanċer pedjatriku, skont it-tip, l-età u l-Istat Membru;*

Emenda 201

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 6b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6b. *il-kopertura tal-iskrinjar għall-*

programmi tal-iskrinjar tal-kanċer tas-sider, il-kanċer ċervikali u l-kanċer kolorettali, skont it-tip, l-età, il-ġeneru u l-Istat Membru;

Emenda 202

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. il-proporzjon tar-Reġistri tal-Kanċer (CRs) u l-ġhadd ta' Stati Membri (SM) li jirrappurtaw informazzjoni dwar l-istadju tal-kanċer ***ċervikali, tas-sider u kolorettali*** mad-dijanjożi;

Emenda

7. il-proporzjon tar-Reġistri tal-Kanċer (CRs) u l-ġhadd ta' Stati Membri (SM) li jirrappurtaw informazzjoni dwar l-istadju tal-kanċer mad-dijanjożi;

Emenda 203

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

7a. il-proporzjon tal-ammissjonijiet tal-kura palljattiva u r-riżultat tal-eżitu għall-kanċer, u l-kanċer pedjatriku, skont it-tip, l-età, il-ġeneru u l-Istat Membru;

Emenda

Emenda 204

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

7b. il-proporzjon tar-Reġistri tal-Kanċer Pedjatriku (CRs) għal kull Stat Membru u l-ġhadd ta' Stati Membri (SM) li jirrappurtaw informazzjoni dwar l-istadju tal-kanċer pedjatriku mad-dijanjożi;

Emenda

Emenda 205

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**7c. il-prevalenza ta' mard kroniku
maġġuri għal kull Stat Membru, skont il-
mard, il-ġeneru u l-età;**

Emenda 206

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 7d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**7d. ir-rata ta' mortalità tal-NCD
standardizzata għall-età (għal kull
100 000 persuna), skont il-marda;**

Emenda 207

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 7e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**7e. il-perċentwal ta' pazjenti bl-
HIV/AIDS li jkollhom aċċess għal
trattament adegwat, skont l-Istat Membru,
il-ġeneru u l-età;**

Emenda 208

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 7f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**7f. il-proporzjon ta' pazjenti bit-
tuberkulożi li jkollhom aċċess għal
trattament adegwat, skont l-Istat Membru,
il-ġeneru u l-età;**

Emenda 209

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. il-prevalenza ***tat-tipjip***;

Emenda

8. il-prevalenza, ***standardizzata għall-età, tal-użu tat-tabakk, skont il-ġeneru***;

Emenda 210

Proposta għal regolament Anness II – parti B – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. l-għadd ta' ***nuqqasijiet ta'*** mediċini ***fin-network ta' punti uniċi ta' kuntatt***;

Emenda

9. l-għadd ta' mediċini ***nieqsa fl-Istati Membri***;

Emenda 211

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9a. azzjonijiet li jstimulaw il-produzzjoni ta' APIs u prodotti mediċinali essenzjali fl-UE;

Emenda 212

Proposta għal regolament Anness II – parti 2 – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12a. l-użu ta' antimikrobiċi skont it-tip ta' ATC u għal kull Stat Membru;

Emenda 213

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 12b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12b. *il-mortalità attribwibbli għal infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, skont l-età, il-ġeneru u l-Istat Membru;*

Emenda 214

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 12c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

12c. *l-imwiet li jistgħu jiġu evitati u li huma attribwiti għall-mard kardjovaskulari, il-kanċer, id-dijabete, DALYs attribwibbli għal NCDs u QALYs u mard respiratorju kroniku għal persuni li għandhom inqas minn 75 sena, skont il-ġeneru u l-Istat Membru;*

Emenda 215

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 13**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

13. l-ġhadd ta' *sptarijiet* involuti fin-Networks Ewropej ta' Referenza (NRE) u ta' pazjenti dijanjostikati u ttrattati mill-membri *tal-NRE*;

13. l-ġhadd ta' *unitajiet tas-saħħa* involuti fin-Networks Ewropej ta' Referenza (NRE) u ta' pazjenti dijanjostikati u ttrattati mill-membri *tan-NRE*;

Emenda 216

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 14a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

14a. l-għadd ta' valutazzjonijiet tal-impatt tal-politiki tal-Unjoni fuq is-saħħa;

Emenda 217

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 14b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

14b. il-prevalenza tal-obeżità standardizzata għall-età, skont il-ġeneru, l-età u l-Istat Membru;

Emenda 218

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 14c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

14c. il-proporzjon ta' mortalità materna, skont l-età u l-Istat Membru;

Emenda 219

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 14d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

14d. ir-rata ta' mortalità tat-trabi, skont l-Istat Membru;

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Fit-28 ta' Mejju 2020, bħala parti mill-Pjan ta' Rkupru, il-Kummissjoni ressqet programm awtonomu ġdid ta' EUR 9.4 biljun għall-2021-2027 – "l-UE għas-Saħħa" – bħalma ilu żmien twil jitlob il-Kumitat ENVI, biex jinbnew sistemi tas-saħħa reżiljenti fl-UE billi jiġi indirizzat it-theddid transfruntier għas-saħħa, tiżdied id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċini u jissaħħu s-sistemi tas-saħħa. Fil-proposta tal-QFP 2021-2027 inizjali, il-Programm tas-Saħħa kien parti integrali – bħala waħda mill-fergħat – mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

L-għan tal-programm il-ġdid propost mill-Kummissjoni hu li jiżgura li l-UE tibqa' l-aktar reġjun f'saħħtu fid-dinja u li din ikollha l-għodod possibbli kollha disponibbli biex tindirizza l-isfidi għas-saħħa fuq livell nazzjonali u dak tal-UE u li din tkun ippreparata aħjar għal kwalunkwe theddida emerġenti ġdida għas-saħħa li tista' tqiegħed lill-popolazzjoni tal-UE fil-periklu. Il-Programm "l-UE għas-Saħħa" jipprevedi azzjonijiet ġodda, li se jimlew il-lakuni esposti mill-pandemija tal-COVID-19 fir-rigward tal-iżvilupp u l-manifattura ta' prodotti mediċinali, il-forniment adegwat ta' mediċini u tagħmir fl-isptarijiet u biżżejjed riżorsi umani fil-qasam mediku, l-adozzjoni ta' għodod u servizzi diġitali li jippermettu l-kontinwità tal-kura, u l-bżonn li jiġi ppreservat l-aċċess għal oġġetti u servizzi essenzjali fi żminijiet ta' kriżi. Dan se jippermetti lill-UE jkollha aktar għodod biex tiegħu azzjoni rapida, deċiżiva u kkoordinata mal-Istati Membri kemm fit-tnejn kif ukoll fil-ġestjoni tal-kriżijiet.

Taħt l-isem "l-UE għas-Saħħa", il-Kummissjoni pproponiet programm ambizzjuż u awtonomu li jipprovi appoġġ iddedikat għall-isfidi tas-saħħa li ġejjin kif identifikat fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet. Skont din il-proposta, il-finanzjament għall-programm il-ġdid, li jammonta għal EUR 9.4 biljun, jirrappreżenta qabża kbira meta mqabbel mal-proposti preċedenti fl-ambitu tal-FSE+ (EUR 413 miljun). Il-programm se jkun iffinanzjat mill-QFP li jmiss (EUR 1.7 biljun) u mill-Istrument għall-Irkupru (issa msejjaħ "Next Generation EU") (EUR 7.7 biljun).

Il-fehma tar-rapporteur

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Programm "l-UE għas-Saħħa" awtonomu, b'baġit miżjud b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-predeċessur tiegħu. Itenni li programm separat u robust biss jista' jkollu l-kapaċità jindirizza b'suċċess pandemiji u theddid għas-saħħa fil-futur, u – aspett importanti ħafna – jagħmel lis-sistemi tas-saħħa tal-UE aktar reżiljenti u kapaċi jiffaċċjaw id-dgħufijiet attwali, bħal nuqqas ta' mediċini u inugwaljanzi fis-saħħa, u jappoġġa lis-settur tas-saħħa fit-tranżizzjoni diġitali.

Fl-istess ħin, ir-rapporteur iqis bħala importanti li l-Programm "l-UE għas-Saħħa" jkun aktar minn sempliċi reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19. Il-Programm għandu jagħti riżultati mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tal-kriżijiet fl-immedjat iżda anke fir-rigward ta' objettivi fit-tul. Għandu jkun parti minn pjan ta' azzjoni komuni b'appoġġ għall-politiki tas-saħħa fl-UE matul is-seba' snin li ġejjin. Il-Programm hu element importanti biex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' sistemi tas-saħħa b'saħħithom u reżiljenti sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jaffrontaw dik li tista' tkun it-tieni mewġa tal-COVID-19 u kwalunkwe kriżi tas-saħħa oħra fil-futur; fl-istess ħin, il-Programm għandu jappoġġa wkoll lis-sistemi tas-saħħa u lill-politiki tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri sabiex jiġu indirizzati l-isfidi fit-tul, bħar-reżistenza

għall-antimikrobiċi, it-tixjiġ, il-mard li jittieħed u li ma jittieħidx, u fl-istess ħin ikun hemm tnejn għat-teknoloġiji emerġenti.

Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-maġġoranza tal-baġit tas-saħħa ta' EUR 9.4 biljun huwa fornuta minn qabel (frontloaded), u dan ifisser li hemm bżonn ta' objettivi ċari u ffukat; għalhekk dawn il-proposti jridu jkunu konkreti u strutturati tajjeb ħafna.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur iqis li **l-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm "l-UE għas-Saħħa" għandha tissaħħaħ** fl-aspetti prinċipali li ġejjin:

- Hemm bżonn aktar **investiment fis-sistemi tal-kura tas-saħħa**, b'mod partikolari fl-infrastruttura, inkluż fil-livell tal-kura primarja, biex issir ħidma lejn it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa fit-tul, ferm lil hinn mill-isfidi tas-saħħa attwali.
- Hemm bżonn proposti ċari u konkreti għall-**frontloading**, inkluż iċ-ċaqliq ta' fondi għal kura tas-saħħa aħjar, aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u sistemi tas-saħħa reżiljenti.
- L-azzjonijiet kollha tal-programm għandu jkollhom **approċċ għas-saħħa li jkun iċċentrat fuq il-persuna u bbażat fuq l-eżiti**, b'enfasi fuq il-prevenzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-kura tas-saħħa tal-individwu filwaqt li jitqiesu l-għanijiet tal-pazjent stess fil-kura flimkien mal-aqwa għarfien espert kliniku fis-suġġett min-naħa tal-fornitur bħala professjonist mediku.
- **L-inugwaljanzi fis-saħħa** jridu jkunu fil-qalba tal-programm, u għandu jitqies il-fatt li dawn huma inugwaljanzi bejn il-pajjiżi u bejn gruppi ta' nies fi ħdan il-pajjiżi li jistgħu jiġu evitati u li jirriżultaw minn inugwaljanzi fis-soċjetajiet u bejniethom. L-inugwaljanzi fl-istatus tas-saħħa fost il-gruppi tal-popolazzjoni, il-pajjiżi u r-reġjuni, u l-aċċess għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba huma wkoll fost l-isfidi ewlenin fl-oqsma tas-sigurtà tas-saħħa u s-sistemi tas-saħħa li jfixxlu l-funzjonament ġenerali tagħhom.
- Il-Programm għandu jiffoka aħjar fuq il-**prevenzjoni tal-mard** tul il-ħajja ta' individwu u l-**promozzjoni tas-saħħa** billi jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju għas-saħħa, bħall-użu tat-tabakk u l-prodotti relatati miegħu u l-esponiment għall-emissjonijiet tagħhom, l-użu dannuż tal-alkoħol, il-konsum ta' drogi illeċiti u sustanzi psikoattivi, l-obeżità u d-drawwiet alimentari li mhumiex tajbin għas-saħħa, kif ukoll in-nuqqas ta' attività fiżika. Il-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa għandhom jikkostitwixxu l-objettiv ġenerali ewleni tal-Programm.
- Il-Programm għandu jappoġġa investimenti fid-**dijanjożi bikrija u l-iskrinjar** sabiex jissaħħu l-prevenzjoni u l-iskrinjar kemm għall-mard li jittieħed kif ukoll għal dak li ma jittieħidx, bħal mard kardjovaskulari, mard newrodeġenerattiv, mard respiratorju, dijabete, kanċer u kanċer pedjatriku.
- Il-Programm għandu jappoġġa l-iżvilupp tar-**Rekord Elettroniku Ewropew tas-Saħħa** li jagħti l-mezzi lis-sistemi tal-kura tas-saħħa biex itejbu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-kura tas-saħħa u lill-pazjenti biex jiksibu aċċess aktar rapidu u faċli għat-trattament.
- Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida dwar is-sikurezza tal-pazjenti u ttipromwovi investimenti fl-immodernizzar tas-sistemi tas-saħħa biex jingħelbu u

jitnaqqsu kemm jista' jkun l-**infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa** (HAIs), filwaqt li jitqies il-fatt li l-HAIs jistgħu jseħħu fi kwalunkwe faċilità tal-kura tas-saħħa, inklużi sptarijiet, ċentri kirurġiċi ambulatorji, faċilitajiet ta' mard tal-kliewi fl-aħħar stadju u faċilitajiet ta' kura fit-tul.

- Hemm bżonn linji gwida Ewropej għall-**ġestjoni tal-mard kroniku**, fl-għamla ta' **linji gwida Ewropej għall-ġestjoni tal-mard** settorjali għal kull marda, mard li jittieħed u mard li ma jittieħidx, bħall-kanċer. Barra minn hekk hemm bżonn li n-**Networks ta' Referenza Ewropej** (NRE) jissaħħu u jiġu estiżi fl-għamla ta' **networks ta' eċċellenza fil-qasam tal-mard li jittieħed u li ma jittieħidx**.
- Huwa importanti li jissaħħu r-rwol u l-funzjoni tal-aġenziji tal-UE, bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA).
- Għandu jiġi żgurat li l-Programm "l-UE għas-Saħħa" johlq sinerġiji u komplementarjetajiet ma' programmi oħra, biex tinholq u tiġi implimentata **strateġija għall-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa** bil-għan li jettejbu l-kurrikuli tal-professjonisti tas-saħħa u l-ħiliet diġitali tagħhom, il-kopertura tas-servizzi tas-saħħa u l-kwalità tas-saħħa, iżda wkoll bil-għan li jiġu indirizzati l-eżodu ta' mħuħ u l-mobilità żbilanċjata.
- Huwa importanti wkoll li jkun hemm **mekkaniżmu ta' governanza biex jiġu żgurati l-komplementarjetà, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji** bejn il-Programm "l-UE għas-Saħħa" u programmi u strumenti ta' finanzjament oħra tal-UE, bħal Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM/rescEU) imsaħħa, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), Orizzont Ewropa, il-programm Ewropa Diġitali (DEP) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2 – Diġitali (CEF Diġitali). Il-programm għandu wkoll jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tisħiħ tad-**drittijiet tal-pazjenti** fl-UE bħala d-dritt ta' kull persuna li tgawdi l-ogħla standard ta' saħħa fiżika u mentali possibbli u jippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa tad-**Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali**, li tigarantixxi l-ogħla livell ta' protezzjoni tas-saħħa u tirrispetta l-prinċipju tal-moviment liberu tal-persuni fis-suq intern.
- Għandu jinholq **Bord ta' Tmexxija "l-UE għas-Saħħa"** li jiffoka fuq il-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-Programm u programmi oħra li fihom hemm integrata dimensjoni tas-saħħa, permezz tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni, il-promozzjoni tal-involviment tal-pazjenti u tas-soċjetà, u l-għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet xjentifiċi.
- Sabiex jiġu żgurati governanza effettiva u parteċipazzjoni attiva min-naħa tal-Istati Membri huwa importanti li **l-Istati Membri u l-Bord ta' Tmexxija jkunu involuti aħjar** fl-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali.
- **Is-saħħa mentali u t-tixjiħ**. Il-bieċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE qed jiffaċċjaw sfida demografika kbira. L-implikazzjonijiet għad iridu jiġu kkalkulati, iżda l-gvernijiet u dawk li jfasslu l-politika diġà jaqblu li dalwaqt se jkollna nagħmlu bidliet importanti fil-mod kif nittrattaw l-għadd dejjem akbar ta' anzjani li qed jitolbu appoġġ adegwat u li jesigū u jistħoqqilhom parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetajiet tagħna. Għalhekk, il-Programm għandu jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri foqasma bħad-dijanjożi bikrija, it-treatment, l-appoġġ

u l-prevenzjoni, it-taħriġ tal-prattikanti fis-saħħa mentali jew is-sensibilizzazzjoni, biex jiġi żgurat li l-kwistjonijiet ta' saħħa mentali relatati mal-anzjani jkunu magħrufa aħjar u indirizzati kif xieraq.

- L-aħħar punt – iżda aspeċt importanti – jirrigwarda **l-eżitazzjoni għat-tilqim**, li, skont l-ECDC, tirreferi għad-dewmien fl-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tat-tilqim minkejja d-disponibbiltà ta' servizzi ta' tilqim. Hija problema kumplessa u speċifika għall-kuntest u tvarja skont iż-żmien, il-post u l-vaċċini. Tikkostitwixxi sfida importanti oħra għall-kura tas-saħħa u l-programm għandu jiffoka fuqha wkoll. Id-WHO ddikjarat l-eżitazzjoni għat-tilqim, inklużi l-kompjaċenza u n-nuqqas ta' fiduċja u konvenjenza, bħala waħda mill-għaxar theddidiet għas-saħħa globali fl-2019. Għalhekk, il-Programm għandu jappoġġa azzjonijiet li jiżguraw aċċess ekwu għat-tilqim għaċ-ċittadini kollha tal-UE, jiġġieldu d-diżinformazzjoni u jtejbu l-fiduċja fit-tilqim.

Konklużjoni

Ir-rapporteur iqis li l-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm awtonomu "l-UE għas-Saħħa" hija bażi fuqhiex il-Parlament, bħala koleġiżlatur, jista' jaħdem u jifformula l-pożizzjoni tiegħu malajr (ir-Regolament li jistabbilixxi l-Programm jibda japplika fl-1 ta' Jannar 2021). Wara li sema' b'attenzjoni l-fehmiet ta' partijiet ikkonċernati differenti, ir-rapporteur identifika għadd ta' oqsma fejn il-proposta tal-Kummissjoni trid tiġi ċċarata jew imsaħħa ulterjorment sabiex jiġi żgurat l-aħjar Programm tas-Saħħa possibbli għaċ-ċittadini Ewropej.

4.9.2020

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa") (COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nicolae Ștefănuță

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-kriżi wriet li waħda mil-lezzjonijiet li għandna niksbu minn din il-pandemija tal-COVID-19 hija li nibnu Programm/Fond ambizzjuż tal-UE għas-Saħħa. Qatt ma rridu nerġġhu nesperjenzaw l-iskarsezzi ta' tagħmir mediku. Qatt m'għandu jkun hemm sitwazzjoni fejn il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa jitpoġġew f'pożizzjoni li jkollhom jagħżlu liema pazjenti jirċievu tagħmir għas-salvataġġ tal-ħajja. Il-pandemija tal-COVID-19 ipprovdiet il-kuntest biex jinthalaq qbil dwar il-ħtieġa ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni aktar b'saħħithom bejn is-sistemi tas-saħħa nazzjonali differenti. Dan jirrappreżenta opportunità biex jitwieġbu t-talbiet taċ-ċittadini tagħna li l-UE jkollha rwol aktar attiv fil-qasam tas-saħħa.

Il-Parlament Ewropew ta' spiss iddiskuta, ippreżenta din il-kwistjoni, u saru biss passi żgħar 'il quddiem, mingħajr ma ntużaw għall-kollox il-possibiltajiet limitati offruti mit-Trattati. Il-pandemija wriet li jekk sistema nazzjonali tas-saħħa waħda hija fraġli, jew anqas reżiljenti, din jista' jkollha impatt fuq l-UE kollha.

Għalhekk, ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal dan il-Programm EU4Health. Jekk neżaminaw l-ambizzjoni u l-filosofija tal-programm, nifhmu li dan jirrappreżenta bidla storika. Fl-aħħar irċevejna programm awtonomu fuq skala rilevanti. Madankollu, skont komunikazzjoni tal-Kummissjoni, il-pandemija tal-COVID-19 uriet il-bżonn li jiġu investiti mill-anqas EUR 70 biljun fl-infrastruttura tas-saħħa¹.

Il-Kummissjoni tipproponi 3 oġġettivi ġenerali u 10 oġġettivi speċifiċi. L-Anness I jindika 50 tip ta' azzjonijiet eliġibbli possibbli. L-aspettattiva hija li din il-ġabra ta' għodod għandha ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi kopertura ġeografika mifruxa u bbilanċjata tal-azzjonijiet.

¹https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/economy-finance/assessment_of_economic_and_investment_needs.pdf

Id-daqs tal-baġit żdied b'mod konsiderevoli meta mqabbel mal-baġit oriġinali li kien previst għall-qasam tas-saħħa fil-FSE+. Minkejja dan, il-proposta tipprevedi li l-akbar sehem tal-allokazzjoni finanzjarja jiġi ppreżentat fi dħul assenjat estern min-Next Generation EU (NGE) u jitlob li l-allokazzjoni tiġi kkonċentrata fl-ewwel snin. Għar-rapporteur, hemm żewġ affarijiet li jidhru ċerti. L-ewwel nett, l-ammont ġenerali propost huwa minimu jekk irridu nirrispondu għall-aspettattivi taċ-ċittadini u għad-dgħufijiet magħrufa sew tas-sistemi tas-saħħa tagħna li ġew amplifikati mill-pandemija. U t-tieni, il-ħtieġa ta' programm ambizzjuż tal-UE għas-Saħħa se tibqa' tapplika anke wara l-2024.

Fid-dawl tal-fatt li l-Parlament Ewropew, bħala awtorità baġitarja, ma għandu l-ebda setgħa formali li jiddeċiedi dwar l-ammont tal-baġit NGE, għaldaqstant, fl-abbozz ta' opinjoni tiegħu, ir-rapporteur jipproponi li jiżdiedu r-riżorsi li jirriżultaw mill-QFP.

Fir-rigward tal-finanzjament, il-governanza u l-implimentazzjoni tal-Programm, ir-rapporteur jifhem li l-Kummissjoni ħadmet fuq din il-proposta taħt pressjoni estrema ta' żmien, madankollu jemmen li l-flessibbiltà enormi proposta ma għandhiex tippreġudika l-prinċipji ta' governanza tajba, l-involviment tal-Parlament Ewropew, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont. Għalhekk, huwa jipproponi li jissaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetà ma' korpi, programmi u fondi oħra tal-UE, l-aktar billi jinħoloq mekkaniżmu affidabbli u effiċjenti li jgħin biex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' finanzjament u jiġu garantiti s-sinerġiji. Huwa jitlob ukoll li jissaħħu l-mandati u l-baġits tal-aġenziji tal-UE li jittrattaw l-oġettivi tas-saħħa. Barra minn hekk, huwa jinsisti wkoll fuq l-importanza li dan il-Programm jiġi evalwat u awditjat. L-emendi proposti jfittxu li jiċċaraw dawn l-aspetti u huma maħsuba wkoll biex jagħmlu l-proposta aktar ċara u aktar prevedibbli għall-partijiet interessati kif ukoll jiżguraw b'mod ċar il-valur miżjud tal-UE minn Programm bħal dan.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-ħolqien ta' unitajiet Ewropej komuni u permanenti ta' emerġenza Medika, li jissemmew Korpi Mediċi Blu tal-UE. Jenħtieġ li dan il-korp il-ġdid jkun kompost minn professjonisti ta' intervent mediku u ta' emerġenza minn pajjiżi differenti tal-Istati Membri u jenħtieġ li l-unitajiet mediċi ta' emerġenza jkunu responsabbli biex jingħata appoġġ għal

sitwazzjonijiet mediċi jew ta' kriżi transfruntiera u pan-Ewropej. Jenħtieġ li l-Korpi Mediċi Blu tal-UE jużaw ir-riżultati pożittivi tal-mobilità volontarja tal-persunal mediku ffinanzjat mill-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili tal-UE.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Minħabba n-natura serja tat-theddid transfruntier għas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri tas-saħħa pubblika kkoordinati fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw aspetti differenti tat-tali theddid. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tħejji għall-kriżijiet tas-saħħa, li tirrispondi għalihom u li timmaniġġjahom, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mekkaniżmi u strutturi rilevanti oħra stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-ħżin strateġiku ta' provvisti mediċi essenzjali jew il-bini ta' kapaċità fir-rispons għall-kriżi, miżuri preventivi relatati mat-tilqim u l-immunizzazzjoni, u programmi ta' sorveljanza msaħħa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm, fl-Unjoni kollha u fost is-setturi kollha, irawwem prevenzjoni għall-kriżijiet, it-tħejjija, sorveljanza, ġestjoni u kapaċità għar-rispons fl-atturi tal-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż ippjanar ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' tħejjija, filwaqt li jimplimentaw l-approċċ "Saħħa Waħda". Jenħtieġ li dan jiffaċilita t-twaqqif ta' qafas integrat u trażversali għall-komunikazzjoni tar-riskju fil-fażijiet kollha ta' kriżi tas-saħħa — il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-

Emenda

(10) Minħabba n-natura serja tat-theddid transfruntier għas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri tas-saħħa pubblika kkoordinati fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw aspetti differenti tat-tali theddid. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tħejji għall-kriżijiet tas-saħħa, li tirrispondi għalihom u li timmaniġġjahom, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mekkaniżmi u strutturi rilevanti oħra stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-ħżin strateġiku ta' provvisti mediċi essenzjali, ***minbarra r-riżerva reattiva li nħolqot taħt rescEU waqt il-pandemija tal-COVID-19*** jew il-bini ta' kapaċità fir-rispons għall-kriżi, miżuri preventivi relatati mat-tilqim u l-immunizzazzjoni, u programmi ta' sorveljanza msaħħa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm, fl-Unjoni kollha u fost is-setturi kollha, irawwem prevenzjoni għall-kriżijiet, it-tħejjija, sorveljanza, ġestjoni u kapaċità għar-rispons fl-atturi tal-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż ippjanar ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' tħejjija, filwaqt li jimplimentaw l-approċċ "Saħħa Waħda". Jenħtieġ li dan jiffaċilita t-twaqqif ta' qafas integrat u trażversali għall-komunikazzjoni tar-riskju fil-fażijiet kollha ta' kriżi tas-

rispons.

saħħa — il-prevenzjoni, it-tnejn u r-
rispons.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) B'kunsiderazzjoni tal-fatt li programm EU4Health ambizzjuż jenħtieġ li jkompli jibqa' fis-seħħ anke wara Next Generation EU u wara l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021-2027, ikun importanti li ssir aktar ħidma, lejn il-kisba ta' Unjoni tas-Saħħa Ewropea li tista' tagħti lill-Unjoni rwol ferm aktar b'saħtu fil-qasam tas-saħħa billi ttiprovdi strateġija Ewropea u rispons koordinat u inklużiv għall-ħtiġijiet tas-saħħa pubblika. Jenħtieġ li tiġi kkunsidrata t-tkomplija tal-Programm anke wara l-2027, b'segwitu għal rapport ta' valutazzjoni approvat mill-Parlament Ewropew, peress li t-tkomplija tiegħu tgħin biex jiġu kkonsolidati r-riżultati tiegħu.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Billi fi żmien emerġenza ta' kriżi tas-saħħa l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-

(11) Billi fi żmien emerġenza ta' kriżi tas-saħħa l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-

saħħa kif ukoll il-provi kliniċi jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp rapidu ta' kontromiżuri mediċi, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ biex jiffaċilita t-tali azzjonijiet. Il-Kummissjoni adottat proposta¹¹ dwar il-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (HTA) sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni.

saħħa kif ukoll il-provi kliniċi jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp rapidu ta' kontromiżuri mediċi, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ biex jiffaċilita t-tali azzjonijiet. Il-Kummissjoni adottat proposta¹¹ dwar il-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (HTA) sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa fil-livell tal-Unjoni. ***Meta tiġi adottata, l-HTA jenħtieġ li tapprova apparat mediku u mediċini ġodda biex dawn jidħlu fis-suq ladarba jkunu għaddew mill-provi kliniċi, kif ukoll biex tingħata gwida u appoġġ lir-riċerkaturi bl-istabiliment ta' rekwiżiti għal provi kliniċi, filwaqt li tiġi limitata l-ħtieġa li prodott ġdid jgħaddi minn provi kliniċi fl-Istati Membri kollha.***

¹¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE, COM(2018) 51 final tal-1.01.2018.

¹¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE, COM(2018) 51 final tal-1.01.2018.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Bil-ħsieb li jipproteġu lil dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż dawk li jbatu minn mard mentali **u** mard kroniku, jenħtieġ li l-Programm jippromwovi wkoll azzjonijiet li jindirizzaw l-impatti kollaterali tal-kriżi tas-saħħa fuq in-nies li jiffurmaw parti minn dawn il-gruppi vulnerabbli.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 13

PE633.803

110/182

RR\1216325MT.docx

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Bil-kriżi tal-COVID-19 feġġew ħafna sfidi fl-iżgurar tal-provvista tal-mediċini, tal-apparat mediku kif ukoll tat-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġa fl-Unjoni matul il-pandemiji. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jrawmu l-produzzjoni, l-akkwist u l-ġestjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżi u li dan jiżgura l-komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni.

Emenda

(13) Bil-kriżi tal-COVID-19 feġġew ħafna sfidi fl-iżgurar tal-provvista tal-mediċini, tal-apparat mediku kif ukoll tat-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġa fl-Unjoni matul il-pandemiji. ***Ġiet enfasizzata, b'mod partikolari, id-dipendenza tal-Unjoni fuq pajjiżi terzi għall-kapaċità ta' manifattura, il-provvista tal-ingredjenti farmaċewtiċi attivi u l-materjali tal-bidu.*** Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jrawmu l-produzzjoni, l-akkwist u l-ġestjoni ta' prodotti rilevanti għall-kriżi u li dan jiżgura l-komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi għas-saħħa pubblika tat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, jenħtieġ li jkun possibbli li l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm ikunu jkopru l-koordinazzjoni tal-attivitajiet li jsaħħu l-interoperabbiltà u l-koerenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri permezz tal-valutazzjoni komparattiva, tal-kooperazzjoni u tal-iskambju tal-aħjar prattiki u li dawn ikunu jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jirrispondu għal emerġenzi tas-saħħa, li tinkludi l-ippjanar ta' kontinġenza, l-eżerċizzji ta' tħejjija u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ effiċjenti u għad-distribuzzjoni jew għall-allokazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa fi żmien kriżi ġestiti

Emenda

(14) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi għas-saħħa pubblika tat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, jenħtieġ li jkun possibbli li l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm ikunu jkopru l-koordinazzjoni tal-attivitajiet li jsaħħu l-interoperabbiltà u l-koerenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri permezz tal-valutazzjoni komparattiva, tal-kooperazzjoni u tal-iskambju tal-aħjar prattiki u li dawn ikunu jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jirrispondu għal emerġenzi tas-saħħa, li tinkludi l-ippjanar ta' kontinġenza, l-eżerċizzji ta' tħejjija u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ effiċjenti u għad-distribuzzjoni ***ekwitatbli*** jew għall-allokazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa fi żmien kriżi ġestiti skont il-bżonn. ***Sabiex jiġu segwiti***

skont il-bżonn.

l-objettivi tal-programm EU4Health u jissaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u korpi oħra tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twessa' l-mandat taċ-Ċentru u żżid il-baġit tiegħu.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-esperjenza mill-kriżi tal-COVID-19 indikat li hemm bżonn ġenerali ta' appoġġ għat-trasformazzjoni strutturali tas-sistemi tas-saħħa madwar l-Unjoni u għar-riformi sistemiċi tagħhom biex jittejbu l-effettività, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tagħhom. Fil-kuntest tat-tali trasformazzjoni u tat-tali riformi, jenħtieġ li b'sinerġija mal-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm jippromwovi azzjonijiet li jmexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa u li jżidu l-interoperabbiltà tagħhom, li jikkontribwixxu biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika li jrawmu l-prevenzjoni tal-mard u li jippromwovu s-saħħa, li jipprovdu mudelli ġodda tal-kura u li joffru servizzi integrati, mill-kura komunitarja u l-kura tas-saħħa primarja sas-servizzi speċjalizzati ħafna, abbażi tal-ħtiġijiet tan-nies, u li jiżguraw ħaddiema ***tas-saħħapubblika*** effikaċi li jkollhom il-ħiliet tajbin, fosthom dawk diġitali. L-iżvilupp ta' spazju Ewropew tad-data tas-saħħa għandu jipprovdi lis-sistemi tal-kura tas-saħħa, lir-riċerkaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi bil-mezzi li jtejbju d-disponibbiltà u l-kwalità tal-kura tas-saħħa. Meta wieħed iqis id-dritt fundamentali għall-aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u għat-trattament mediku kif minqux fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u

Emenda

(15) L-esperjenza mill-kriżi tal-COVID-19 indikat li hemm bżonn ġenerali ta' appoġġ għat-trasformazzjoni strutturali tas-sistemi tas-saħħa madwar l-Unjoni u għar-riformi sistemiċi tagħhom biex jittejbu l-effettività, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tagħhom. Fil-kuntest tat-tali trasformazzjoni u tat-tali riformi, jenħtieġ li b'sinerġija mal-Programm Ewropa Diġitali ***u mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini***, il-Programm jippromwovi azzjonijiet li jmexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa u li jżidu l-interoperabbiltà tagħhom, ***filwaqt li jimplimentaw l-Istrateġija Telematika tal-UE dwar id-diġitalizzazzjoni ta' prodotti mediċi u mediċina***, li jikkontribwixxu biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika li jrawmu l-prevenzjoni tal-mard u li jippromwovu s-saħħa, li jipprovdu mudelli ġodda tal-kura u li joffru servizzi integrati, mill-kura komunitarja u l-kura tas-saħħa primarja sas-servizzi speċjalizzati ħafna, abbażi tal-ħtiġijiet tan-nies, u li jiżguraw ħaddiema ***tas-saħħa pubblika*** effikaċi li jkollhom il-ħiliet tajbin, fosthom dawk diġitali. L-iżvilupp ta' spazju Ewropew tad-data tas-saħħa għandu jipprovdi lis-sistemi tal-kura tas-saħħa, lir-riċerkaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi bil-mezzi li jtejbju d-disponibbiltà u l-kwalità tal-kura tas-saħħa. Meta wieħed iqis id-dritt fundamentali

quddiem il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2006¹², jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li jiżguraw l-universalità u l-inklużività tal-kura tas-saħħa, li jfisser li ħadd ma jista' jiġi rrifjutat milli jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa, u jappoġġa wkoll dawk l-azzjonijiet li jiżguraw li d-drittijiet tal-pazjenti, inkluż dawk dwar il-privatezza ***tad-data*** tagħhom, jiġu protetti kif xieraq.

¹² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1).

għall-aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u għat-trattament mediku kif minqux fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u quddiem il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2006¹², jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li jiżguraw l-universalità u l-inklużività tal-kura tas-saħħa, li jfisser li ħadd ma jista' jiġi rrifjutat milli jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa, u jappoġġa wkoll dawk l-azzjonijiet li jiżguraw li d-drittijiet tal-pazjenti, inkluż dawk dwar il-privatezza ***tad-data*** tagħhom, jiġu protetti kif xieraq.

¹² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1).

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-mard li ma jitteħidx ġej minn taħlita ta' fatturi ġenetiċi, fiżjoloġiċi, ambjentali u ta' mġiba. Dan il-mard li ma jitteħidx, bħall-mard kardjovaskulari, il-kanċer, il-mard respiratorju kroniku, u d-dijabete, jirrappreżenta l-kawżi ewlenin tad-diżabbiltà, tal-problemi ta' saħħa, tal-irtirar marbut mas-saħħa, u tal-imwiet prematuri fl-Unjoni, li jirriżulta f'impatti soċjali u ekonomiċi konsiderevoli. Sabiex jitnaqqas l-impatt tal-mard li ma jitteħidx fuq l-individwi u fuq is-soċjetà fl-Unjoni u tintlaħaq il-Mira 3.4 tal-għan 3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiġifieri li titnaqqas il-mortalità prematura mill-mard li ma jitteħidx b'terz sal-2030, huwa essenzjali li jkun hemm rispons integrat li jiffoka fuq il-prevenzjoni fis-setturi u fl-

Emenda

(17) Il-mard li ma jitteħidx ġej minn taħlita ta' fatturi ġenetiċi, fiżjoloġiċi, ambjentali u ta' mġiba. Dan il-mard li ma jitteħidx, bħall-mard kardjovaskulari, il-kanċer, il-mard respiratorju kroniku, u d-dijabete, jirrappreżenta l-kawżi ewlenin tad-diżabbiltà, tal-problemi ta' saħħa, tal-irtirar marbut mas-saħħa, u tal-imwiet prematuri fl-Unjoni, li jirriżulta f'impatti soċjali u ekonomiċi konsiderevoli. Sabiex jitnaqqas l-impatt tal-mard li ma jitteħidx fuq l-individwi u fuq is-soċjetà fl-Unjoni u tintlaħaq il-Mira 3.4 tal-għan 3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiġifieri li titnaqqas il-mortalità prematura mill-mard li ma jitteħidx b'terz sal-2030, huwa essenzjali li jkun hemm rispons integrat li jiffoka fuq il-prevenzjoni u ***l-promozzjoni***

oqsma ta' politika kollha, flimkien ma' sforzi biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa.

tas-saħħa fis-setturi u fl-oqsma ta' politika kollha, flimkien ma' sforzi biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja ta' individwu u għall-promozzjoni tas-saħħa billi jindirizza l-fatturi ta' riskju għas-saħħa, bħall-użu tat-tabakk u l-prodotti relatati miegħu u l-esponiment għall-emissjonijiet tagħhom, l-użu dannuż tal-alkoħol, u l-konsum ta' drogi illeċiti. Jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis fil-ħsara tas-saħħa relatata mad-drogi, mal-vizzji fid-dieta ta' ħsara għas-saħħa u l-inattività fiżika, u l-esponiment għat-tnaqqis ambjentali, u jrawwem ambjenti ta' appoġġ għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa sabiex jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma. Għaldaqstant, jenħtieġ ukoll li l-programm jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità.

Emenda

(18) ***Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tas-saħħa huma ħafna aktar kosteffiċjenti mit-trattament, kemm f'termini ta' flus kif ukoll ta' snin ta' ħajja aġġustati għall-kwalità.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja ta' individwu u għall-promozzjoni tas-saħħa billi jindirizza l-fatturi ta' riskju għas-saħħa, bħall-użu tat-tabakk u l-prodotti relatati miegħu u l-esponiment għall-emissjonijiet tagħhom, l-użu dannuż tal-alkoħol, u l-konsum ta' drogi illeċiti. Jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis fil-ħsara tas-saħħa relatata mad-drogi, mal-vizzji fid-dieta ta' ħsara għas-saħħa u l-inattività fiżika, u l-esponiment għat-tnaqqis ambjentali, u jrawwem ambjenti ta' appoġġ għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa sabiex jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma. Għaldaqstant, jenħtieġ ukoll li l-programm jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità, ***u bi qbil mal-Ftehim ta' Pariġi u l-miri tal-Unjoni dwar in-newtralità klimatika.***

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 20

(20) Il-Programm se jaħdem f'sinerġija u komplementarjetà ma' politiki, programmi u fondi oħra tal-UE, bħall-azzjonijiet implimentati bil-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropea, ir-riżerva rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, il-Fond Soċjali **Ewropew** + (ESF+, inkluż fir-rigward tas-sinerġiji dwar il-protezzjoni mtejba tas-saħħa u s-sigurtà ta' miljuni ta' ħaddiema fl-UE), inkluż il-Ferġha tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-fond InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi, l-Erasmus, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), u l-istrumenti ta' azzjoni esterni tal-UE, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III. Fejn xieraq, se jiġu stabbiliti regoli komuni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-fondi, filwaqt li jiġi żgurat li l-ispeċifitàjiet ta' dawn il-politiki jiġu rispettati, u bil-ħsieb li jiġu allinjati r-rekwiżiti strateġiċi ta' dawn il-politiki, il-programmi u l-fondi, bħall-kundizzjonijiet abilitanti tal-FEŻR u tal-ESF+.

(20) Il-Programm se jaħdem f'sinerġija u komplementarjetà ma' politiki, programmi u fondi oħra tal-UE, bħall-azzjonijiet implimentati bil-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropea, ir-riżerva rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, il-Fond Soċjali **Ewropew**+ (ESF+, inkluż fir-rigward tas-sinerġiji dwar il-protezzjoni mtejba tas-saħħa u s-sigurtà ta' miljuni ta' ħaddiema fl-UE), inkluż il-Ferġha tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-fond InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi, l-Erasmus, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), u l-istrumenti ta' azzjoni esterni tal-UE, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III, **kif ukoll iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Awtorità Ewropea għall-Mediċini**. Fejn xieraq, se jiġu stabbiliti regoli komuni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-fondi, **jiġi evitat kwalunkwe trikkib jew duplikazzjoni ta' finanzjament**, filwaqt li jiġi żgurat li l-ispeċifitàjiet ta' dawn il-politiki jiġu rispettati, u bil-ħsieb li jiġu allinjati r-rekwiżiti strateġiċi ta' dawn il-politiki, il-programmi u l-fondi, bħall-kundizzjonijiet abilitanti tal-FEŻR u tal-ESF+.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 22

(22) Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet biex jimmonitorja n-nuqqas ta' mediċini, ta' apparat mediku u ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa u biex jiżgura aktar disponibbiltà u affordabbiltà ta' dawk il-prodotti filwaqt li jillimita d-dipendenza tal-ktajjen tal-provvista tagħhom fuq pajjiżi terzi. B'mod partikolari, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ għall-provi kliniċi sabiex jitħaffu l-iżvilupp ta' mediċini innovattivi u effettivi, l-awtorizzazzjoni tagħhom u l-aċċess għalihom, sabiex jiġu promossi inċentivi għall-iżvilupp ta' prodotti mediċinali bħall-antimikrobiċi u sabiex titrawwem it-trasformazzjoni diġitali tal-prodotti tal-kura tas-saħħa u jitrawmu pjattaformi għall-monitoraġġ u l-għbir tal-informazzjoni dwar il-mediċini.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 23

(23) Billi l-użu ottimu tal-mediċini u tal-antimikrobiċi b'mod partikolari huwa ta' benefiċċju għall-individwi u għas-sistemi tas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jipromwovi l-użu prudenti u effiċjenti tagħhom. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi, adottat f'Ġunju 2017 fuq talba ta' Stati Membri, u mill-esperjenza mal-infezzjonijiet batteriċi sekondarji marbuta mal-COVID-19, huwa essenzjali li l-Programm jappoġġa azzjonijiet immirati lejn l-użu prudenti ta' sustanzi antimikrobiċi fil-bniedem, l-annimali, u l-għelejjel, fil-qafas ta' politika integrata dwar is-sikurezza tal-pazjent u l-

(22) Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet biex jimmonitorja **u jipprevjeni** n-nuqqas ta' mediċini, ta' apparat mediku u ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa u biex jiżgura aktar disponibbiltà u affordabbiltà ta' dawk il-prodotti filwaqt li jillimita d-dipendenza tal-ktajjen tal-provvista tagħhom fuq pajjiżi terzi. B'mod partikolari, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ għall-provi kliniċi sabiex jitħaffu l-iżvilupp ta' mediċini innovattivi u effettivi, l-awtorizzazzjoni tagħhom u l-aċċess għalihom, sabiex jiġu promossi inċentivi għall-iżvilupp ta' prodotti mediċinali bħall-antimikrobiċi u sabiex titrawwem it-trasformazzjoni diġitali tal-prodotti tal-kura tas-saħħa u jitrawmu pjattaformi għall-monitoraġġ u l-għbir tal-informazzjoni dwar il-mediċini.

(23) Billi l-użu ottimu tal-mediċini u tal-antimikrobiċi b'mod partikolari huwa ta' benefiċċju għall-individwi u għas-sistemi tas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jipromwovi l-użu prudenti u effiċjenti tagħhom. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi, adottat f'Ġunju 2017 fuq talba ta' Stati Membri, u mill-esperjenza mal-infezzjonijiet batteriċi sekondarji marbuta mal-COVID-19, huwa essenzjali li l-Programm jappoġġa azzjonijiet immirati lejn l-użu prudenti ta' sustanzi antimikrobiċi fil-bniedem, l-annimali, u l-għelejjel, fil-qafas ta' politika integrata dwar is-sikurezza tal-pazjent u l-

prevenzjoni ta' żbalji mediċi.

prevenzjoni ta' żbalji mediċi. ***Il-finanzjament tal-programm jenħtieġ li jkun ibbażat fuq azzjonijiet traċċabbli, filwaqt li jistabbilixxi miri ta' tnaqqis mal-Unjoni kollha dwar l-użu ta' antibijotiċi u ta' mediċina, u jenħtieġ li jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp ta' antibijotiċi ġodda.***

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (AMR)", Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika", COM(2017)339 final tad-29.6.2017.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (AMR)", Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika", COM(2017)339 final tad-29.6.2017.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa tħalli impatt immedjat fuq is-saħħa pubblika, ħajjet iċ-ċittadini, l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-qafas regolatorju għall-prodotti u t-teknoloġiji mediċi (il-prodotti mediċinali, it-tagħmir mediku u s-sustanzi ta' oriġini umana), kif ukoll għal-leġiżlazzjoni dwar it-tabakk, id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera u t-theddid transfruntier serju għas-saħħa huwa essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa fl-Unjoni. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u jipprovdi data ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli biex jirfed it-tfassil tal-politiki u l-monitoraġġ.

Emenda

(25) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa tħalli impatt immedjat fuq is-saħħa pubblika, ħajjet iċ-ċittadini, l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-qafas regolatorju għall-prodotti u t-teknoloġiji mediċi (il-prodotti mediċinali, it-tagħmir mediku u s-sustanzi ta' oriġini umana), kif ukoll għal-leġiżlazzjoni dwar it-tabakk, id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera u t-theddid transfruntier serju għas-saħħa huwa essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa fl-Unjoni. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa, ***jaħdem b'mod konġunt ma' sħab ewlenin bħall-Awtorità Ewropea għall-Mediċini u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard***, u jipprovdi data ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli biex jirfed it-tfassil tal-politiki u l-monitoraġġ.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-oġġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jrendu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi l-konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, ta' rati fissi u ta' spejjeż unitarji, kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

(29) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-oġġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jrendu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi l-konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, ta' rati fissi u ta' spejjeż unitarji, kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju. ***Jenħtieġ li dawn id-dettalji jiġu speċifikati fil-programmi ta' ħidma.***

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Sabiex isir użu ottimu mill-valur miżjud u mill-impatt tal-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li jitfittxu sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u programmi oħra tal-Unjoni, inklużi dawk b'ġestjoni kondiviża. Sabiex dawk is-sinerġiji jiġu massimizzati, jenħtieġ li jiġu żgurati mekkaniżmi abilitanti ewlenin, inkluż il-finanzjament kumulattiv ta' azzjoni mill-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u minn programm ieħor tal-Unjoni, sakemm it-tali finanzjament kumulattiv ma

Emenda

(30) Sabiex isir użu ottimu mill-valur miżjud u mill-impatt tal-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li jitfittxu sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u programmi oħra tal-Unjoni, inklużi dawk b'ġestjoni kondiviża ***u l-aġenziji tal-Unjoni.*** Sabiex dawk is-sinerġiji jiġu massimizzati, jenħtieġ li jiġu żgurati mekkaniżmi abilitanti ewlenin, inkluż il-finanzjament kumulattiv ta' azzjoni mill-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u minn programm ieħor tal-Unjoni, sakemm it-tali

jkunx jaqbeż l-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli xierqa, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà li tiġi ddikjarata l-istess spiża jew nefqa fuq bażi prorata għall-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u għal programm ieħor tal-Unjoni.

finanzjament kumulattiv ma jkunx jaqbeż l-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli xierqa, b'mod partikolari dwar il-possibbiltà li tiġi ddikjarata l-istess spiża jew nefqa fuq bażi prorata għall-Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u għal programm ieħor tal-Unjoni ***u jenħtieġ jirrikjedi li jitwettaq rapportar dettaljat u trasparenti.***

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) Sabiex jiġi żgurat li kull wieħed minn dawn l-oġġettivi jiġi implimentat fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżid il-baġit u jenħtieġ li tissottometti proposta biex jissaħħu l-mandati tal-aġenziji tal-Unjoni, bħaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, u l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li diġà qed isegwu wħud mill-oġġettivi EU4Health fil-livell tagħhom, u jenħtieġ li jkollhom r-rwol akbar fil-governanza tal-Programm EU4Health.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(31) Minħabba n-natura speċifika tal-oġġettivi u tal-azzjonijiet koperti mill-Programm, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati Membri f'xi każijiet huma fl-aħjar pożizzjoni biex

(31) Minħabba n-natura speċifika tal-oġġettivi u tal-azzjonijiet koperti mill-Programm, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati Membri f'xi każijiet huma fl-aħjar pożizzjoni biex

jimplimentaw l-attivitajiet relatati.
Għalhekk jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet, maħtura mill-Istati Membri nfushom, jitqiesu bħala benefiċjarji identifikati għall-finijiet tal-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju u li l-għotjiet jingħataw lil dawn l-awtoritajiet mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tas-sejħiet għall-proposti.

jimplimentaw l-attivitajiet relatati ***jekk dan ikun iġġustifikat kif xieraq fil-programmi ta' ħidma***. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet, maħtura mill-Istati Membri nfushom, jitqiesu bħala benefiċjarji identifikati għall-finijiet tal-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju u li l-għotjiet jingħataw lil dawn l-awtoritajiet mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tas-sejħiet għall-proposti.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Meta wieħed iqis il-valuri komuni maqbula ta' solidarjetà lejn kopertura universali u ekwa tas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità bħala bażi għall-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u li l-unjoni għandha rwol ċentrali x'taqdi fit-tħaffif tal-progress tal-isfidi globali tas-saħħa¹⁹, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi internazzjonali u globali tas-saħħa bil-mira li titjeb is-saħħa, jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u tiżdied il-protezzjoni kontra t-theddid globali għas-saħħa.

¹⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fis-Saħħa Globali, adottati fit-3011-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-10 ta' Mejju 2010, fi Brussell.

Emenda

(33) Meta wieħed iqis il-valuri komuni maqbula ta' solidarjetà lejn kopertura universali u ekwa tas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità bħala bażi għall-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u li l-unjoni għandha rwol ċentrali x'taqdi fit-tħaffif tal-progress tal-isfidi globali tas-saħħa¹⁹, jenħtieġ li l-Programm, ***b'mod li jikkomplementa u jikseb sinerġiji ma' programmi rilevanti oħrajn tal-Unjoni, u bl-użu tal-potenzjal ta' valur miżjud tal-Unjoni u tal-aġenziji nazzjonali speċjalizzati fis-saħħa***, jappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi internazzjonali u globali tas-saħħa bil-mira li titjeb is-saħħa, jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u tiżdied il-protezzjoni kontra t-theddid globali għas-saħħa.

¹⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fis-Saħħa Globali, adottati fit-3011-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-10 ta' Mejju 2010, fi Brussell.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Programm tkun tali li jkunu rrispettati r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom u għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika.

Emenda

(42) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Programm tkun tali li jkunu rrispettati **u evidenzjati** r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom u għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. ***Sabiex tgħin fl-implimentazzjoni tal-Programm, jenħtieġ li tingħata assistenza teknika lill-Istati Membri fil-bżonn sabiex tiġi żgurata kopertura ġeografika adegwata għall-implimentazzjoni tal-Programm.***

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Minħabba n-natura u l-iskala potenzjali tat-theddid transfruntier għas-saħħa tal-bniedem, l-oġettiv li n-nies fl-Unjoni jiġu protetti minn theddid bħal dan u li jiżdiedu l-prevenzjoni tal-kriżijiet u t-tħejjija għalihom ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. F'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tittieħed ukoll biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, sabiex titjeb id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċina, tal-apparat mediku u ta' prodotti oħra relevanti għall-kriżijiet fl-Unjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni u sabiex tiġi appoġġata l-ħidma u l-implimentazzjoni koordinata u integrata tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, u sabiex tindirizza l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-saħħa fl-UE kollha b'mod li joħloq titjib fl-effiċjenza u impatt ta' valur miżjud meħuda fil-livell nazżjonali filwaqt

Emenda

(43) Minħabba n-natura u l-iskala potenzjali tat-theddid transfruntier għas-saħħa tal-bniedem, l-oġettiv li n-nies **li jgħixu** fl-Unjoni jiġu protetti minn theddid bħal dan u li jiżdiedu l-prevenzjoni tal-kriżijiet u t-tħejjija għalihom ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. F'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tittieħed ukoll biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, sabiex titjeb id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċina, tal-apparat mediku u ta' prodotti oħra relevanti għall-kriżijiet fl-Unjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni u sabiex tiġi appoġġata l-ħidma u l-implimentazzjoni koordinata u integrata tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, u sabiex tindirizza l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-saħħa fl-UE kollha b'mod li joħloq titjib fl-effiċjenza u impatt ta' valur miżjud

li jiġu rispettati l-kompetenza u r-responsabbiltà tal-Istati Membri fl-oqsma koperti mill-Programm. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi.

meħuda fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenza u r-responsabbiltà tal-Istati Membri fl-oqsma koperti mill-Programm. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Programm għandu jilħaq l-oġettivi ġenerali li ġejjin, f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda" fejn rilevanti:

Emenda

Il-Programm għandu jilħaq l-oġettivi ġenerali li ġejjin ***li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-prevenzjoni tal-mard***, f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda" fejn rilevanti ***u ggwidat mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) biex jiġi żgurati li l-Unjoni u l-Istati Membri jilhqgħu l-miri tal-SDG 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benessri għal kulħadd f'kull età"***:

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) biex il-kura tas-saħħa ssir aktar sikura, jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa, tiżdied l-istennija tal-għomor mat-twelid, u tissaħħaħ u tiġi appoġġata l-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mas-saħħa, inkluż fil-qasam tas-saħħa ambjentali, u biex titrawwem is-Saħħa fil-Politiki Kollha.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) **għandu jsaħħaħ is-sistemi** tas-saħħa u l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz tat-trasformazzjoni diġitali u permezz ta' aktar ħidma integrata u koordinata fost l-Istati Membri u ta' implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki u tal-kondiviżjoni tad-data, biex jiżdied il-livell ġenerali tas-saħħa pubblika.

Emenda

(3) **jikkontribwixxi għall-effikaċja, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi** tas-saħħa u l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz tat-trasformazzjoni diġitali u permezz ta' aktar ħidma integrata u koordinata fost l-Istati Membri u ta' implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki u tal-kondiviżjoni tad-data, biex jiżdied il-livell ġenerali tas-saħħa pubblika.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Programm għandu jimmassimizza l-valur miżjud tal-Unjoni billi jiffoka fuq objettivi u azzjonijiet li jistgħu jinkisbu b'mod effettiv biss mill-Istati Membri jekk jaġixxu f'kooperazzjoni u mhux waħedhom;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) it-tishiĥ tal-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, u l-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa, inkluż permezz **talkoordinazzjoni, l-provvediment**

Emenda

(1) it-tishiĥ tal-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, u l-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa, inkluż permezz **tal-koordinazzjoni, il-**

u l-użu tal-kapaċità tal-kura tas-saħħa ta' emerġenza, il-ġbir tad-data u s-sorveljanza;

provvediment u l-użu tal-kapaċità tal-kura tas-saħħa ta' emerġenza, il-ġbir tad-data, *l-appoġġ għall-infrastruttura tal-isptarijiet* u s-sorveljanza;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programm Rekords Elettroniċi tas-Saħħa Ewropej fl-Istati Membri kollha sabiex id-data dwar is-saħħa tkun faċilment trasferibbli minn Stat Membru għal ieħor.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) l-iżgurar tad-disponibbiltà fl-Unjoni tar-riżervi jew tal-ħażniet tal-prodotti rilevanti għall-kriżi, u ta' riżerva ta' persunal mediku, tal-qasam tal-kura tas-saħħa u ta' appoġġ li jista' jiġi mmobilizzat f'każ ta' kriżi;

(2) l-iżgurar tad-disponibbiltà fl-Unjoni tar-riżervi jew tal-ħażniet *strateġiċi* tal-prodotti rilevanti għall-kriżi, u ta' riżerva ta' persunal mediku, tal-qasam tal-kura tas-saħħa u ta' appoġġ li jista' jiġi mmobilizzat f'każ ta' kriżi;

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) it-tishiġ tal-effettività, tal-aċċessibbiltà, tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluż billi tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali, tal-użu tal-għodod u s-servizzi diġitali, tar-riformi sistemiċi, tal-implimentazzjoni ta'

(4) it-tishiġ tal-effettività, tal-aċċessibbiltà, tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluż billi tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali, tal-użu tal-għodod u s-servizzi diġitali, tar-riformi sistemiċi, tal-implimentazzjoni ta'

mudelli ġodda ta' kura u ta' kopertura universali tas-saħħa, u l-indirizzar tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa;

mudelli ġodda ta' kura u ta' kopertura universali tas-saħħa, u l-indirizzar tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa ***u aċċess għall-kura tas-saħħa u l-mediċini; il-garanzija ta' data standardizzata li tkun tista' tiġi trasferita u kondiviża faċilment bejn is-sistemi tas-saħħa nazzjonali tal-Istati Membri;***

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-objettivi tal-Artikolu 4 għandhom jintlaħqu b'mod konsistenti u trasparenti u b'mod ikkoordinat mal-azzjonijiet ta' programmi u l-aġenziji oħra tal-Unjoni.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-27 għandu jkun ta' EUR ***1 946 614 000*** fi prezzijiet kurrenti.

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-27 għandu jkun ta' EUR ***10 398 000 000*** fi prezzijiet kurrenti (***EUR 9 370 000 000*** fi prezzijiet kostanti).

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħall-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta'

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħall-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta'

evalwazzjoni, inkluż is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.

evalwazzjoni, inkluż is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.
L-ispejjeż amministrattivi relatati mal-azzjonijiet indiretti m'għandhomx jaqbu l-5 % tal-ammont totali taħt il-Programm.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawn l-ammonti għandhom jintużaw primarjament biex jappoġġaw l-azzjonijiet li jistgħu jsaħħu r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali fir-reġjuni l-aktar affettwati mill-kriżi tal-COVID-19 u fir-reġjuni bis-sistemi tas-saħħa l-anqas reżiljenti;

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi assoċjati kollha għandhom jiġu inklużi fil-partijiet rilevanti tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament waqt il-proċedura baġitarja annwali l-baġit totali ta' kull parti tal-Programm, filwaqt li tidentifika kull wiehied mill-pajjiżi assoċjati, il-kontribuzzjonijiet individwali u l-bilanċ finanzjarju tagħhom;

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fil-forom kollha stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, b'mod partikolari l-għotjiet, il-premjijiet u l-akkwist pubbliku.

Emenda

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fil-forom kollha stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, b'mod partikolari l-għotjiet, il-premjijiet u l-akkwist pubbliku. ***Il-Kummissjoni għandha tfittex li tikseb kopertura ġeografika effettiva u bbilanċjata madwar l-Unjoni, fosthom billi tappoġġa lill-Istati Membri sabiex itejbu l-kwalità tal-proġetti permezz tal-bini tal-kapaċitajiet.***

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Ir-riżorsi min-Next Generation EU għandhom ikunu mmirati u jkunu ta' benefiċċju għall-Istati Membri l-aktar affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 u li għandhom is-sistemi tas-saħħa l-anqas reżiljenti, filwaqt li jfittxu li jiksbu kopertura ġeografika ġenerali bbilanċjata.

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4 a. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-implimentazzjoni konsistenti tal-Programm EU4Health filwaqt li tfittex simplifikazzjoni amministrattiva massima. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn il-programm

EU4Health u l-programmi u l-fondi l-oħra tal-UE.

Għal dak il-għan, dawn għandhom:

(a) jiżguraw li jkun hemm komplementarjetà, sinerġija, koerenza u konsistenza bejn strumenti differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni;

(b) jottimizzaw il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni biex jevitaw duplikazzjoni tal-isforz;

(c) jiżguraw li teżisti kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, dak reġjonali sabiex iwettqu azzjonijiet ta' sostenn koerenti u simplifikati skont l-istrument.

Emenda 38

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħhom, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), kif ukoll il-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) fl-implimentazzjoni tal-Programm, bil-għan li timmassimizza l-effikaċja u l-effiċjenza tal-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali.

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4c. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli jew fi gruppi ta' esperti rilevanti oħrajn tal-Kummissjoni kif ukoll il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari korpi professjonali fis-settur tas-saħħa u NGOs attivi fil-qasam fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Programm.

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Benefiċjarji minn pajjiżi b'kapaċità amministrattiva dgħajfa jistgħu jitolbu assistenza teknika sabiex jiżguraw opportunità ġusta biex jingħataw l-għotjiet għall-proġetti kollha.

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha toħloq mekkaniżmu affidabbli u effiċjenti sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' finanzjament u sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn programmi u politiki tal-Unjoni differenti li qed isegwu objettivi tas-saħħa. Id-data kollha dwar l-operazzjonijiet u l-azzjonijiet ta' finanzjament ifffinanzjati taħt programmi

u fondi tal-Unjoni differenti għandha tkun ċentralizzata skont dan il-mekkaniżmu. Dan għandu jsegwi l-prinċipji ta' trasparenza, traċċabbiltà u obbligu ta' rendikont u għandu jippermetti monitoraġġ u evalwazzjoni aħjar tal-azzjonijiet li qed isegwu objettivi tas-saħħa.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-azzjonijiet li jimplementaw l-objettivi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 biss, inkluż dawk stabbiliti fl-Anness I, għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.

Emenda

L-azzjonijiet li jimplementaw l-objettivi msemmija fl-Artikoli 3 u 4, inkluż dawk stabbiliti fl-Anness I, għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament. ***Azzjonijiet mhux elenkati fl-Anness I għandhom ikunu eliġibbli biss fuq bażi eċċezzjonali jekk il-programmi ta' ħidma jiġġustifikaw speċifikament il-ħtieġa għalihom.***

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali.

Emenda

(b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali ***rilevanti***.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jenħtieġ li l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-Programm ***fil-prinċipju jgħorru*** l-ispiża tal-

Emenda

3. Jenħtieġ li l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-Programm ***iħallsu*** l-ispiża tal-

parteċipazzjoni tagħhom.

parteċipazzjoni tagħhom.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Bil-Programm, l-għotjiet diretti jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti biex jiffinanzjaw azzjonijiet **li għandhom** valur miżjud ċar għall-Unjoni u **li jkunu** kofinanzjati mill-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għas-saħħa fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-saħħa relevanti jew mill-korpi tas-settur pubbliku u mill-korpi nongovernattivi li jaġixxu individwalment jew bħala network fuq mandat ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli dwar **il-pjanijiet** ta' ħidma stabbiliti għall-Programm u l-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet strateġiċi tiegħu u dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

Emenda

5. Bil-Programm, l-għotjiet diretti jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti biex jiffinanzjaw azzjonijiet **jekk tali għotjiet jiġu ġġustifikati kif xieraq, jekk ikollhom** valur miżjud ċar għall-Unjoni u **jekk ikunu** kofinanzjati mill-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għas-saħħa fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-saħħa relevanti jew mill-korpi tas-settur pubbliku u mill-korpi nongovernattivi li jaġixxu individwalment jew bħala network fuq mandat ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli, **l-aġenziji tal-Unjoni, l-esperti indipendenti esterni** dwar **il-programmi** ta' ħidma stabbiliti għall-Programm u l-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet strateġiċi tiegħu u dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 19 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-programmi ta' ħidma msemija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dawk il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu b'mod partikolari d-dettalji tal-azzjonijiet previsti inklużi l-ammonti previsti, it-tipi u l-post ġeografiku tal-benefiċjarji previsti, it-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament, u fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

1 a. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod kontinwu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza, id-data dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni, aġġornata kontinwament, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku b'mod aċċessibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni skont l-aħħar aġġornament.

B'mod partikolari, id-data għall-proġetti ffinanzjati għandha tiġi inkluża fl-istess bażi tad-data. Dik id-data għandha tinkludi:

(a) informazzjoni dwar it-tipi ta' finanzjament u t-tipi ta' benefiċjarji, li tippermetti intraċċar trasparenti tal-

Emenda

allokazzjonijiet finanzjarji; ħarsa ġenerali dettaljata tas-sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni, inklużi l-attivitajiet implimentati mill-aġenziji tal-Unjoni, li tippermetti analiżi xierqa tal-komplementarjetà bejn attivitajiet differenti li għandhom jitwettqu.

(b) il-livelli ta' nfiq diżaggregati fil-livell tal-proġett sabiex tkun tista' ssir analiżi speċifika, inkluż għal kull qasam ta' intervent kif iddefinit fl-Artikolu 13 u l-Anness I.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Is-sistema ta' rappurtar tal-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni u, fejn rilevanti, fuq l-Istati Membri.

Emenda

3. Is-sistema ta' rappurtar tal-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin ***mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji***. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonati fuq il-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni u, fejn rilevanti, fuq l-Istati Membri.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tiegħu, iżda mhux iktar tard minn erba' snin mill-bidu tal-implimentazzjoni.

Emenda

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ***u tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tiegħu, iżda mhux iktar tard minn erba' snin mill-bidu tal-

implimentazzjoni.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, iżda mhux aktar tard minn erba' snin minn tmiem il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali.

Emenda

3. Fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni, iżda mhux aktar tard minn erba' snin minn tmiem il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali **u tippreżentaha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha **tippubblika u** tibgħat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha **u għandha tippreżentahom** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 20 - paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4 a. L-evalwazzjoni għandha tkopri mill-anqas dan li ġej:

(a) l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tal-Programm;

- (b) l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi;*
- (c) il-grad ta' kemm intlaħqu l-oġġettivi tal-miżuri kollha filwaqt li jiġu speċifikati, fejn possibbli, ir-riżultati u l-impatti;*
- (d) il-punt sa fejn jintlaħqu s-sinerġiji bejn l-oġġettivi u l-komplementarjetà ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni;*
- (e) il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt fit-tul tal-Programm, bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni ta' xi oġġettivi u miżuri;*
- (f) il-punt sa fejn il-partijiet ikkonċernati kienu involuti;*
- (g) analiżi tal-kopertura ġeografika madwar l-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 8, u, jekk ma tintlaħaq l-ebda kopertura bħal din, analiżi tar-raġunijiet sottostanti.*

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-sistema ta' awditu għall-Programm għandha tiżgura bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet amministrattivi u kostijiet oħra tal-kontrolli fil-livelli kollha, speċjalment għall-benefiċjarji. Ir-regoli dwar l-awditi għandhom ikunu ċari, konsistenti u koerenti fil-Programm kollu.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-istrateġija ta' awditjar għall-Programm għandha tkun ibbażata fuq l-awditu

finanzjarju ta' kampjun rappreżentattiv tan-nefqa fil-firxa tal-Programm kollu kemm hu. Il-kampjun rappreżentattiv għandu jkun ikkomplementat b'għażla bbażata fuq valutazzjoni tar-riskji relatati man-nefqa. L-azzjonijiet li jirċievu finanzjament konġunt minn diversi programmi tal-Unjoni għandhom jiġu awditjati darba waħda biss, li tkun tkopri l-programmi kollha involuti u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament jistgħu joqogħdu fuq reviżjonijiet kombinati tas-sistemi fil-livell tal-benefiċjarju. Tali reviżjonijiet ikkombinati għandhom ikunu fakultattivi għal ċerti tipi ta' benefiċjarji u għandhom jikkonsistu f'awditu tas-sistemi u l-proċessi, ikkomplementat minn awditu tat-tranżazzjonijiet, imwettaq minn awditur indipendenti kompetenti kkwalfikat biex iwettaq awditi statutorji ta' dokumenti ta' kontabbiltà f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE^{1a}. Dawn għandhom jintużaw mill-Kummissjoni jew korp ta' finanzjament biex jivverifikaw assigurazzjoni globali dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-infiq u biex iqisu mill-ġdid il-livell ta' awditi u ċertifikati ex post dwar dikjarazzjonijiet finanzjarji.

1a Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU

Emenda 57

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-awditi jistgħu jitwettqu sa sentejn wara l-ħlas tal-bilanċ.

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida tal-awditjar, bil-għan li tiżgura li jkun hemm applikazzjoni u interpretazzjoni affidabbli u uniformi tal-proċeduri u tar-regoli tal-awditjar tul iddurata tal-programm kollu.

Emenda 59

**Proposta għal regolament
Anness I – punt a – punt ii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) f'infrastruttura tas-saħħa kritika rilevanti għall-kuntest tal-kriżijiet tas-saħħa, tal-ġhodod, tal-istrutturi, tal-proċessi, tal-produzzjoni u tal-kapaċità tal-laboratorji, inkluż l-ġhodod għas-sorveljanza, għall-immudellar, għat-tbassir, għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tat-tifqigħat.

(ii) f'infrastruttura tas-saħħa kritika rilevanti għall-kuntest tal-kriżijiet tas-saħħa, tal-ġhodod, tal-istrutturi, tal-proċessi, tal-produzzjoni u tal-kapaċità tal-laboratorji, inkluż l-ġhodod għas-sorveljanza, għall-immudellar, għat-tbassir, għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tat-tifqigħat, ***b'mod partikolari b'investimenti fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali l-anqas reżiljenti.***

Emenda 60

Proposta għal regolament Anness I – punt a – punt ii a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii a) Appoġġ għall-bini ta' sptarijiet u ta' infrastrutturi tas-saħħa bażiċi fir-reġjuni l-anqas żviluppati tal-Unjoni; il-Programm għandu jipparteċipa f'sinerġija u komplementarjetà mal-fondi mill-politika ta' koeżjoni;

Emenda 61

Proposta għal regolament Anness I – punt c – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) Attivitajiet ta' appoġġ imfassla biex jimmonitorjaw l-impatti tas-saħħa kumulattivi tal-fatturi tar-riskju ambjentali, inklużi dawk li jirriżultaw mill-kontaminanti fl-ikel, fl-ilma, fl-arja u f'sorsi oħra kif ukoll attivitajiet li jimmonitorjaw l-impatti fuq is-saħħa fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħal farmakoviġilanza u oħrajn simili;

Emenda 62

Proposta għal regolament Anness I – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) L-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta mas-saħħa; u l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti legali;

(i) L-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta mas-saħħa; u l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti legali ***inkluż fil-qasam tas-saħħa ambjentali;***

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Anness I – punt d – punt ia (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) it-tfassil tal-politika tal-UE biex titrawwem l-integrazzjoni tas-saħħa fil-politiki kollha u b'mod partikolari miżuri biex jissaħħu l-valutazzjoni u l-ġestjoni xierqa tar-riskji ambjentali assoċjati mal-produzzjoni, l-użu u r-rimi ta' prodotti mediċi;

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Anness I – punt d – punt viii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(viii) In-networking minn organizzazzjonijiet nongovernattivi u l-involviment tagħhom fi proġetti koperti mill-Programm;

(viii) In-networking minn organizzazzjonijiet nongovernattivi, ***inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew***, u l-involviment tagħhom fi proġetti koperti mill-Programm;

Emenda 65

**Proposta għal regolament
Anness I – punt e – punt ii**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) It-twaqqif u l-ġestjoni ta' riżervi u ħażniet tal-UE ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet f'komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni;

(ii) It-twaqqif u l-ġestjoni ta' riżervi u ħażniet ***strateġiċi addizzjonali*** tal-UE ta' prodotti rilevanti għall-kriżijiet f'komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni;

Emenda 66

**Proposta għal regolament
Anness I – punt f – punt iv**

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) Azzjonijiet preventivi biex il-gruppi vulnerabbli jiġu protetti mit-theddid għas-saħħa u azzjonijiet biex ir-rispons għall-kriżijiet u l-ġestjoni tagħhom ikun adattat għall-ħtiġijiet ta' dawk il-gruppi vulnerabbli;

Emenda

(iv) Azzjonijiet preventivi biex il-gruppi vulnerabbli jiġu protetti mit-theddid għas-saħħa u azzjonijiet biex ir-rispons għall-kriżijiet u l-ġestjoni tagħhom ikun adattat għall-ħtiġijiet ta' dawk il-gruppi vulnerabbli, ***inkluż ukoll l-provvediment ta' informazzjoni adegwata u xierqa lil dawk ikkonċernati, b'attenzjoni partikolari tingħata lil persuni b'diżabilità;***

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Anness I – punt f – punt v**

Test propost mill-Kummissjoni

(v) Azzjonijiet biex jiġu ***indirizzati*** l-konsegwenzi kollaterali ta' kriżi tas-saħħa fuq is-saħħa, b'mod partikolari ***dawk fuq is-saħħa*** mentali, ***fuq il-pazjenti*** li jsofru minn mard kroniku u ***fuq*** gruppi vulnerabbli oħra;

Emenda

(v) Azzjonijiet biex jiġu ***mitigati*** l-konsegwenzi kollaterali ta' kriżi tas-saħħa fuq is-saħħa, b'mod partikolari ***f'termini ta' saħħa*** mentali, ***kif ukoll il-konsegwenzi speċifiċi għall-pazjenti*** li jsofru minn mard kroniku u ***l-persuni b'diżabilità u*** gruppi vulnerabbli oħra;

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Anness I – punt f – punt vi**

Test propost mill-Kummissjoni

(vi) Azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċità f'każ ta' żieda f'daqqa, ir-riċerka, l-iżvilupp, il-kapaċità tal-laboratorju, il-produzzjoni u l-użu tal-prodotti niċċa rilevanti għall-kriżijiet;

Emenda

(vi) Azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċità f'każ ta' żieda f'daqqa, ir-riċerka, l-iżvilupp, il-kapaċità tal-laboratorju, il-produzzjoni u l-użu tal-prodotti niċċa rilevanti għall-kriżijiet ***u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-prodotti;***

Emenda 69

Proposta għal regolament

Anness I – punt f – punt viii

Test propost mill-Kummissjoni

(viii) Azzjonijiet li jappoġġaw ix-xogħol ta' investigazzjoni, ta' valutazzjoni tar-riskji u ta' ġestjoni tar-riskji dwar ir-rabta bejn is-saħħa tal-annimali, ***il-fatturi*** ambjentali u l-mard tal-bniedem, inkluż matul il-kriżijiet tas-saħħa.

Emenda

(viii) Azzjonijiet li jappoġġaw ix-xogħol ta' investigazzjoni, ta' valutazzjoni tar-riskji u ta' ġestjoni tar-riskji dwar ir-rabta bejn is-saħħa tal-annimali, ***l-impatt tat-tibdil tal-klima u t-telf tal-bijodiversità u fatturi*** ambjentali ***oħra***, u l-mard tal-bniedem, inkluż matul il-kriżijiet tas-saħħa.

Emenda 70

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Appoġġ lill-azzjonijiet għat-trasferiment tal-għarfien u għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex ikunu meġġjuna l-proċessi ta' riforma nazzjonali bil-għan li jkun hemm effettività, aċċessibbiltà, sostenibbiltà u reżiljenza mtejbin, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati mis-Semestru Ewropew u tissaħħaħ il-kura primarja, biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-kura u biex ikun hemm kopertura universali tas-saħħa u aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa;

Emenda

(i) Appoġġ lill-azzjonijiet għat-trasferiment tal-għarfien u għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex ikunu meġġjuna l-proċessi ta' riforma nazzjonali bil-għan li jkun hemm effettività, aċċessibbiltà, sostenibbiltà u reżiljenza mtejbin, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati mis-Semestru Ewropew u tissaħħaħ il-kura primarja, biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-kura u biex ikun hemm kopertura universali tas-saħħa u aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa; ***b'mod partikolari fir-reġjuni l-anqas żviluppati tal-Unjoni;***

Emenda 71

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) Programmi ta' taħriġ għall-persunal mediku u tal-kura tas-saħħa, u ***programmi*** għall-iskambji temporanji tal-persunal;

Emenda

(ii) Programmi ta' taħriġ għall-persunal mediku u tal-kura tas-saħħa, ***l-aċċessibbiltà għall-informazzjoni dwar mudelli ġodda ta' kura, it-trasformazzjoni diġitali, l-għodod u s-servizzi u l-programmi*** għall-

iskambji temporanji tal-persunal;

Emenda 72

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt ix

Test propost mill-Kummissjoni

(ix) Appoġġ għall-istabbiliment u għall-implimentazzjoni ta' programmi li jassistu lill-Istati Membri u l-azzjonijiet tagħhom biex itejbu l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard (għall-mard li jittieħed u li ma jitteħidx);

Emenda

(ix) Appoġġ għall-istabbiliment u għall-implimentazzjoni ta' programmi li jassistu lill-Istati Membri u l-azzjonijiet tagħhom biex itejbu l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard (għall-mard li jittieħed u li ma jitteħidx), ***b'mod partikolari fir-reġjuni l-anqas żviluppati;***

Emenda 73

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xiiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xiiia) Appoġġ għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri għall-ħolqien ta' Network Ewropew għall-Ispartijiet ta' Eċċellenza, it-titjib tal-kura transfruntiera għal mard rari u ż-żieda fl-aċċess għall-kura għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni.

Emenda 74

Proposta għal regolament Anness I – punt j – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa u tas-sistemi tas-saħħa inkluż permezz tal-valutazzjonijiet komparattivi u tal-bini tal-kapaċità biex jibdeu jitħaddmu għodod u teknoloġiji innovattivi; it-titjib tal-ħiliet diġitali tal-

Emenda

(ii) Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa u tas-sistemi tas-saħħa inkluż permezz tal-valutazzjonijiet komparattivi u tal-bini tal-kapaċità biex jibdeu jitħaddmu għodod u teknoloġiji innovattivi ***u l-litteriżmu fil-kura tas-saħħa tal-popolazzjoni ġenerali;*** it-titjib

professjonisti tal-qasam tal-kura tas-saħħa;

tal-ħiliet diġitali tal-professjonisti tal-qasam tal-kura tas-saħħa;

Emenda 75

Proposta għal regolament Anness I – punt j – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) Appoġġ għall-użu u l-interoperabbiltà tal-ġhodod u tal-infrastrutturi diġitali fl-Istati Membri u bejniethom u mal-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni; l-iżvilupp ta' strutturi ta' governanza xierqa u ta' sistemi ta' informazzjoni tas-saħħa tal-Unjoni li jkunu sostenibbli u interoperabbli, bħala parti mill-Ispazju Ewropew ta' Data dwar is-Saħħa, u t-tiżiħ tal-aċċess taċ-ċittadini għad-data dwar saħħithom u tal-kontroll **tagħhom** tagħha;

Emenda

(iii) Appoġġ għall-użu u l-interoperabbiltà tal-ġhodod u tal-infrastrutturi diġitali fl-Istati Membri u bejniethom u mal-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, **b'rispett sħiħ għall-protezzjoni tad-data tal-individwu**; l-iżvilupp ta' strutturi ta' governanza xierqa u ta' sistemi ta' informazzjoni tas-saħħa tal-Unjoni li jkunu sostenibbli u interoperabbli, bħala parti mill-Ispazju Ewropew ta' Data dwar is-Saħħa, u t-tiżiħ tal-aċċess taċ-ċittadini għad-data dwar saħħithom, **tal-ġestjoni** u tal-kontroll tagħha;

Emenda 76

Proposta għal regolament Anness I – punt j – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) Appoġġ għall-użu **ottimu** tat-telemediċina/tat-telesaħħa, **inkluż permezz** tal-komunikazzjoni bis-satellita għaż-żoni remoti, it-trawwim ta' innovazzjoni fl-organizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mmexxija mit-teknoloġija diġitali u l-promozzjoni ta' ġhodod diġitali li jappoġġaw l-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini u l-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuni.

Emenda

(iv) Appoġġ għall-użu **ottimali** tat-telemediċina/tat-telesaħħa, **bl-użu tal-aktar teknoloġiji diġitali reċenti disponibbli, bħar-robotika, l-IA u l-użu** tal-komunikazzjoni bis-satellita għaż-żoni remoti, it-trawwim ta' innovazzjoni fl-organizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mmexxija mit-teknoloġija diġitali u l-promozzjoni ta' ġhodod diġitali li jappoġġaw l-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini u l-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuni **li tillimita l-inugwaljanzi tal-kura tas-saħħa**.

Emenda 77

Proposta għal regolament Anness I – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) Il-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u taċ-ċittadini, b'mod partikolari:

Emenda

(k) Il-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, ***inklużi organizzazzjoniet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew li jaħdmu fuq is-saħħa u fuq kwistjonijiet relatati magħha***, u taċ-ċittadini, b'mod partikolari:

Emenda 78

Proposta għal regolament Anness I – punt k – punt iiiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiiia) Il-komunikazzjoni bl-għan li tindirizza l-aħbarijiet foloz rigward it-terapiji mediċi, jew il-kawżi tal-mard.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 u tħassir tar-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm I-UE għas-Saħħa")
Referenzi	COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.6.2020
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 17.6.2020
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Nicolae Ștefănuță 18.6.2020
Eżami fil-kumitat	13.7.2020
Data tal-adozzjoni	1.9.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Clotilde Armand, Robert Biedroń, Anna Bonfrisco, Olivier Chastel, Lefteris Christoforou, David Cormand, Paolo De Castro, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Valentino Grant, Elisabetta Gualmini, Francisco Guerreiro, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Mislav Kolakušić, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Zbigniew Kuźmiuk, Hélène Laporte, Pierre Larrourou, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Siegfried Mureșan, Victor Negrescu, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Nicolae Ștefănuță, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Johan Van Overtveldt, Rainer Wieland, Angelika Winzig
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Petros Kokkalis

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

37	+
ECR	Zbigniew KUŹMIUK, Bogdan RZOŃCA, Johan VAN OVERTVELDT
GUE/NGL	Petros KOKKALIS, Dimitrios PAPADIMOULIS
ID	Hélène LAPORTE
NI	Mislav KOLAKUŠIĆ
PPE	Lefteris CHRISTOFOROU, José Manuel FERNANDES, Niclas HERBST, Monika HOHLMEIER, Janusz LEWANDOWSKI, Siegfried MUREȘAN, Andrey NOVAKOV, Jan OLBRYCHT, Karlo RESSLER, Rainer WIELAND, Angelika WINZIG
RENEW	Clotilde ARMAND, Olivier CHASTEL, Valérie HAYER, Moritz KÖRNER, Nicolae ȘTEFĂNUȚĂ, Nils TORVALDS
S&D	Robert BIEDROŃ, Paolo DE CASTRO, Eider GARDIAZABAL RUBIAL, Elisabetta GUALMINI, Eero HEINÄLUOMA, Pierre LARROUTUROU, Margarida MARQUES, Victor NEGRESCU, Nils UŠAKOVŠ
VERTS/ALE	Rasmus ANDRESEN, David CORMAND, Alexandra GEESE, Francisco GUERREIRO

1	-
ID	Joachim KUHS

2	0
ID	Anna BONFRISCO, Valentino GRANT

Tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet

14.9.2020

**POŻIZZJONI FIL-FORMA TA' EMENDI
TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI**

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa") (COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

Għall-Kumitat għad-Driftijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Chrysoula Zacharopoulou (rapporteur)

EMENDI

Il-Kumitat għad-Driftijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippreżenta lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

**Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fl-attivitajiet kollha tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u b'hekk stabbilixxa l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneru.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-coronavirus il-ġdid (COVID-19) bħala pandemija globali. Din il-pandemija kkawżat kriżi tas-saħħa dinjija bla preċedent b'konsegwenzi soċjoekonomiċi severi u tbatija kbira għall-bniedem.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-coronavirus il-ġdid (COVID-19) bħala pandemija globali. Din il-pandemija kkawżat kriżi tas-saħħa dinjija bla preċedent b'konsegwenzi soċjoekonomiċi severi u tbatija kbira għall-bniedem, ***b'mod partikolari f'ċerti gruppi fis-soċjetà, inklużi l-pazjenti, in-nisa, il-persuni li jindukraw u l-anzjani.***

Emenda

(5a) In-nisa ntlauptu b'mod sproporzjonat mill-pandemija u mill-miżuri ta' rispons, u jeħtieġ li l-effetti fit-tul tagħhom ma jkomplux jaggravaw l-inugwaljanzi eżistenti. In-nisa tul ħajjithom jibqgħu sottorappreżentati fir-riċerka u fid-data bijomediċi u tas-saħħa. B'konsegwenza ta' dan, il-bażi tal-evidenza hija aktar dgħajfa għan-nisa kif ukoll għall-anzjani, filwaqt li bosta kundizzjonijiet, bħal pereżempju l-mard kardjovaskulari, huma sottodijanostikati fin-nisa. Il-prodotti mediciali huma aktar sikuri u aktar effettivi għal kulħadd meta l-istudji tar-riċerka klinika jkunu jinkludu gruppi differenti tal-popolazzjoni. Sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u d-disparitajiet fis-saħħa, jenħtieġ li s-sess u l-ġeneru jiġu inkorporati fil-proċess kollu tas-saħħa: it-tfassil tal-protokoll tal-prova klinika, l-analiżi tad-data, il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u l-aċċess għall-kura.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Filwaqt li l-Istati Membru huma responsabbli għall-politika tas-saħħa tagħhom, huma mistennija jipproteġu s-saħħa pubblika fi spirtu ta' solidarjetà Ewropea⁸. L-esperjenza mill-kriżi li għaddejja bħalissa tal-COVID-19 uriet li hemm hteġa għal iktar azzjoni b'saħħitha fil-livell tal-Unjoni sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri, biex ittejjeb il-prevenzjoni u l-kontroll tal-firxa tal-mard sever fil-bniedem lil hinn mill-fruntieri, biex tiġġieled it-theddid transfruntier serju għas-saħħa u biex tissalvagwardja s-saħħa u l-benessri tan-nies fl-Unjoni.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Grupp tal-Euro dwar rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19, COM(2020)112 final tat-13.03.2020.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Emenda

(6) Filwaqt li l-Istati Membru huma responsabbli għall-politika tas-saħħa tagħhom, huma mistennija jipproteġu s-saħħa pubblika fi spirtu ta' solidarjetà Ewropea⁸. L-esperjenza mill-kriżi li għaddejja bħalissa tal-COVID-19 uriet li hemm hteġa għal iktar azzjoni b'saħħitha fil-livell tal-Unjoni sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri, biex ittejjeb il-prevenzjoni u l-kontroll tal-firxa tal-mard sever fil-bniedem lil hinn mill-fruntieri, biex ***tiżgura l-prodotti essenzjali għall-kriżi intiżi biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-saħħa fl-aktar inħawi milquta, biex tiżviluppa u tiggarrantixxi d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-prodotti għall-prevenzjoni u t-trattament tal-mard, inkluża l-kontraċezzjoni, biex tiġġieled it-theddid transfruntier serju għas-saħħa u biex tissalvagwardja s-saħħa u l-benessri tan-nies fl-Unjoni, filwaqt li tiġi evitata kull xorta ta' diskriminazzjoni f'termini ta' rikoveri fl-isptar, l-assistenza medika u t-trattament mediku.***

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Grupp tal-Euro dwar rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19, COM(2020)112 final tat-13.03.2020.

Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) *L-Unjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri biex inaqqsu l-inugwaljanzi relatati mal-ġeneru fil-prevenzjoni u t-trattament tas-saħħa.*

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) *Fil-dawl tal-fatt li l-effetti tal-mard jistgħu jkunu differenti bejn l-irġiel u n-nisa, kif jidher ċar fil-każ tal-COVID-19, li għandu rata ogħla ta' mortalità fl-irġiel, qed jiġi propost li jiġu studjati l-kawżi ta' din l-imġiba sabiex isir avvanz fil-patoloġija, it-trattament u l-kura.*

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Minħabba n-natura serja tat-theddid transfruntier għas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri tas-saħħa pubblika kkoordinati fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw aspetti differenti tat-tali theddid. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tħejji ***għall-kriżijiet tas-saħħa, li tirrispondi għalihom u li timmaniġġjahom***, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mekkaniżmi u strutturi rilevanti oħra stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-ħżin strateġiku ta' provvisti

(10) Minħabba n-natura serja tat-theddid transfruntier għas-saħħa, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa miżuri tas-saħħa pubblika kkoordinati fil-livell tal-Unjoni biex jindirizzaw aspetti differenti tat-tali theddid. Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li ***b'mod olistiku tħejji lilha nfisha għall-aspetti kollha tal-kriżijiet tas-saħħa u l-impatt relatat tagħhom fuq il-forniment tas-servizzi tas-saħħa u tirrispondi għalihom u timmaniġġjahom***, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-mekkaniżmi u l-istrutturi stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u mekkaniżmi u

mediċi essenzjali jew il-bini ta' kapaċità fir-rispons għall-kriżi, miżuri preventivi relatati **mat-tilqim** u l-immunizzazzjoni, u programmi ta' sorveljanza msaħħa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm, fl-Unjoni kollha u fost is-setturi kollha, irawwem prevenzjoni għall-kriżijiet, it-tħejjija, sorveljanza, ġestjoni u kapaċità għar-rispons fl-atturi tal-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż ippjanar ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' tħejjija, filwaqt li jimplementaw l-approċċ "Saħħa Waħda". Jenħtieġ li dan jiffaċilita t-twaqqif ta' qafas integrat u trażversali għall-komunikazzjoni tar-riskju fil-fażijiet kollha ta' kriżi tas-saħħa - il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons.

strutturi rilevanti oħra stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jista' jinkludi l-ħżin strateġiku ta' provvisti mediċi essenzjali jew il-bini ta' kapaċità fir-rispons għall-kriżi, **l-ippjanar ta' kontinġenza biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-forniment tas-servizzi tas-saħħa meħtieġa u tal-aċċess għalihom**, miżuri preventivi relatati **mal-edukazzjoni u l-informazzjoni tas-saħħa, it-tilqim** u l-immunizzazzjoni, u programmi ta' sorveljanza msaħħa. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm, fl-Unjoni kollha, **b'mod sensitiv għall-ġeneru** u fost is-setturi kollha, irawwem prevenzjoni għall-kriżijiet, it-tħejjija, sorveljanza, ġestjoni u kapaċità għar-rispons fl-atturi tal-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż ippjanar ta' kontinġenza u eżerċizzji ta' tħejjija, filwaqt li jimplementaw l-approċċ "Saħħa Waħda". Jenħtieġ li dan jiffaċilita t-twaqqif ta' qafas integrat u trażversali għall-komunikazzjoni tar-riskju fil-fażijiet kollha ta' kriżi tas-saħħa - il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons.

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

¹⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Minħabba l-impatt li kellha l-kriżi tal-COVID-19 fuq l-aċċess għal, u l-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari għan-nisa u l-bniet, li mhumiex relatati b'mod dirett mat-trattament tal-infezzjonijiet tal-COVID-19 iżda jibqgħu servizzi essenzjali tal-kura tas-saħħa, inklużi s-servizzi tal-kura tas-

saħħa sesswali u riproduttiva, il-Programm jenħtieġ li jirrispondi għall-kriżijiet tas-saħħa b'mod olistiku u jappoġġa azzjonijiet li jggarantixxu l-aċċess kontinwu għas-servizzi essenzjali tal-kura tas-saħħa.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Il-kriżi tal-COVID-19 qed ikollha impatt sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet minħabba l-inugwaljanzi eżistenti li jwasslu, fost l-oħrajn, għal żieda fir-riskju ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru matul il-lockdown.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10c) Il-parti l-kbira tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, li kienu essenzjali matul il-kriżi tal-COVID-19, huma nisa, u dawn ġew esposti għal riskji tas-saħħa akbar matul il-kriżi.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Bil-ħsieb li jiproteġu lil dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż dawk li jbatu minn mard mentali u mard kroniku,

(12) Bil-ħsieb li jiproteġu lil dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż *it-tfal, l-anzjani, il-persuni soċjoekonomikament*

jenħtieġ li l-Programm jippromwovi wkoll azzjonijiet li jindirizzaw l-impatti kollaterali tal-kriżi tas-saħħa fuq in-nies li jiffurmaw parti minn dawn il-gruppi vulnerabbli.

żvantaġġati, in-nisa, il-vittmi/superstiti ta' vjolenza sesswali u ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-persuni LGBTI+, il-minoranzi razzjali u etniċi, il-migranti, il-persuni b'diżabilità u dawk li jbatu minn mard mentali u mard kroniku, jenħtieġ li l-Programm jippromwovi wkoll azzjonijiet li jindirizzaw *l-inugwaljanzi eżistenti tas-saħħa u l-fatturi determinanti soċjali tas-saħħa, inkluż il-ġeneru minn approċċ intersezzjonali kif ukoll* l-impatti kollaterali tal-kriżi tas-saħħa fuq in-nies li jiffurmaw parti minn dawn il-gruppi vulnerabbli *u mhux moqdija biżżejjed bħal pereżempju n-nisa tqal, permezz ta' standards għolja ta' servizzi essenzjali tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi, it-tħeġġiġ ta' tranżizzjoni għat-telemediċina, l-amministrazzjoni fid-dar tal-medikamenti u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet preventivi u ta' awtokura, inkluż fil-qasam tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, u b'kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa bl-għan li jkun żgurat aċċess kontinwu għas-servizzi kollha tal-kura tas-saħħa.*

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi tal-pandemija fuq is-saħħa tan-nisa u jinbnew sistemi tas-saħħa aktar reżiljenti u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri jenħtieġ li tiġi applikata fil-Programm kollu kemm hu, u jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-saħħa speċifiċi tan-nisa, inklużi kwistjonijiet relatati mas-saħħa għall-vittmi ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, tipi speċifiċi ta' kanċer u s-saħħa u d-drittijiet sesswali u

riproduttiva u d-drittijiet, jiġbru data diżaggregata u speċifika għall-ġeneru kull fejn ikun relevanti u jipprovdu informazzjoni, edukazzjoni u promozzjoni tas-saħħa sensittivi għall-ġeneru, miżuri ta' prevenzjoni u trattament.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Dan il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi komuni stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa tan-nisa tat-22 ta' Ġunju 2006 u fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Bil-kriżi tal-COVID-19 feġġew ħafna sfidi fl-iżgurar tal-provvista tal-mediċini, tal-apparat mediku kif ukoll tat-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġa fl-Unjoni matul il-pandemiji. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jrawmu l-produzzjoni, l-akkwist u l-ġestjoni ta' prodotti relevanti għall-kriżi u li **dan jiżgura** l-komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni.

(13) Bil-kriżi tal-COVID-19 feġġew ħafna sfidi fl-iżgurar tal-provvista tal-mediċini, **tat-tagħmir mediku**, tal-apparat mediku kif ukoll tat-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġa fl-Unjoni matul il-pandemiji. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Programm jipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jrawmu l-produzzjoni, l-akkwist u l-ġestjoni ta' prodotti relevanti għall-kriżi **inklużi l-prodotti mediċi kollha li jibqgħu essenzjali matul kriżi, bħal prodotti tas-saħħa sesswali u riproduttiva inklużi l-prodotti u l-mediċini kontraċettivi u t-trattament ormonali, filwaqt li tiġi żgurata** l-komplementarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi għas-saħħa pubblika tat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, jenħtieġ li jkun possibbli li l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm ikunu jkopru l-koordinazzjoni tal-attivitajiet li jsaħħu l-interoperabbiltà u l-koerenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri permezz tal-valutazzjoni komparattiva, tal-kooperazzjoni u tal-iskambju tal-aħjar prattiki u li dawn ikunu jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jirrispondu għal emerġenzi tas-saħħa, li tinkludi l-ippjanar ta' kontinġenza, l-eżerċizzji ta' thejjiġa u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ effiċjenti u **għad-distribuzzjoni** jew **għall-allokazzjoni** tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa fi **żmien** kriżi **ġestiti skont il-bżonn**.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-esperjenza mill-kriżi tal-COVID-19 indikat li hemm bżonn ġenerali ta' appoġġ għat-trasformazzjoni strutturali tas-

Emenda

(14) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi għas-saħħa pubblika tat-theddid transfruntier serju għas-saħħa, jenħtieġ li jkun possibbli li l-azzjonijiet appoġġati mill-Programm ikunu jkopru l-koordinazzjoni tal-attivitajiet li jsaħħu l-interoperabbiltà u l-koerenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri permezz tal-valutazzjoni komparattiva, tal-kooperazzjoni u tal-iskambju tal-aħjar prattiki u li dawn ikunu jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jirrispondu għal emerġenzi tas-saħħa, li tinkludi l-ippjanar ta' kontinġenza, l-eżerċizzji ta' thejjiġa u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal tal-kura tas-saħħa u tas-saħħa pubblika u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ effiċjenti, **il-forniment kontinwu, l-aċċessibbiltà għal, u d-distribuzzjoni** jew **l-allokazzjoni skont il-bżonn** tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa fi **żminijiet ta'** kriżi, **inklużi dawk relatati mas-saħħa u sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluż il-kontraċezzjoni, kura relatata mal-abort, trattament tal-fertilità, ittestjar għall-HIV u għall-mard trażmess sesswalment, screenings għall-ċanċer fil-partijiet riproduttivi tal-ġisem u l-kura tas-saħħa materna**.

sistemi tas-saħħa madwar l-Unjoni u għar-riformi sistemiċi tagħhom biex jittejjbu l-effettività, l-aċċessibilità u r-reżiljenza tagħhom. Fil-kuntest tat-tali trasformazzjoni u tat-tali riformi, jenħtieġ li b'sinerġija mal-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm jippromwovi azzjonijiet li jmexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa u li jżidu l-interoperabbiltà tagħhom, li jikkontribwixxu biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika li jrawmu l-prevenzjoni tal-mard u **li jippromwovu s-saħħa**, li jipprovdu mudelli ġodda tal-kura u li joffru servizzi integrati, mill-kura komunitarja u l-kura tas-saħħa primarja sas-servizzi speċjalizzati ħafna, **abbażi tal-ħtiġijiet** tan-nies, u li jiżguraw ħaddiema **tas-saħħa pubblika** effikaċi li jkollhom il-ħiliet tajbin, fosthom dawk diġitali. L-iżvilupp ta' spazju Ewropew tad-data tas-saħħa għandu jipprovdi lis-sistemi tal-kura tas-saħħa, lir-riċerkaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi bil-mezzi li jtejjbu d-disponibilità u l-kwalità tal-kura tas-saħħa. Meta wieħed iqis id-dritt fundamentali għall-aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u għat-trattament mediku kif minqux fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u quddiem il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2006¹², jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li jiżguraw l-universalità u l-inklużività tal-kura tas-saħħa, li jfisser li ħadd ma **jista' jiġi rrifjutat** milli jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa, u jappoġġa wkoll dawk l-azzjonijiet li jiżguraw li d-drittijiet tal-pazjenti, inkluż **dawk dwar il-privatezza** tad-data tagħhom, jiġu protetti kif xieraq.

sistemi tas-saħħa madwar l-Unjoni u għar-riformi sistemiċi tagħhom biex jittejjbu l-effettività, l-aċċessibilità u r-reżiljenza tagħhom. Fil-kuntest tat-tali trasformazzjoni u tat-tali riformi, jenħtieġ li b'sinerġija mal-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm jippromwovi azzjonijiet li jmexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa, **inklużi s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva**, u li jżidu l-interoperabbiltà tagħhom, li jikkontribwixxu biex iżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika li jrawmu l-prevenzjoni tal-mard u **l-promozzjoni, l-informazzjoni u l-edukazzjoni tas-saħħa, inkluża l-promozzjoni tas-saħħa sensitiva għall-ġeneru**, li jipprovdu mudelli ġodda **u mtejjba** tal-kura, **inkluż il-forniment tal-indukrar għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità**, u li joffru servizzi integrati **li jkopru l-aspetti kollha tas-saħħa**, mill-kura komunitarja u l-kura tas-saħħa primarja sas-servizzi speċjalizzati ħafna **inklużi servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, imsejsa fuq il-ħtiġijiet** tan-nies, **b'approċċ intersezzjonali u sensitiv għall-ġeneru għall-indirizzar tal-fatturi determinanti soċjali tas-saħħa u l-vulnerabbiltajiet differenzjati li jwasslu għal eżiti inekwi tas-saħħa**, u li jiżguraw ħaddiema **tas-saħħa pubblika** effikaċi li jkollhom il-ħiliet tajbin, fosthom dawk diġitali. L-iżvilupp ta' spazju Ewropew tad-data tas-saħħa għandu jipprovdi lis-sistemi tal-kura tas-saħħa, lir-riċerkaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi bil-mezzi li jtejjbu d-disponibilità u l-kwalità tal-kura tas-saħħa. **Dan il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-ġbir ta' data b'livell għoli ta' kwalità u li tkun komparabbli, affidabbli, komprensiva u diżaggregata skont l-età u l-ġeneru, kif ukoll data speċifika għall-ġeneru, biex jitkejjel il-progress lejn il-ksib tal-miri kollha tal-SDG Nru 3, inkluż l-SDG Nru 3.7, f'konformità mal-qafas tal-indikaturi globali tal-SDGs.** Meta wieħed iqis id-dritt fundamentali għall-aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u

għat-trattament mediku kif minqux fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u quddiem il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2006¹² jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li jiżguraw l-universalità u l-inklużività tal-kura tas-saħħa, li jfisser li ħadd ma ***jkun proibit*** milli jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa, u jappoġġa wkoll dawk l-azzjonijiet li jiżguraw li d-drittijiet tal-pazjenti, inkluż ***id-dritt għal kura b'dinjità u b'rispett, ħielsa minn kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, maltrattament jew vjolenza, id-dritt għal informazzjoni preċiża u oġġettiva dwar l-aspetti kollha tas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva, id-dritt għall-kunfidenzjalità tal-pazjenti u d-dritt għall-privatezza*** tad-data tagħhom, jiġu protetti kif xieraq.

¹² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1).

¹² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valuri u l-prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1).

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Jekk in-nies jinżammu f'saħħithom u attivi aktar fit-tul u jitħeġġu biex jieħdu rwol attiv fit-tmexxija ta' saħħithom, dan iħalli effetti pożittivi fuq is-saħħa, l-inugwaljanzi fis-saħħa, il-kwalità tal-ħajja, il-produttività, il-kompetittività u l-inklużività, filwaqt li tonqos il-pessjoni fuq il-baġits nazzjonali. Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri ta' żvilupp sostenibbli stabbiliti fl-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU", b'mod partikolari l-

Emenda

(16) Jekk in-nies jinżammu f'saħħithom u attivi aktar fit-tul u jitħeġġu biex jieħdu rwol attiv fit-tmexxija ta' saħħithom ***filwaqt li jitqiesu l-fatturi ta' riskju speċifiċi għall-ġeneru***, dan iħalli effetti pożittivi fuq is-saħħa, l-inugwaljanzi fis-saħħa, il-kwalità tal-ħajja, il-produttività, il-kompetittività u l-inklużività, filwaqt li tonqos il-pessjoni fuq il-baġits nazzjonali. Il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri ta' żvilupp sostenibbli stabbiliti fl-"Aġenda 2030

Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età".¹³ Għalhekk jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-azzjonijiet meħuda biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

¹³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli. Azzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà (COM(2016) 739 final, 22.11.2016).

għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU", b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 3 "Jiġu żgurati ħajjiet f'saħħithom u jiġi promoss il-benesseri għal kulħadd f'kull età".¹³ Għalhekk jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-azzjonijiet meħuda biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, ***inklużi l-miri 3.7, 3.8, 3.B u 5.6.***

¹³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli. Azzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà (COM(2016) 739 final, 22.11.2016).

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Id-disparitajiet fl-aċċess għall-kura tas-saħħa jeżistu fl-Istati Membri kollha: in-nisa minn żoni rurali u remoti għandhom inqas aċċess għal prattikanti mediċi, programmi tas-saħħa mentali, screening, faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u servizzi tal-ippjanar tal-familja, u dan ifisser inqas kura preventiva u ħinijiet ta' rispons itwal f'każ ta' emerġenza. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi aktar biex jiffaċilita l-aċċess ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa għall-Ewropej kollha, speċjalment dawk li jgħixu f'reġjuni extraurbani, rurali u muntanjużi.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 16a (ġdida)

(16a) *Is-sensittività u l-għarfien fir-rigward tal-ġeneri u tas-sessi jeħtieġ li jittejbu fl-edukazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa, ir-riċerka, id-dijanjożi, it-trattament u l-impatt tal-mediċini u t-terapewtika biex iż-żewġ sessi jiġu mifhuma aħjar u kkurati aħjar.*

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Il-mard li ma jitteħidx ġej minn taħlita ta' fatturi ġenetiċi, fiżjoloġiċi, ambjentali u ta' mġiba. Dan il-mard li ma jitteħidx, bħall-mard kardjovaskulari, il-kanċer, il-mard respiratorju kroniku, u d-dijabete, jirrappreżenta l-kawżi ewlenin tad-diżabbiltà, tal-problemi ta' saħħa, tal-irtirar marbut mas-saħħa, u tal-imwiet prematuri fl-Unjoni, li jirriżulta f'impatti soċjali u ekonomiċi konsiderevoli. Sabiex jitnaqqas l-impatt tal-mard li ma jitteħidx fuq l-individwi u fuq is-soċjetà fl-Unjoni u tintlaħaq il-Mira 3.4 tal-għan 3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiġifieri li titnaqqas il-mortalità prematura mill-mard li ma jitteħidx b'terz sal-2030, huwa essenzjali li jkun hemm rispons integrat li jiffoka fuq il-prevenzjoni fis-setturi u fl-oqsma ta' politika kollha, flimkien ma' sforzi biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa.

(17) Il-mard li ma jitteħidx ġej minn taħlita ta' fatturi ġenetiċi, fiżjoloġiċi, ambjentali u ta' mġiba. Dan il-mard li ma jitteħidx, bħall-mard kardjovaskulari, il-kanċer, il-mard respiratorju kroniku, u d-dijabete, jirrappreżenta l-kawżi ewlenin tad-diżabbiltà, tal-problemi ta' saħħa, tal-irtirar marbut mas-saħħa, u tal-imwiet prematuri fl-Unjoni, li jirriżulta f'impatti soċjali u ekonomiċi konsiderevoli. Sabiex jitnaqqas l-impatt tal-mard li ma jitteħidx fuq l-individwi u fuq is-soċjetà fl-Unjoni u tintlaħaq il-Mira 3.4 tal-għan 3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jiġifieri li titnaqqas il-mortalità prematura mill-mard li ma jitteħidx b'terz sal-2030, huwa essenzjali li jkun hemm rispons integrat li jiffoka fuq il-prevenzjoni fis-setturi u fl-oqsma ta' politika kollha, flimkien ma' sforzi biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa. ***Minbarra l-SDG Nru 3.4, se jkun essenzjali li jintlaħaq l-SDG Nru 3.7 dwar is-saħħa u sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati. Għalhekk, jenħtieġ li dan il-Programm jikkontribwixxi għall-aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u r-rispett sħiħ tagħhom fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali.***

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Il-mard li jittieħed bħall-HIV/AIDS, it-tuberkulożi u l-epatite virali jistgħu jolqtu lin-nisa u l-irġiel b'mod differenti, u għandhom dimensjoni soċjali li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod multidixxiplinarju. Jenħtieġ li jiġu miġġielda mhux biss bl-antivirali u bil-vaċċini, iżda wkoll bl-edukazzjoni, bl-informazzjoni u b'interventi soċjali u psikoloġiċi adegwati. Dan jgħodd ukoll għal problemi bħall-vizzju tad-droga jew tal-alkoħol. Għal dan il-għan, l-investimenti f'approċċi innovattivi bbażati fil-komunità għall-ġlieda kontra l-mard li jittieħed, kif ukoll l-istrateġiji ta' prevenzjoni kontra l-infezzjonijiet trażmessi sesswalment, huma essenzjali.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17b) Il-mard trażmess sesswalment jirrappreżenta piż tas-saħħa dejjem akbar, b'riskji miżjuda ta' kanċer u ta' plurireżistenza.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 18

(18) Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja ta' individwu **u għall-promozzjoni** tas-saħħa billi jindirizza l-fatturi ta' riskju għas-saħħa, **bħall-użu** tat-tabakk u l-prodotti relatati miegħu u l-esponiment għall-emissjonijiet tagħhom, l-użu dannuż tal-alkoħol, u l-konsum ta' drogi illeċiti. Jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis fil-ħsara tas-saħħa relatata mad-drogi, mal-vizzji fid-dieta ta' ħsara għas-saħħa u l-inattività fiżika, u l-esponiment għat-tnaqqis ambjentali, u jrawwem ambjenti ta' appoġġ għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa sabiex jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma. Għaldaqstant, jenħtieġ ukoll li l-programm jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 19

(19) Wara l-mard kardjovaskulari, il-kanċer jiġi fit-tieni post bħala l-kawża ewlenija tal-imwiet fl-Istati Membri. Il-kanċer huwa marda li tiffurma parti mill-mard li ma jitteħidx li jikkondividi fatturi ta' riskju komuni u li l-prevenzjoni u l-kontroll tiegħu jkunu ta' benefiċċju għall-maġġoranza taċ-ċittadini. Fl-2020, il-Kummissjoni ħabbret "il-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer" li jkopri ċ-ċiklu

(18) Għalhekk, jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-mard tul il-ħajja ta' individwu **b'approċċ sensittiv għall-ġeneru, li jqis ir-riskji speċifiċi għall-ġeneru inkluż l-impatt ta' stereotipi li jwasslu għal aktar riskji għas-saħħa u jikkontribwixxi għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-promozzjoni** tas-saħħa billi jindirizza l-fatturi ta' riskju għas-saħħa, **bħall-imġiba li tkun ta' ħsara, l-użu** tat-tabakk u l-prodotti relatati miegħu u l-esponiment għall-emissjonijiet tagħhom, l-użu dannuż tal-alkoħol, u l-konsum ta' drogi illeċiti. Jenħtieġ li l-Programm jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis fil-ħsara tas-saħħa relatata mad-drogi, mal-vizzji fid-dieta ta' ħsara għas-saħħa u l-inattività fiżika, u l-esponiment għat-tnaqqis ambjentali, u jrawwem ambjenti ta' appoġġ għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa sabiex jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma. Għaldaqstant, jenħtieġ ukoll li l-programm jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġija għall-Bijodiversità.

(19) Wara l-mard kardjovaskulari, il-kanċer jiġi fit-tieni post bħala l-kawża ewlenija tal-imwiet fl-Istati Membri. Il-kanċer huwa marda li tiffurma parti mill-mard li ma jitteħidx li jikkondividi fatturi ta' riskju komuni u li l-prevenzjoni u l-kontroll tiegħu jkunu ta' benefiċċju għall-maġġoranza taċ-ċittadini. Fl-2020, il-Kummissjoni ħabbret "il-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer" li jkopri ċ-ċiklu

sħiħ tal-marda, li jibda mill-prevenzjoni u d-dijanjożi bikrija sal-kura u l-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti u tas-superstiti. Jenħtieġ li l-miżuri jibbenefikaw mill-Programm u mill-Missjoni tal-programm Orizzont Ewropa dwar il-Kanċer.

sħiħ tal-marda, li jibda mill-prevenzjoni u d-dijanjożi bikrija sal-kura u l-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti u tas-superstiti. Jenħtieġ li l-miżuri jibbenefikaw mill-Programm u mill-Missjoni tal-programm Orizzont Ewropa dwar il-Kanċer. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-kanċer tal-partijiet riproduttivi tal-ġisem, inkluż il-kanċer tas-sider.***

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Il-Programm l-UE għas-Saħħa se jaħdem f'sinerġija u kumplimentarjetà ma' politiki u fondi oħra tal-UE, bħall-azzjonijiet implimentati bil-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropea, ir-riżerva rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, il-Fond Soċjali Ewropew+ (ESF+, inkluż fir-rigward tas-sinerġiji dwar il-protezzjoni mtejba tas-saħħa u s-sigurtà ta' miljuni ta' ħaddiema fl-UE), inkluż il-Ferġha tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-fond InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi, l-Erasmus, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), u l-istrumenti ta' azzjoni esterni tal-UE, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III. Fejn xieraq, se jiġu stabbiliti regoli komuni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-fondi, filwaqt li jiġi żgurat li l-ispeċifitàjiet ta' dawn il-politiki jiġu rispettati, u bil-ħsieb li jiġu allinjati r-reqwiziti strateġiċi ta' dawn il-

Emenda

(20) Il-Programm se jaħdem f'sinerġija u komplimentarjetà ma' politiki, programmi u fondi oħra tal-UE, bħall-azzjonijiet implimentati bil-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropea, ir-riżerva rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza, il-Fond Soċjali Ewropew + (ESF+, inkluż fir-rigward tas-sinerġiji dwar il-protezzjoni mtejba tas-saħħa u s-sigurtà ta' miljuni ta' ħaddiema fl-UE), inkluż il-Ferġha tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-fond InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza inkluż l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi, l-Erasmus, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-programm Ġustizzja, Drittijiet u Valuri, l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), u l-istrumenti ta' azzjoni esterni tal-UE, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III. Fejn xieraq, se jiġu stabbiliti regoli komuni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-fondi, filwaqt li jiġi żgurat li l-ispeċifitàjiet ta' dawn il-politiki jiġu

politiki, il-programmi u l-fondi, bħall-kundizzjonijiet abilitanti tal-FEŻR u tal-ESF+.

rispettati, u bil-ksieb li jiġu allinjati r-rekwiżiti strateġiċi ta' dawn il-politiki, il-programmi u l-fondi, bħall-kundizzjonijiet abilitanti tal-FEŻR u tal-ESF+.

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet biex jimmonitorja n-nuqqas ta' mediċini, ta' apparat mediku u ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa u biex jiżgura aktar disponibbiltà u affordabbiltà ta' daww il-prodotti filwaqt li jillimita d-dipendenza tal-ktajjen tal-provvista tagħhom fuq pajjiżi terzi. B'mod partikolari, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, il-Programm jenħtieġ li jipprovi appoġġ għall-provi kliniċi sabiex jitħaffu l-iżvilupp ta' mediċini innovattivi u effettivi, l-awtorizzazzjoni tagħhom u l-aċċess għalihom, sabiex jiġu promossi inċentivi għall-iżvilupp ta' prodotti mediċinali bħall-antimikrobiċi u sabiex titrawwem it-trasmazzjoni diġitali tal-prodotti tal-kura tas-saħħa u jitrawmu pjattaformi għall-monitoraġġ u l-għbir tal-informazzjoni dwar il-mediċini.

Emenda

(22) Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet biex jimmonitorja n-nuqqas ta' mediċini, ta' apparat mediku u ta' prodotti oħra tal-kura tas-saħħa, ***inklużi l-prodotti tas-saħħa sesswali u riproduttiva, u prodotti essenzjali għaż-żamma ta' stil ta' ħajja li jaġevola s-saħħa***, u biex jiżgura aktar disponibbiltà u affordabbiltà ta' daww il-prodotti filwaqt li jillimita d-dipendenza tal-ktajjen tal-provvista tagħhom fuq pajjiżi terzi. B'mod partikolari, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, il-Programm jenħtieġ li jipprovi appoġġ għall-provi kliniċi sabiex jitħaffu l-iżvilupp ta' mediċini innovattivi u effettivi, l-awtorizzazzjoni tagħhom u l-aċċess għalihom ***għal kulħadd, inklużi n-nisa tqal***, sabiex jiġu promossi inċentivi għall-iżvilupp ta' prodotti mediċinali bħall-antimikrobiċi u sabiex titrawwem it-trasmazzjoni diġitali tal-prodotti tal-kura tas-saħħa u jitrawmu pjattaformi għall-monitoraġġ u l-għbir tal-informazzjoni dwar il-mediċini, ***filwaqt li jiġi żgurati li l-provi kliniċi jkunu d-diversità, inklużi l-ugwaljanza tal-ġeneru, tal-popolazzjoni Ewropea fir-riċerka tagħhom***.

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa tħalli impatt immedjat fuq is-saħħa pubblika, ħajjet iċ-ċittadini, l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-qafas regolatorju għall-prodotti u t-teknoloġiji mediċi (il-prodotti mediċinali, it-tagħmir mediku u s-sustanzi ta' oriġini umana), kif ukoll għal-leġiżlazzjoni dwar it-tabakk, id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera u t-theddid transfruntier serju għas-saħħa huwa essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa fl-Unjoni. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u jipprovdi data ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli biex jirfed it-tfassil tal-politiki u l-monitoraġġ.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Il-kooperazzjoni transfruntiera fl-għoti tal-kura tas-saħħa lill-pazjenti li jiċċaqalqu minn Stat Membru għall-ieħor, il-kollaborazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa (HTA), u n-Networks ta' Referenza Ewropej (NRE) huma eżempji ta' oqsma fejn ix-xogħol integrat fost l-Istati Membri wera li għandu valur miżjud b'saħħtu u potenzjal kbir biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa u b'hekk is-saħħa b'mod ġenerali. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa attivitajiet li jippermettu t-tali ħidma integrata u kkoordinata, li sservi wkoll biex trawwem l-implimentazzjoni ta' Prattiki b'impatt qawwi li għandhom l-għan li jqassmu ir-riżorsi disponibbli lill-

Emenda

(25) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa tħalli impatt immedjat fuq is-saħħa pubblika, ħajjet iċ-ċittadini, l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-qafas regolatorju għall-prodotti u t-teknoloġiji mediċi (il-prodotti mediċinali, it-tagħmir mediku u s-sustanzi ta' oriġini umana), kif ukoll għal-leġiżlazzjoni dwar it-tabakk, id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera u t-theddid transfruntier serju għas-saħħa huwa essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa fl-Unjoni. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u jipprovdi data ta' kwalità għolja, komparabbli, ***diżaggregata skont is-sess*** u affidabbli biex jirfed it-tfassil tal-politiki u l-monitoraġġ.

Emenda

(26) Il-kooperazzjoni transfruntiera fl-għoti tal-kura tas-saħħa lill-pazjenti li jiċċaqalqu minn Stat Membru għall-ieħor, il-kollaborazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa (HTA), u n-Networks ta' Referenza Ewropej (NRE) huma eżempji ta' oqsma fejn ix-xogħol integrat fost l-Istati Membri wera li għandu valur miżjud b'saħħtu u potenzjal kbir biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tas-saħħa u b'hekk is-saħħa b'mod ġenerali. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa attivitajiet li jippermettu t-tali ħidma integrata u kkoordinata, li sservi wkoll biex trawwem l-implimentazzjoni ta' Prattiki b'impatt qawwi li għandhom l-għan li jqassmu ir-riżorsi disponibbli lill-

popolazzjoni u lill-oqsma kkonċernati bl-aktar mod effettiv sabiex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom.

popolazzjoni u lill-oqsma kkonċernati bl-aktar mod effettiv sabiex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom **billi jitnaqqsu l-inugwaljanzi permezz tal-kunsiderazzjoni tas-sess, il-ġeneru u l-età, u l-istabiliment ta' Network ta' Referenza għall-użu sikur tal-mediċini waqt it-tqala u t-treddigħ.**

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Il-programm jenħtieġ li jiżgura aċċess f'waqtu għall-prodotti meħtieġa biex jiġu pprovduti saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (bħala pereżempju mediċini, kontraċettivi ta' diversi tipi, tagħmir mediku għall-proċeduri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati).

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33) Meta wieħed iqis il-valuri komuni maqbula ta' solidarjetà lejn kopertura universali u ekwa tas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità bħala bażi għall-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u li l-unjoni għandha rwol ċentrali x'taqdi fit-tħaffif tal-progress tal-isfidi globali tas-sahha¹⁹, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi internazzjonali u globali tas-saħħa bil-mira li titjieb is-saħħa, jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u tiżdied il-protezzjoni kontra t-tħeddid globali għas-saħħa.

(33) Meta wieħed iqis il-valuri komuni maqbula ta' solidarjetà lejn kopertura universali u ekwa tas-servizzi tas-saħħa ta' kwalità bħala bażi għall-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u li l-unjoni għandha rwol ċentrali x'taqdi fit-tħaffif tal-progress tal-isfidi globali tas-sahha¹⁹, jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi internazzjonali u globali tas-saħħa bil-mira li titjieb is-saħħa, **inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva**, jiġu indirizzati l-inugwaljanzi, **b'mod partikolari l-inugwaljanzi tal-ġeneru**, u tiżdied il-protezzjoni kontra t-tħeddid

globali għas-saħħa.

¹⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fis-Saħħa Globali, adottati fit-3011-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-10 ta' Mejju 2010, fi Brussell.

¹⁹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-UE fis-Saħħa Globali, adottati fit-3011-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-10 ta' Mejju 2010, fi Brussell.

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li 25 % min-nefqa tal-baġit tal-UE tkun tappoġġa l-oġettivi marbutin mal-klima. L-azzjonijiet **rilevanti** se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm, u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tiegħu.

Emenda

(40) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, **u l-impatt tiegħu fuq in-nisa u l-bniet**, skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li 25 % min-nefqa tal-baġit tal-UE tkun tappoġġa l-oġettivi marbutin mal-klima. L-azzjonijiet **relevanti** se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm, u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tiegħu.

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(40a) Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li tinkiseb l-ugwaljanza tal-ġeneru, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jintegra l-ugwaljanza tal-ġeneru b'mod sistematiku fil-politiki tal-Unjoni. Se juża għodda tal-integrazzjoni sistematika tal-ġeneru u tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru biex jiżgura li r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa jsiru

b'mod sensitiv għall-ġeneru u trasformattiv u li l-ħtiġijiet tas-saħħa speċifiċi tan-nisa u l-bniet jiġi indirizzati matul u wara kriżi tas-saħħa.

Emenda 33

Proposta għal regolament Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Minħabba n-natura u l-iskala potenzjali tat-theddid transfruntier għas-saħħa tal-bniedem, l-objettiv li n-nies fl-Unjoni jiġu protetti minn theddid bħal dan u li jiżdiedu l-prevenzjoni tal-kriżijiet u t-tnejjija għalihom ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. F'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjeta kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tittieħed ukoll biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, sabiex titjieb id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċina, tal-apparat mediku u ta' prodotti oħra rilevanti għall-kriżijiet fl-Unjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni u sabiex tiġi appoġġata l-ħidma u l-implimentazzjoni koordinata u integrata tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, u sabiex tindirizza l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-saħħa fl-UE kollha b'mod li joħloq titjib fl-effiċjenza u impatt ta' valur miżjud meħuda fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenza u r-responsabbiltà tal-Istati Membri fl-oqsma koperti mill-Programm. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Emenda

(43) Minħabba n-natura u l-iskala potenzjali tat-theddid transfruntier għas-saħħa tal-bniedem, l-objettiv li n-nies fl-Unjoni jiġu protetti minn theddid bħal dan u li jiżdiedu l-prevenzjoni tal-kriżijiet u t-tnejjija għalihom ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. F'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjeta kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tittieħed ukoll biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, sabiex titjieb id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċina, tal-apparat mediku u ta' prodotti oħra rilevanti għall-kriżijiet fl-Unjoni, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni u sabiex tiġi appoġġata l-ħidma u l-implimentazzjoni koordinata u integrata tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, u sabiex tindirizza l-inugwaljanzi fl-aċċess għas-saħħa fl-UE kollha. ***L-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki jenħtieġ li tiġi appoġġata fl-aspetti kollha tas-saħħa inklużi l-aspetti tal-ġeneru, kif iddikjarat fl-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. L-inugwaljanzi tas-saħħa jenħtieġ li jiġu indirizzati kemm bejn l-Istati Membri tal-UE kif ukoll fi ħdanhom, filwaqt li jiġu indirizzati l-fatturi determinanti soċjali kollha tas-saħħa, inkluż il-ġeneru. Dawn l-azzjonijiet għandhom jitwettqu*** b'mod li joħloq titjib fl-effiċjenza u impatt ta' valur miżjud meħuda fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenza u r-

responsabbiltà tal-Istati Membri fl-oqsma koperti mill-Programm. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) "prodotti rilevanti għall-kriżi" tfisser il-prodotti u s-sustanzi neċessarji, fil-kuntest ta' kriżi tas-saħħa, biex jipprevjenu marda u l-konsegwenzi tagħha, biex issir dijanjożi tagħhom jew biex dawn jiġu ttrattati, u tinkludi l-prodotti li ġejjin, iżda mhix limitata għalihom: il-prodotti mediċinali - inkluż il-vaċċini - u s-sustanzi intermedji tagħhom, l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi u l-materja prima; l-apparat mediku; it-tagħmir mediku u tal-isptarijiet (bħall-ventilaturi, l-ilbies u t-tagħmir protettiv, u l-materjali u l-għodod dijanjożiċi); it-tagħmir protettiv personali; id-diżinfettanti u l-prodotti intermedjarji tagħhom u l-materja prima neċessarja għall-produzzjoni tagħhom;

Emenda

(4) "prodotti rilevanti għall-kriżi" tfisser il-prodotti u s-sustanzi neċessarji, fil-kuntest ta' kriżi tas-saħħa, biex jipprevjenu marda u l-konsegwenzi tagħha, biex issir dijanjożi tagħhom jew biex dawn jiġu ttrattati, ***kif ukoll prodotti u sustanzi mediċi oħra li jibqgħu essenzjali fil-kuntest usa' tal-kura tas-saħħa matul kriżi tas-saħħa***, u tinkludi l-prodotti li ġejjin, iżda mhix limitata għalihom: il-prodotti mediċinali - inkluż il-vaċċini - u s-sustanzi intermedji tagħhom, l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi u l-materja prima; l-apparat mediku; it-tagħmir mediku u tal-isptarijiet (bħall-ventilaturi, l-ilbies u t-tagħmir protettiv, u l-materjali u l-għodod dijanjożiċi); it-tagħmir protettiv personali; id-diżinfettanti u l-prodotti intermedjarji tagħhom u l-materja prima neċessarja għall-produzzjoni tagħhom;

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) għandu jkollu l-għan li jelimina l-inugwaljanzi, u li jippromwovi l-ugwaljanza, bejn in-nisa u l-irġiel;

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) għandu jtejjeb id-disponibbiltà fl-Unjoni ta' mediċini, apparat mediku u prodotti oħra li huma **rilevanti** għall-kriżijiet, jikkontribwixxi **għall-affordabbiltà** tagħhom u jappoġġa l-innovazzjoni;

Emenda

(2) għandu jtejjeb id-disponibbiltà fl-Unjoni ta' mediċini, apparat mediku u prodotti oħra li huma **relevanti** għall-kriżijiet, jikkontribwixxi **għall-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà** tagħhom u jappoġġa l-innovazzjoni;

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) għandu jsaħħaħ is-sistemi tas-saħħa u l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz tat-trasformazzjoni diġitali u permezz ta' aktar ħidma integrata u koordinata fost l-Istati Membri u ta' implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki u tal-kondiviżjoni tad-data, biex jiżjed il-livell ġenerali tas-saħħa pubblika.

Emenda

(3) għandu jsaħħaħ is-sistemi tas-saħħa u l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz tat-trasformazzjoni diġitali u permezz ta' aktar ħidma integrata u koordinata fost l-Istati Membri u ta' implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki u tal-kondiviżjoni **komprensiva** tad-data **dwar l-aspetti kollha tas-saħħa**, biex jiżjed il-livell ġenerali tas-saħħa pubblika.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) l-għoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet li jiżguraw id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà xierqa tal-prodotti rilevanti għall-kriżi u ta' provvisti oħra tas-saħħa **neċessarji**;

Emenda

(3) l-għoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet li jiżguraw id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà xierqa tal-prodotti rilevanti għall-kriżi, **ta' prodotti essenzjali għaż-żamma ta' stil ta' ħajja li jaġevola s-saħħa** u ta' provvisti oħra **essenzjali** tas-saħħa;

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) it-tisħiħ tal-effettività, tal-aċċessibilità, tas-sostenibilità u tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluż billi tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali, tal-użu tal-ġhodod u s-servizzi diġitali, tar-riformi sistemiċi, tal-implimentazzjoni ta' mudelli ġodda ta' kura u ta' kopertura universali tas-saħħa, u l-indirizzar tal-inugwaljanzi *fis-settur* tas-saħħa;

Emenda

(4) it-tisħiħ tal-effettività, tal-aċċessibilità, tas-sostenibilità u tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluż billi tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali, tal-użu tal-ġhodod u s-servizzi diġitali, tar-riformi sistemiċi, tal-implimentazzjoni ta' mudelli ġodda ta' kura, ***inkluż il-forniment ta' indukrar għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità, il-ksib*** ta' kopertura universali tas-saħħa ***li tinkludi l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati***, u l-indirizzar tal-inugwaljanzi ***fil-kura tas-saħħa u fil-forniment tal-kura*** tas-saħħa, ***inklużi l-inugwaljanzi tal-ġeneru u dawk intersezzjonali***;

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) l-ġhoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet immirati biex isaħħu l-abbiltà tas-sistema tas-saħħa li trawwem il-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni tas-saħħa, id-drittijiet tal-pazjenti u l-kura tas-saħħa transfruntiera, u ***l-promozzjoni tal-eċċellenza*** tal-professjonisti fil-qasam mediku u tal-kura tas-saħħa;

Emenda

(5) l-ġhoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet immirati biex isaħħu l-abbiltà tas-sistema tas-saħħa li trawwem il-prevenzjoni tal-mard u l-promozzjoni, ***l-informazzjoni u l-edukazzjoni*** tas-saħħa ***bl-użu ta' perspettiva tal-ġeneru***, id-drittijiet tal-pazjenti u ***li tippromwovi*** l-kura tas-saħħa transfruntiera u ***l-eċċellenza*** tal-professjonisti fil-qasam mediku u tal-kura tas-saħħa;

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) l-ġhoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet

Emenda

(6) l-ġhoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet

għas-sorveljanza, ***l-prevenzjoni***, id-dijanjożi u t-trattament u l-kura ta' mard li ma jitteħidx, u b'mod partikolari tal-kanċer;

għas-sorveljanza, ***il-prevenzjoni***, id-dijanjożi u t-trattament u l-kura ta' mard li ma jitteħidx, u b'mod partikolari tal-kanċer, ***b'attenzjoni speċifika mogħtija lill-kanċer tal-partijiet riproduttivi tal-ġisem, inkluż il-kanċer tas-sider***;

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) l-ġhoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet maħsuba biex jindirizzaw kwistjonijiet tas-saħħa relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u li jappoġġaw lill-pazjenti vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) l-ġhoti ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u l-provvista ta' data affidabbli, komparabbli ***u*** ta' kwalità għolja sabiex isservi ta' pedament għall-ħolqien tal-politiki u l-monitoraġġ tagħha, u l-promozzjoni tal-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa tal-politiki rilevanti;

(8) l-ġhoti ta' appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u l-provvista ta' data affidabbli, komparabbli, ta' kwalità għolja, ***komprensiva u diżaggregata skont il-ġeneru u l-età u data speċifika għall-ġeneru*** sabiex isservi ta' pedament għall-ħolqien tal-politiki u l-monitoraġġ tagħha, ***l-appoġġ lill-forniment tal-kura u r-rispons għall-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati***, u l-promozzjoni tal-użu tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa tal-politiki rilevanti ***li jkunu reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru;***

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) l-għoti ta' appoġġ għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi ***dinjin*** u internazzjonali b'rabta mas-saħħa.

Emenda

(10) l-għoti ta' appoġġ għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-inizjattivi ***dinjija*** u internazzjonali b'rabta mas-saħħa, ***inkluż inizjattivi dinjija li jappoġġaw il-forniment sikur u f'waqtu ta' servizzi u drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva u l-aċċess għalihom;***

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli dwar il-pjanijiet ta' ħidma stabbiliti għall-Programm u l-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet strateġiċi tiegħu u dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet tas-saħħa ***u lill-korpi kompetenti fil-qasam tal-ugwaljanza tal-ġeneru*** tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli dwar il-pjanijiet ta' ħidma stabbiliti għall-Programm u l-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet strateġiċi tiegħu u dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Emenda

Il-programmi ta' ħidma huma msejsa fuq valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneri.

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Għandhom jiġi miġbura indikaturi, fejn relevanti, b'mod diżaggregat skont il-ġeneru.

Emenda 48

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-evalwazzjonijiet għandhom ikunu reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-monitoraġġ tal-infiq intiż għal għanijiet relatati mal-ugwaljanza tal-ġeneru.

Emenda 49

**Proposta għal regolament
Anness I – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) It-trasferiment, l-adattament u l-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u ta' soluzzjonijiet innovattivi b'valur miżjud stabbilit fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri, u appoġġ imfassal apposta skont il-pajjiż għall-pajjiżi jew għall-gruppi ta' pajjiżi li l-iktar għandhom bżonn, permezz tal-finanzjament ta' proġetti speċifiċi inkluż il-ġemellaġġ, il-pariri mill-esperti u l-appoġġ bejn il-pari.

(b) It-trasferiment, l-adattament u l-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u ta' soluzzjonijiet innovattivi, **inkluż fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u aspetti oħra tas-saħħa li huma relatati mal-ġeneru**, b'valur miżjud stabbilit fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri, u appoġġ imfassal apposta skont il-pajjiż għall-pajjiżi jew għall-gruppi ta' pajjiżi li l-iktar għandhom bżonn, permezz tal-finanzjament ta' proġetti speċifiċi inkluż il-ġemellaġġ, il-pariri mill-esperti u l-appoġġ bejn il-pari.

Emenda 50

**Proposta għal regolament
Anness I – punt c – punt iii**

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) il-gruppi ta' esperti u l-bordijiet li jipprovdu pariri, data u informazzjoni ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa;

Emenda

(iii) il-gruppi ta' esperti u l-bordijiet li jipprovdu pariri, data u informazzjoni ta' appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tas-saħħa; ***għandu jkun hemm bilanċ tal-ġeneru fost il-gruppi ta' esperti u bordijiet ifffinanzjati;***

Emenda 51

**Proposta għal regolament
Anness I – punt c – punt iv**

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) l-istudji u l-analiżi, u l-pariri xjentifiċi ta' appoġġ għat-tfassil tal-politika, u ta' appoġġ lill-kumitati xjentifiċi dwar "is-Sikurezza tal-Konsumatur" u dwar "ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti".

Emenda

(iv) l-istudji u l-analiżi, u l-pariri xjentifiċi ta' appoġġ għat-tfassil tal-politika, u ta' appoġġ lill-kumitati xjentifiċi dwar "is-Sikurezza tal-Konsumatur" u dwar "ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti"; ***l-istudji, l-analizzjiet u l-pariri xjentifiċi kollha għandhom ikunu reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru.***

Emenda 52

**Proposta għal regolament
Anness I – punt d – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta mas-saħħa; u l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti legali;

Emenda

(i) l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta mas-saħħa, inklużi l-aspetti tas-saħħa tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri; u l-appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti legali;

Emenda 53

**Proposta għal regolament
Anness I – punt e – punt iv**

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) l-akkwist tal-oġġetti u tas-servizzi **meħtieġa** għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa u l-azzjonijiet li jiżguraw l-aċċess għal dawk l-oġġetti u s-servizzi essenzjali;

Emenda

(iv) l-akkwist tal-oġġetti u tas-servizzi **li huma essenzjali** għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kriżijiet tas-saħħa u l-azzjonijiet li jiżguraw l-aċċess għal dawk l-oġġetti u s-servizzi essenzjali;

Emenda 54

**Proposta għal regolament
Anness I – punt e – punt v**

Test propost mill-Kummissjoni

(v) it-twaqqif u t-tħaddim ta' riżerva tal-Unjoni ta' persunal u esperti mill-qasam mediku u tal-kura tas-saħħa u t-twaqqif u t-tħaddim ta' mekkaniżmu biex dan il-persunal u dawn l-esperti jiġu allokatu skont il-bżonn biex tiġi evitata kriżi tas-saħħa jew biex jingħata rispons għaliha fl-Unjoni kollha; it-twaqqif u t-tħaddim ta' tim ta' Emerġenza tas-Saħħa tal-Unjoni li jipprovdi pariri mill-esperti u assistenza teknika fuq talba tal-Kummissjoni fil-każ ta' kriżi tas-saħħa.

Emenda

(v) it-twaqqif u t-tħaddim ta' riżerva tal-Unjoni ta' persunal u esperti mill-qasam mediku u tal-kura tas-saħħa u t-twaqqif u t-tħaddim ta' mekkaniżmu biex dan il-persunal u dawn l-esperti jiġu allokatu skont il-bżonn biex tiġi evitata kriżi tas-saħħa jew biex jingħata rispons għaliha fl-Unjoni kollha; it-twaqqif u t-tħaddim ta' tim ta' Emerġenza tas-Saħħa tal-Unjoni li jipprovdi pariri mill-esperti u assistenza teknika fuq talba tal-Kummissjoni fil-każ ta' kriżi tas-saħħa. ***il-korpi kollha li jinħolqu fl-ambitu ta' dan il-programm għandhom ikunu komposti minn tal-inqas 50% nisa u għandhom jinkludu esperti tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u aspetti oħra tas-saħħa li huma relatati mal-ġeneru;***

Emenda 55

**Proposta għal regolament
Anness I – punt g – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

(i) appoġġ lill-azzjonijiet għat-trasferiment tal-għarfien u għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex ikunu megħjuna l-proċessi ta' riforma nazzjonali bil-għan li ***jkun hemm***

Emenda

(i) appoġġ lill-azzjonijiet għat-trasferiment tal-għarfien u għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex ikunu megħjuna l-proċessi ta' riforma nazzjonali bil-għan li ***jiġiebu l-effettività,***

effettività, aċċessibbiltà, sostenibbiltà u reżiljenza mtejbin, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati mis-Semestru Ewropew u tissaħħaħ il-kura primarja, biex *tissaħħaħ* l-integrazzjoni tal-kura u *biex ikun hemm* kopertura universali tas-saħħa u aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa;

l-aċċessibbiltà, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneru, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati mis-Semestru Ewropew u tissaħħaħ il-kura primarja, biex *jissaħħu* l-integrazzjoni tal-kura u *l-kisba ta'* kopertura universali tas-saħħa *li tinkludi l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati* u aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa *inkluż billi jiġu miġġielda l-inugwaljanzi tal-ġeneru u dawk intersezzjonali fis-sistemi tas-saħħa*;

Emenda 56

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) appoġġ biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal mediku u tal-kura tas-saħħa;

Emenda 57

Proposta għal regolament Anness I – punt g – punt xi

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(xi) appoġġ għall-funzjonament tan-Networks Ewropej ta' Referenza u għat-twaqqif u t-tħaddim ta' networks transnazzjonali ġodda stabbiliti f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa, u appoġġ għall-azzjonijiet tal-Istati Membri biex l-attivitajiet ta' dawn in-networks jiġu kkoordinati mal-operat tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali;

(xi) appoġġ għall-funzjonament tan-Networks Ewropej ta' Referenza u għat-twaqqif u t-tħaddim ta' networks transnazzjonali ġodda stabbiliti f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa, u appoġġ għall-azzjonijiet tal-Istati Membri biex l-attivitajiet ta' dawn in-networks jiġu kkoordinati mal-operat tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali; *in-networks kollha ifffinanzjati għandhom ikunu magħmula minn tal-anqas 50 % nisa u għandhom jinkludu esperti dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u aspetti oħra tas-saħħa*

relatati mal-ġeneru;

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Anness I – punt ħa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) azzjonijiet relatati ma' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva:

(i) appoġġ lill-Istati Membri u lill-NGOs fil-promozzjoni u l-forniment ta' aċċess universali għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati inkluż l-ippjanar tal-familja, informazzjoni u edukazzjoni, u l-integrazzjoni tas-saħħa riproduttiva fl-istrateġiji u l-programmi nazzjonali f'konformità mal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-dokumenti ta' eżitu tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 3 u 5 tan-NU;

(ii) azzjonijiet li jappoġġaw l-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u mediċini u prodotti relatati;

(iii) azzjonijiet li jappoġġaw il-kontinwità tal-kura sesswali u riproduttiva (approċċi ta' kura integrata u intersezzjonali għall-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament u l-kura ta' segwitu);

Emenda 59

**Proposta għal regolament
Anness I – punt ħa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) azzjonijiet dwar kwistjonijiet tas-saħħa relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u appoġġ għall-pazjenti vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru:

(i) azzjonijiet li jipprevjenu u jnaqqsu l-vjolenza kontra n-nisa bi problemi tas-saħħa jew b'diżabilitajiet;

(ii) azzjonijiet għall-appoġġ ta' kwistjonijiet tas-saħħa tal-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa, inklużi l-sterilizzazzjoni mġiegħla u l-abortion imġiegħel;

(iii) taħriġ u bini tal-kapaċità għall-professjonisti biex jappoġġaw lill-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa;

(iv) kampanji ta' qawmien ta' kuxjenza dwar id-drittijiet u l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi tal-vjolenza kontra n-nisa.

Emenda 60

Proposta għal regolament Anness I – punt i – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) appoġġ għall-azzjonijiet li jiżguraw disponibbiltà akbar ta' mediċini u apparat mediku fl-Unjoni u li jikkontribwixxu għall-affordabbiltà tagħhom għall-pazjenti u għas-sistemi tas-saħħa;

Emenda

(iv) appoġġ għall-azzjonijiet li jiżguraw disponibbiltà **u aċċessibbiltà** akbar ta' mediċini u apparat mediku fl-Unjoni u li jikkontribwixxu għall-affordabbiltà tagħhom għall-pazjenti u għas-sistemi tas-saħħa;

Emenda 61

Proposta għal regolament Anness I – punt j – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa u tas-sistemi tas-saħħa inkluż permezz tal-valutazzjonijiet komparattivi u tal-bini tal-kapaċità biex jibdeu jitħaddmu għodod u teknoloġiji innovattivi; it-titjib tal-ħiliet diġitali tal-professjonisti tal-qasam tal-kura tas-saħħa;

Emenda

(ii) appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa u tas-sistemi tas-saħħa inkluż permezz tal-valutazzjonijiet komparattivi u tal-bini tal-kapaċità biex jibdeu jitħaddmu għodod u teknoloġiji innovattivi; it-titjib tal-ħiliet diġitali tal-professjonisti tal-qasam tal-kura tas-saħħa, **b'mod partikolari biex jingħalaq id-**

distakk diġitali bejn il-ġeneri;

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt IIIa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***IIIa. l-għadd ta' azzjonijiet u l-aħjar
prattiki li jikkontribwixxu direttament
għall-Għan ta' Żvilupp
Sostenibbli Nru 3.7 għal kull Stat
Membru***

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt IIIb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***IIIb. l-għadd ta' azzjonijiet u l-aħjar
prattiki li jikkontribwixxu direttament
għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 5
għal kull Stat Membru***

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt IIIc (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***IIIc. il-baġit allokat għall-azzjonijiet u
l-aħjar Prattiki li jikkontribwixxu
direttament għall-Għan ta' Żvilupp
Sostenibbli Nru 3.7 għal kull Stat
Membru***

Emenda 65

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 1 – punt IIId (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

III d. il-baġit allokat għall-azzjonijiet u l-aħjar Prattiki li jikkontribwixxu direttament għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 5 għal kull Stat Membru

Emenda 66

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 8a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Infezzjonijiet trazzmessi sesswalment;

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Anness II – parti 2 – punt 14a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

14a. Differenza bejn il-ġeneri fil-pagi fil-forza tax-xogħol tal-qasam tal-kura tas-saħħa

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm tal-UE għas-Saħħa")			
Referenzi	COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD)			
Data meta ġie kkonsultat il-PE	28.5.2020			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.6.2020			
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 17.6.2020	EMPL 17.6.2020	ITRE 17.6.2020	IMCO 17.6.2020
	FEMM 23.7.2020			
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	EMPL 25.6.2020	ITRE 25.6.2020	IMCO 15.6.2020	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Cristian-Silviu Buşoi 2.6.2020			
Eżami fil-kumitat	7.7.2020			
Data tal-adozzjoni	14.10.2020			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 74 -: 5 0: 1			
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nikos Androulakis, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurelia Beigneux, Monika Beňová, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Miriam Dalli, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Bas Eickhout, Eleonora Evi, Agnès Evren, Fredrick Federley, Pietro Focchi, Andreas Glück, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsik, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Athanasios Konstantinou, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Ryszard Antoni Legutko, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan-Ştefan Motreanu, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Luisa Regimenti, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooker, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Linea Søgaaard-Lidell, Nicolae Ştefănuţă, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska			
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Kateřina Konečná			
Data tat-tressiq	20.10.2020			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

74	+
ECR	Sergio BERLATO, Pietro FIOCCHI, Joanna KOPCIŃSKA, Ryszard Antoni LEGUTKO, Alexandr VONDRA, Anna ZALEWSKA
GUE/NGL	Malin BJÖRK, Petros KOKKALIS, Kateřina KONEČNÁ, Silvia MODIG, Mick WALLACE
ID	Simona BALDASSARRE, Marco DREOSTO, Luisa REGIMENTI, Silvia SARDONE
NI	Eleonora EVI, Athanasios KONSTANTINOU
PPE	Bartosz ARLUKOWICZ, Traian BĂSESCU, Alexander BERNHUBER, Nathalie COLIN-OESTERLÉ, Christian DOLESCHAL, Agnès EVREN, Adam JARUBAS, Ewa KOPACZ, Esther de LANGE, Peter LIESE, Fulvio MARTUSCIELLO, Liudas MAŽYLIS, Dolores MONTSERRAT, Dan-Ștefan MOTREANU, Ljudmila NOVAK, Stanislav POLČÁK, Jessica POLFJÄRD, Christine SCHNEIDER, Edina TÓTH, Pernille WEISS, Michal WIEZIK
RENEW	Pascal CANFIN, Fredrick FEDERLEY, Andreas GLÜCK, Martin HOJSÍK, Jan HUITEMA, Frédérique RIES, María Soraya RODRÍGUEZ RAMOS, Nicolae ȘTEFĂNUȚĂ, Linea SØGAARD-LIDELL, Nils TORVALDS, Véronique TRILLET-LENOIR
S&D	Nikos ANDROULAKIS, Marek Paweł BALT, Monika BEŇOVÁ, Simona BONAFÈ, Delara BURKHARDT, Sara CERDAS, Mohammed CHAHIM, Tudor CIUHODARU, Miriam DALLI, Jytte GUTELAND, Javi LÓPEZ, César LUENA, Alessandra MORETTI, Sándor RÓNAI, Günther SIDL, Petar VITANOV, Tiemo WÖLKEN
VERTS/ALE	Margrete AUKEN, Bas EICKHOUT, Pär HOLMGREN, Yannick JADOT, Tilly METZ, Ville NIINISTÖ, Grace O'SULLIVAN, Jutta PAULUS

5	-
ID	Aurelia BEIGNEUX, Catherine GRISET, Teuvo HAKKARAINEN, Sylvia LIMMER, Joëlle MÉLIN

1	0
ECR	Rob ROOKEN

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni